

21.11.2023

A9-0319/ 001-341

## EMENDI 001-341

mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

### Rapport

Frédérique Ries

A9-0319/2023

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

Proposta għal regolament (COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

---

## Emenda 1

### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-prodotti jeħtieġu **li l-imballaġġ jiġi protett** u jkun faċli biex **jiġi ttrasportat** minn fejn **jiġi mmanifatturat** sa fejn **jintuża** jew **jiġi kkunsmat**. Il-prevenzjoni tal-ostakli għas-suq intern għall-imballaġġ hija kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern għall-prodotti. **Ir-Regoli** frammentati u rekwiżiti vagi jikkawżaw kost addizzjonali għall-operaturi ekonomiċi.

*Emenda*

(1) Il-prodotti jeħtieġu **imballaġġ xieraq biex ikunu protetti** u jkun faċli biex **jiġu ttrasportati** minn fejn **jiġu mmanifatturati** sa fejn **jintużaw** jew **jiġu kkunsmati**. Il-prevenzjoni tal-ostakli għas-suq intern għall-imballaġġ hija kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern għall-prodotti. **Regoli** frammentati u rekwiżiti vagi jikkawżaw **inċertezza u** kost addizzjonali għall-operaturi ekonomiċi.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Barra minn hekk, l-imballaġġ juża ammonti kbar ta' materjali verġni (40 %

*Emenda*

(2) Barra minn hekk, l-imballaġġ juża ammonti kbar ta' materjali verġni (40 %

tal-plastik u 50 % **tal-użu** tal-karta fl-Unjoni **huwa** għall-imballaġġ) u jirrappreżenta 36 % tal-iskart solidu muniċipali<sup>30</sup>. Il-livelli għoljin u li qegħdin jiżdiedu b'mod kostanti tal-imballaġġ iġġenerat kif ukoll il-livelli baxxi tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ mhux effiċjenti, jippreżentaw ostakli sinifikanti biex tinkiseb l-ekonomija ċirkolari b'livell baxx **tal-emissjonijiet** tal-karbonju. Minħabba dawn ir-raġunijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jstabbilixxi regoli matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-imballaġġ li jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern billi jarmonizza l-miżuri nazzjonali, filwaqt li jipprevjeni u jnaqqas l-impatti negattivi tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Billi jstabbilixxi miżuri f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

---

<sup>30</sup> Eurostat, Statistika tal-iskart mill-imballaġġ:  
[https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Packaging\\_waste\\_statistics](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Packaging_waste_statistics)

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) F'konformità mal-Patt Ekoloġiku<sup>33</sup>, il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAP)<sup>34</sup> jimpenja ruħu li jsaħħaħ ir-rekwiżiti essenzjali għall-imballaġġ bl-għan li l-imballaġġ kollu jkun jista' jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat sal-2030, u li jiġu kkunsidrati miżuri oħra biex jitnaqqas l-imballaġġ (eċċessiv) u l-iskart mill-imballaġġ, id-disinn jiġi ggwidat biex l-imballaġġ jerġa' jintuża u jiġi rriċiklat, titnaqqas il-kumplessità tal-materjali tal-

tal-plastik u 50 % tal-karta fl-Unjoni **jintużaw** għall-imballaġġ) u jirrappreżenta 36 % tal-iskart solidu muniċipali<sup>30</sup>. Il-livelli għoljin u li qegħdin jiżdiedu b'mod kostanti tal-imballaġġ iġġenerat kif ukoll il-livelli baxxi tal-użu mill-ġdid **u tal-ġbir** u r-riċiklaġġ mhux effiċjenti, jippreżentaw ostakli sinifikanti biex tinkiseb l-ekonomija ċirkolari b'livell baxx **ta' emissjonijiet** tal-karbonju. Minħabba dawn ir-raġunijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jstabbilixxi regoli matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-imballaġġ li jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern billi jarmonizza l-miżuri nazzjonali, filwaqt li jipprevjeni u jnaqqas l-impatti negattivi tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Billi jstabbilixxi miżuri f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

---

<sup>30</sup> Eurostat, Statistika tal-iskart mill-imballaġġ:  
[https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Packaging\\_waste\\_statistics](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Packaging_waste_statistics)

##### *Emenda*

(5) F'konformità mal-Patt Ekoloġiku<sup>33</sup>, il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAP)<sup>34</sup> jimpenja ruħu li jsaħħaħ ir-rekwiżiti essenzjali għall-imballaġġ bl-għan li l-imballaġġ kollu jkun jista' jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat sal-2030, u li jiġu kkunsidrati miżuri oħra biex jitnaqqas l-imballaġġ (eċċessiv) u l-iskart mill-imballaġġ, id-disinn jiġi ggwidat biex l-imballaġġ jerġa' jintuża u jiġi rriċiklat, titnaqqas il-kumplessità tal-materjali tal-

imballaġġ **u** jiġu introdotti rekwiżiti għall-kontenut riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik. Huwa jimpenja lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà tat-tikkettar madwar l-Unjoni kollha li jiffaċilita s-separazzjoni korretta tal-iskart mill-imballaġġ fis-sors.

---

<sup>33</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2019%3A640%3AFIN>

<sup>34</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:98:FIN&WT.mc\\_id=Twitter](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:98:FIN&WT.mc_id=Twitter)

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Oġġett, li huwa parti integrali minn

imballaġġ, jiġu introdotti rekwiżiti għall-kontenut riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik, **u tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' rekwiżiti tal-kontenut riċiklat għall-imballaġġ magħmul minn materjali għajr il-plastik.** Huwa **jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas il-ħela tal-ikel u jħeġġeġ approċċi ċirkolari għall-użu tal-ilma u** jimpenja lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà tat-tikkettar madwar l-Unjoni kollha li jiffaċilita s-separazzjoni korretta tal-iskart mill-imballaġġ fis-sors.

---

<sup>33</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2019%3A640%3AFIN>

<sup>34</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:98:FIN&WT.mc\\_id=Twitter](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:98:FIN&WT.mc_id=Twitter)

*Emenda*

**(9a) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-oġġettivi stabbiliti fi ... [id-direttiva futura dwar l-asserzjonijiet ambjentali (2023/0085(COD))], u... [id-direttiva futura dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika (2022/0092(COD))]. Għandu l-għan li jippromwovi u jappoġġa alternattivi sostanzjali għal soluzzjonijiet ta' imballaġġ aktar sostenibbli.**

*Emenda*

(11) Oġġett, li huwa parti integrali minn

prodott u huwa meħtieġ biex iżomm, jappoġġa jew jippreżerva dak il-prodott matul il-ħajja tiegħu u meta l-elementi kollha jkunu maħsuba biex jintużaw, jiġu kkunsmati jew jintremew flimkien, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala imballaġġ minħabba li l-funzjonalità tiegħu hija intrinsikament marbuta miegħu bħala parti mill-prodott. Madankollu, fid-dawl tal-imġiba *tar-rimi* tal-konsumaturi fir-rigward tal-boroż tat-te u tal-kafè *kif ukoll tal-unitajiet ta' porzjon wieħed għas-sistemi tal-kafè jew tat-te*, li fil-prattika jintremew flimkien mar-residwi tal-prodott li jwassal għall-kontaminazzjoni ta' flussi kompostabbli u tar-riċiklaġġ, dawk l-oġġetti speċifiċi jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala imballaġġ. Dan huwa f'konformità mal-oġġettiv li jiżdied il-ġbir separat tal-bijoskart, kif meħtieġ mill-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-koerenza fir-rigward tal-obbligi finanzjarji u operazzjonali ta' tmiem tal-ħajja, anke l-unitajiet kollha ta' porzjon wieħed tas-sistemi tal-kafè jew tat-te meħtieġa biex ikun fihom il-kafè jew it-te jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala imballaġġ.

---

<sup>41</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/98/KE, u f'konformità mal-ħsieb dwar iċ-ċiklu tal-ħajja biex jinkiseb l-aħjar eżitu ambjentali ġenerali, il-miżuri previsti

prodott u huwa meħtieġ biex iżomm, jappoġġa jew jippreżerva dak il-prodott matul il-ħajja tiegħu u meta l-elementi kollha jkunu maħsuba biex jintużaw, jiġu kkunsmati jew jintremew flimkien, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala imballaġġ minħabba li l-funzjonalità tiegħu hija intrinsikament marbuta miegħu bħala parti mill-prodott. Madankollu, fid-dawl tal-imġiba tal-konsumaturi *f'dak li jikkonċerna r-rimi* fir-rigward tal-boroż tat-te u tal-kafè *jew sistema li tirtab wara l-użu* li fil-prattika jintremew flimkien mar-residwi tal-prodott li jwassal għall-kontaminazzjoni ta' flussi kompostabbli u tar-riċiklaġġ, dawk l-oġġetti speċifiċi jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala imballaġġ. Dan huwa f'konformità mal-oġġettiv li jiżdied il-ġbir separat tal-bijoskart, kif meħtieġ mill-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-koerenza fir-rigward tal-obbligi finanzjarji u operazzjonali ta' tmiem tal-ħajja, anke l-unitajiet kollha ta' porzjon wieħed tas-sistemi tal-kafè jew tat-te meħtieġa biex ikun fihom il-kafè jew it-te jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala imballaġġ.

---

<sup>41</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

#### *Emenda*

(12) F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/98/KE, u f'konformità mal-ħsieb dwar iċ-ċiklu tal-ħajja biex jinkiseb l-aħjar eżitu ambjentali ġenerali, il-miżuri previsti

f'dan ir-Regolament għandhom l-għan li jnaqqsu l-ammont tal-imballaġġ **imqiegħed** fis-suq f'termini tal-volum u tal-piż tiegħu, u li jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, speċjalment permezz tal-minimizzazzjoni tal-imballaġġ, jevitaw l-imballaġġ meta dan ma jkunx meħtieġ, u ż-żieda fl-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. Barra minn hekk, il-miżuri għandhom l-għan li jżidu l-użu tal-kontenut riċiklat fl-imballaġġ, **speċjalment** fl-imballaġġ tal-plastik meta l-użu tal-kontenut riċiklat huwa baxx ħafna, **kif ukoll ir-rati oġhla** tar-riċiklaġġ għall-imballaġġ kollu u l-kwalità **għolja** tal-materja prima sekondarja li tirriżulta, filwaqt li jitnaqqsu forom oħra **tar-rkupru** u **tar-rimi** finali.

f'dan ir-Regolament għandhom l-għan li jnaqqsu l-ammont tal-imballaġġ **introdott** fis-suq f'termini tal-volum u tal-piż tiegħu, u li jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, speċjalment permezz tal-minimizzazzjoni tal-imballaġġ, jevitaw l-imballaġġ meta dan ma jkunx meħtieġ, u ż-żieda fl-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. Barra minn hekk, il-miżuri għandhom l-għan li jżidu l-użu tal-kontenut riċiklat fl-imballaġġ, **b'mod partikolari** fl-imballaġġ tal-plastik meta l-użu tal-kontenut riċiklat huwa baxx ħafna, **billi jsaħħu s-sistemi ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u b'hekk iżidu r-rati** tar-riċiklaġġ għall-imballaġġ kollu u **jtejbu** l-kwalità tal-materja prima sekondarja li tirriżulta, filwaqt li jitnaqqsu forom oħra **ta' rkupru** u **rimi** finali.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart li tqiegħed ir-rimi tal-iskart fil-landfills bħala l-inqas għażla preferuta, il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn rieżami tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE<sup>1a</sup> bl-għan li titħaffef l-eliminazzjoni gradwali tar-rimi tal-iskart mill-imballaġġ fil-landfills.**

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat, immanifatturat u kkummerċjalizzat b'tali mod li jippermetti l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja tiegħu, u li jimminimizza l-impatt tiegħu fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, li jkun ġie ddisinjat għalihom.

*Emenda*

(13) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat, immanifatturat u kkummerċjalizzat b'tali mod li jippermetti l-użu mill-ġdid ***tiegħu għall-akbar numru ta' drabi possibbli*** jew ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja tiegħu, u li jimminimizza l-impatt tiegħu fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, li jkun ġie ddisinjat għalihom. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi għadd minimu ta' rotazzjonijiet għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'kategoriji ta' imballaġġ speċifiċi.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(15a) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFASs) huma familja kbira ta' aktar minn 4 700 sustanza kimika magħmula mill-bniedem f'konformità mad-definizzjonijiet tal-OECD tal-2018<sup>1a</sup>. Minn meta tfaċċaw lejn l-aħħar tas-snin erbgħin, il-PFASs intużaw f'firxa dejjem aktar wiesgħa ta' prodotti għall-konsumatur u applikazzjonijiet industrijali, mill-imballaġġ tal-ikel u l-ħwejjeġ sal-elettronika, l-avjazzjoni u l-fowms għat-tifi tan-nar. Jintużaw għall-kapaċità tagħhom li jirreżistu l-grass u l-ilma, kif ukoll l-istabbiltà u r-reżistenza għolja tagħhom għal temperaturi għoljin, minħabba r-rabta karbonju-fluworu tagħhom. Din ir-rabta hija responsabbli wkoll għall-persistenza estrema tagħhom fl-ambjent. L-esponiment għall-aktar PFASs studjati ġie assoċjat ma' firxa ta'***

*effetti negattivi fuq is-saħħa<sup>1b</sup>, inklużi mard tat-tirojde, ħsara fil-fwied, piż mat-twelid imnaqqas, obeżità, dijabete, iperkolesterolemija u rispons imnaqqas għat-tilqim ta' rutina, kif ukoll riskju akbar ta' kanċer tas-sider, tal-kliewi u tat-testikoli.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 15b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15b) Fis-27 ta' Mejju 2020, id-Danimarka ppubblikat id-Digriet Nru 681 tal-25 ta' Mejju 2020 "Ordni Eżekuttiva dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt mal-Ikel u Kodiċi Penali għal Ksur ta' Atti tal-UE Relatati" fil-Gazzetta Uffiċjali tagħha (Lovtidende A) biex tipprojbixxi sustanzi kimiċi tal-PFASs f'karti li jiġu f'kuntatt mal-ikel u materjali u oġġetti tal-kartun. Fuq dak l-eżempju, fid-dawl tal-emerġenza tas-saħħa u ambjentali minħabba l-PFASs u sakemm tingħata l-opinjoni tal-ECHA dwar projbizzjoni usa' tal-PFASs għall-imballaġġ kollu u għal setturi oħra, jenħtieġ li l-imballaġġ tal-ikel tal-karta u tal-kartun li fih il-PFASs miżjudja intenzjonalment ma jitqegħidx fis-suq tal-Unjoni.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament Premessa 15c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15c) Il-Bisfenol A (BPA) huwa kompost kimiku użat fil-manifattura ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, bħal oġġetti tal-mejda li jistgħu jerġgħu jintużaw jew il-kisi għal-laned, prinċipalment bħala saff protettiv. Ir-residwi tal-BPA jistgħu*

*jgħaddu għal ġol-ikel u x-xorb u jiġu iṅġestiti mill-konsumaturi. Il-BPA minn sorsi oħra għajr l-ikel, inklużi l-karta termali, il-kożmetiċi u t-trab, jistgħu jiġu assorbiti mill-ġilda u bl-inalazzjoni.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 15d (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15d) F'opinjoni xjentifika<sup>1a</sup> ppubblikata f'Jannar 2015, u fid-dawl tad-disponibbiltà ta' data ġdida, il-gruppi ta' esperti tal-EFSA indikaw li l-esponent għall-Bisfenol A x'aktarx li jkollu effetti negattivi fuq il-kliwi u l-fwied. Is-sejbiet wasslu biex l-esperti tal-EFSA jnaqqsu b'mod sinifikanti l-livell sikur tal-BPA – minn 50 mikrogramma għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem kuljum ( $\mu\text{g}/\text{kg bw}/\text{day}$ ) għal 4  $\mu\text{g}/\text{kg bw}/\text{day}$ .*

*1a*

*<https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/3978>*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 15e (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15e) Meta jitqies il-periklu kkawżat mill-preżenza tal-Bisfenol A u r-riskju li jgħaddi għal ġol-ikel, il-preżenza ta' BPA miżjud intenzjonalment jenħtieġ li tiġi pprojbita f'imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel.*

## Emenda 14



**Proposta għal regolament  
Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi abbażi ta' raġunijiet ta' sikurezza kimika, jew minħabba raġunijiet relatati mas-sikurezza tal-ikel, ***bl-eċċezzjoni tar-restrizzjonijiet*** fuq iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-kromu eżavalenti li kienu diġà stabbiliti abbażi tad-Direttiva 94/62/KE u jenħtieġ li jkomplu jiġu indirizzati skont dan ir-Regolament, minħabba li restrizzjonijiet bħal dawn huma indirizzati skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. ***Madankollu***, jenħtieġ li jippermetti ***r-restrizzjoni, primarjament minħabba raġunijiet għajr is-sikurezza kimika jew tal-ikel***, ta' sustanzi preżenti fl-imballaġġ u fil-komponenti tal-imballaġġ jew użati fil-proċessi tal-manifattura tagħhom, li jaffettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà tal-imballaġġ, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkolarità tiegħu, speċjalment ***l-użu*** mill-ġdid jew ***ir-riċiklaġġ***.

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament  
Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fl-imballaġġ, huwa xieraq li dak l-imballaġġ, li jippreżenta karatteristiċi innovattivi li jirriżultaw f'titjib sinifikanti fil-funzjoni ewlenija tal-imballaġġ u li jkollu benefiċċji ambjentali dimostrabbli, jingħata żmien addizzjonali limitat ta' 5 snin biex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà. Il-karatteristiċi innovattivi jenħtieġ li jiġu spjegati fid-

*Emenda*

(19) ***Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjoni tal-PFASs u tal-Bisfenol A***, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi abbażi ta' raġunijiet ta' sikurezza kimika, jew minħabba raġunijiet relatati mas-sikurezza tal-ikel, ***sakemm ma jkunx hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi iżda mhux biss ir-restrizzjonijiet*** fuq iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-kromu eżavalenti li kienu diġà stabbiliti abbażi tad-Direttiva 94/62/KE u jenħtieġ li jkomplu jiġu indirizzati skont dan ir-Regolament, minħabba li restrizzjonijiet bħal dawn huma indirizzati skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li jippermetti ***wkoll ir-restrizzjoni*** ta' sustanzi preżenti fl-imballaġġ u fil-komponenti tal-imballaġġ jew użati fil-proċessi tal-manifattura tagħhom, li jaffettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà tal-imballaġġ, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkolarità tiegħu, speċjalment ***proċessi ta' użu*** mill-ġdid jew ***ta' riċiklaġġ***.

*Emenda*

(23) Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fl-imballaġġ, huwa xieraq li dak l-imballaġġ, li jippreżenta karatteristiċi innovattivi li jirriżultaw f'titjib sinifikanti fil-funzjoni ewlenija tal-imballaġġ u li jkollu benefiċċji ambjentali dimostrabbli, jingħata żmien addizzjonali limitat ta' 5 snin biex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà. Il-karatteristiċi innovattivi jenħtieġ li ***jiġu ġġustifikati, speċjalment***

dokumentazzjoni teknika li takkumpanja l-imballaġġ.

***fir-rigward tal-użu ta' materjali ġodda jew innovattivi u*** jiġu spjegati fid-dokumentazzjoni teknika li takkumpanja l-imballaġġ.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem u tal-annimali, minħabba n-natura tal-prodotti fl-imballaġġ u r-rekwiżiti relatati, huwa xieraq li r-rekwiżiti tar-riċiklabilità jenħtieġ li ma japplikawx għall-imballaġġ immedjat kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>50</sup> u fl-Artikolu 4(25) tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>51</sup>, li huma f'kuntatt dirett mal-prodott mediċinali, ***kif ukoll*** l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv tal-apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup> ***u*** tal-apparati mediċi dijanjostiċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53</sup>. Dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li japplikaw sal-1 ta' Jannar 2035.

#### *Emenda*

(24) Sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem u tal-annimali, minħabba n-natura tal-prodotti fl-imballaġġ u r-rekwiżiti relatati, huwa xieraq li r-rekwiżiti tar-riċiklabilità jenħtieġ li ma japplikawx għall-imballaġġ immedjat kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>50</sup> u fl-Artikolu 4(25) tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>51</sup>, li huma f'kuntatt dirett mal-prodott mediċinali, l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv tal-apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup> tal-apparati mediċi dijanjostiċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53</sup>, ***l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv għall-ikel maħsub għat-trabi u t-tfal iżgħar u l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali kopert mir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53a</sup> kif ukoll l-imballaġġ ta' provvisti, komponenti, u l-imballaġġ immedjat tal-komponenti għall-manifattura ta' prodotti mediċinali skont id-Direttiva 2001/83/KE u għall-prodotti mediċinali veterinarji skont ir-Regolament (UE) 2019/6 meta tali imballaġġ ikollu jikkonforma mal-istandards tal-kwalità tal-prodott mediċinali.*** Dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li japplikaw sal-1 ta' Jannar 2035.

<sup>50</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>51</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

<sup>53</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

<sup>50</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>51</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

<sup>53</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

<sup>53a</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Xi Stati Membri qegħdin jieħdu azzjoni biex jinkoraġġixxu r-riċiklabbiltà tal-imballaġġ permezz tal-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur; inizjattivi bħal dawn meħuda fil-livell nazzjonali jistgħu joħolqu inċertezza regolatorja għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari meta jfornu imballaġġ f'diversi Stati Membri. Fl-istess ħin, il-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur hija strument ekonomiku effettiv biex jinċentiva disinn tal-imballaġġ aktar sostenibbli li jwassal għal imballaġġ riċiklabbli aħjar filwaqt li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà miksub permezz tal-valutazzjoni tar-riċiklabbiltà, filwaqt li ma jiġux stabbiliti l-ammonti reali ta' tariffi bħal dawn. Peress li l-kriterji jenħtieġ li jkunu relatati mal-kriterji dwar ir-riċiklabbiltà tal-imballaġġ, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta kriterji armonizzati bħal dawn fl-istess ħin li tistabilixxi d-disinn dettaljat għall-kriterji tar-riċiklaġġ għal kull kategorija ta' imballaġġ.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Premessa 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali f'konformità mar-rekwiżiti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u biex jiġi evitat

*Emenda*

(25) Xi Stati Membri qegħdin jieħdu azzjoni biex jinkoraġġixxu r-riċiklabbiltà tal-imballaġġ permezz tal-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur; inizjattivi bħal dawn meħuda fil-livell nazzjonali jistgħu joħolqu inċertezza regolatorja għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari meta jfornu imballaġġ f'diversi Stati Membri. Fl-istess ħin, il-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur hija strument ekonomiku effettiv biex jinċentiva disinn tal-imballaġġ aktar sostenibbli li jwassal għal imballaġġ riċiklabbli aħjar filwaqt li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà miksub permezz tal-valutazzjoni tar-riċiklabbiltà, filwaqt li ma jiġux stabbiliti l-ammonti reali ta' tariffi bħal dawn, ***u li jiġi żgurat li tali tariffi jiġu allokat biex jiffinanzjaw il-kost nett tal-ġbir, is-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-imballaġġ.*** Peress li l-kriterji jenħtieġ li jkunu relatati mal-kriterji dwar ir-riċiklabbiltà tal-imballaġġ, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta kriterji armonizzati bħal dawn fl-istess ħin li tistabilixxi d-disinn dettaljat għall-kriterji tar-riċiklaġġ għal kull kategorija ta' imballaġġ.

*Emenda*

(28) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali f'konformità mar-rekwiżiti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u biex jiġi evitat

kwalunkwe riskju għas-sigurtà tal-provvista u għas-sikurezza tal-mediċini u tas-sikurezza tal-apparati mediċi, huwa xieraq li tiġi prevista l-esklużjoni mill-obbligu ta' kontenut riċiklat minimu fl-imballaġġ tal-plastik għall-imballaġġ immedjat kif definit fl-Artikolu 1, il-punt 23, tad-Direttiva 2001/83/KE u fl-Artikolu 4, il-punt 25, tar-Regolament (UE) 2019/6, kif ukoll għall-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensittiv ta' apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 u għall-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv ta' apparati mediċi dijanjostiċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746. Din l-esklużjoni jenħtieġ li tapplika wkoll għall-imballaġġ estern ta' prodotti mediċinali għall-bniedem u veterinarji kif definit fl-Artikolu 1, il-punt 24, tad-Direttiva 2001/83/KE u fl-Artikolu 4, il-punt 26, tar-Regolament (UE) 2019/6 f'każijiet li fihom għandu jikkonforma ma' rekwiżiti speċifiċi biex tiġi ppreżervata l-kwalità tal-prodott mediċinali.

kwalunkwe riskju għas-sigurtà tal-provvista u għas-sikurezza tal-mediċini u tas-sikurezza tal-apparati mediċi, huwa xieraq li tiġi prevista l-esklużjoni mill-obbligu ta' kontenut riċiklat minimu fl-imballaġġ tal-plastik għall-imballaġġ immedjat kif definit fl-Artikolu 1, il-punt 23, tad-Direttiva 2001/83/KE u fl-Artikolu 4, il-punt 25, tar-Regolament (UE) 2019/6, kif ukoll għall-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensittiv ta' apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745, għall-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv ta' apparati mediċi dijanjostiċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746 **u għall-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensittiv ta' ikel maħsub għat-trabi u t-tfal iżgħar u l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali koperti mir-Regolament (UE) Nru 609/2013.** Din l-esklużjoni jenħtieġ li tapplika wkoll għall-imballaġġ estern ta' prodotti mediċinali għall-bniedem u veterinarji kif definit fl-Artikolu 1, il-punt 24, tad-Direttiva 2001/83/KE u fl-Artikolu 4, il-punt 26, tar-Regolament (UE) 2019/6 f'każijiet li fihom għandu jikkonforma ma' rekwiżiti speċifiċi biex tiġi ppreżervata l-kwalità tal-prodott mediċinali. ***Fl-aħħar nett, dik l-esklużjoni jenħtieġ li tapplika għal-linek, l-adeżivi, iż-żebgħa, il-verniċi u l-lakers użati fuq l-imballaġġ u għal kwalunkwe parti tal-plastik li tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-piż totali tal-unità sħiħa tal-imballaġġ.***

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28a) Sabiex jintlaħqu l-miri għall-integrazzjoni tal-kontenut riċiklat imsemmija f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, rapport li jivvaluta l-possibiltà li jiġu***

*stabbiliti miri għall-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ sabiex tintlaħaq il-mira sa massimu ta' 50 %, abbażi ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Sabiex jiġu pprevenuti l-ostakli għas-suq intern u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-obbligi, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw li ***l-parti tal-plastik ta' kull unità tal-imballaġġ ikun fiha*** ċertu perċentwal minimu ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur.

#### *Emenda*

(29) Sabiex jiġu pprevenuti l-ostakli għas-suq intern u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-obbligi, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw li ***l-imballaġġ tal-plastik, bħala medja għal kull format, għal kull impjant tal-manifattura u għal kull sena jkun fih*** ċertu perċentwal minimu ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kalkolu u l-verifika, għal kull ***unità ta' skart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur fl-imballaġġ***, is-sehem tal-kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti u l-istabbiliment tal-format għad-dokumentazzjoni teknika, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup>.

#### *Emenda*

(31) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kalkolu u l-verifika, għal kull skart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur ***fil-format tal-imballaġġ, għal kull impjant tal-manifattura, u għal kull sena***, is-sehem tal-kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti, ***meta jitqies l-impatt ambjentali tal-proċess ta' riċiklaġġ*** u l-istabbiliment tal-format għad-dokumentazzjoni teknika, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-

---

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

---

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) ***Sabiex jittqiesu r-riskji relatati ma' provvista insuffiċjenti possibbli ta' skart tal-plastik speċifiku għar-riċiklaġġ li jista' jwassal għal prezzijiet eċċessivi jew għal effetti negattivi fuq is-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent***, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ***temporanju*** tal-miri għal kontenut riċiklat obbligatorju fl-imballaġġ tal-plastik. Fl-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni ta' att delegat bħal dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta t-talbiet motivati sew minn persuni fiżiċi u ġuridiċi.

#### *Emenda*

(33) Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-miri għal kontenut riċiklat obbligatorju fl-imballaġġ tal-plastik. Fl-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni ta' att delegat bħal dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta t-talbiet motivati sew minn persuni fiżiċi u ġuridiċi.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 33a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(33a) ***Jenħtieġ li s-suq tal-Unjoni għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ jissaħħaħ sabiex tittejjeb ir-rata ta' riċiklaġġ, jiġu evitati l-landfills u tiġi mminimizzata l-esportazzjoni tal-iskart lejn pajjiżi terzi. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' riċiklaġġ tal-***

*Unjoni jenħtieġ li jseħħ f'kooperazzjoni mal-atturi u l-industriji tas-settur, u jkun ibbażat fuq katina tal-valur regolata li tippermetti kontrolli tal-kwalità, assigurazzjoni tal-kwalità, ċertifikazzjoni, loġistika u pprezzar.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Premessa 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Il-fluss ta' skart tal-bijoskart spiss ikun ikkontaminat bi plastik konvenzjonali u l-flussi tar-riċiklaġġ tal-materjal spiss ikunu kkontaminati bi plastik kompostabbli. Din il-kontaminazzjoni kroċjata twassal għal ħela ta' riżorsi, materja prima sekondarja ta' kwalità aktar baxxa u jenħtieġ li tiġi pprevenuta fis-sors. Peress li r-rotta xierqa tar-rimi għall-imballaġġ tal-plastik kompostabbli qiegħda ssir dejjem aktar ta' konfużjoni għall-konsumaturi, huwa ġġustifikat u meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar l-użu tal-imballaġġ tal-plastik kompostabbli, li jkun awtorizzat biss meta l-użu tiegħu jkollu benefiċċju ċar għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-użu tal-imballaġġ kompostabbli jgħin biex jinġabar jew jintrema l-bijoskart.

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Premessa 36

*Emenda*

(35) Il-fluss ta' skart tal-bijoskart spiss ikun ikkontaminat bi plastik konvenzjonali u l-flussi tar-riċiklaġġ tal-materjal spiss ikunu kkontaminati bi plastik kompostabbli. Din il-kontaminazzjoni kroċjata twassal għal ħela ta' riżorsi, materja prima sekondarja ta' kwalità aktar baxxa u jenħtieġ li tiġi pprevenuta fis-sors. Peress li r-rotta xierqa tar-rimi għall-imballaġġ tal-plastik kompostabbli qiegħda ssir dejjem aktar ta' konfużjoni għall-konsumaturi, huwa ġġustifikat u meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar l-użu tal-imballaġġ tal-plastik kompostabbli, li jkun awtorizzat biss meta l-użu tiegħu jkollu benefiċċju ċar għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-użu tal-imballaġġ kompostabbli jgħin biex jinġabar jew jintrema l-bijoskart, ***pereżempju għal prodotti li għalihom is-separazzjoni bejn il-kontenut u l-imballaġġ tkun partikolarment kumplexsa, bħall-boroż tat-te jew il-kapsuli tal-kafè.***



(36) Għall-applikazzjonijiet limitati tal-imballaġġ magħmula minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli, hemm benefiċċju ambjentali li jista' jintwera b' mod ċar tal-użu tal-imballaġġ kompostabbli, li jidħol f' impjanti tal-kompostjar, inklużi faċilitajiet tad-diġestjoni anaerobika f' kundizzjonijiet ikkontrollati. **Barra minn hekk, meta jkun hemm disponibbli skemi xierqa għall-ġbir tal-iskart u infrastrutturi għat-trattament tal-iskart fi Stat Membru, jenħtieġ li jkun hemm flessibbiltà limitata fid-deċiżjoni dwar jekk l-użu tal-plastik kompostabbli għall-basktijiet tal-plastik ħfief għandux jiġi awtorizzat fit-territorju tiegħu. Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-konsumaturi dwar ir-rimi korrett u b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċju ambjentali taċ-ċirkolarità tal-karbonju, l-imballaġġ tal-plastik l-ieħor kollu jenħtieġ li jidħol fir-riċiklaġġ tal-materjal u d-disinn ta' imballaġġ bħal dan jenħtieġ li jiżgura li dan ma jaffettwax ir-riċiklabbiltà ta' flussi oħra ta' skart.**

(36) Għall-applikazzjonijiet limitati tal-imballaġġ magħmula minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli, hemm benefiċċju ambjentali li jista' jintwera b' mod ċar tal-użu tal-imballaġġ kompostabbli, li jidħol f' impjanti tal-kompostjar, inklużi faċilitajiet tad-diġestjoni anaerobika f' kundizzjonijiet ikkontrollati. **Barra minn hekk, l-iskart bijodegradabbli jenħtieġ li ma jwassalx għall-preżenza ta' kontaminanti fil-kompost. Biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' imballaġġ kompostabbli li jgħin il-ġbir jew ir-rimi tal-bijoskart, ir-rekwiżiti ta' EN 13432 "Imballaġġ - Rekwiżiti għall-imballaġġ rekuperabbli bil-kompostjar u d-degradazzjoni - Skema ta' ttestjar u kriterji ta' evalwazzjoni għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ" jenħtieġ li jiġu riveduti fir-rigward tal-ħinijiet tal-kompostjar, il-livelli permissibbli ta' kontaminazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq ir-rilaxx ta' mikroplastiks biex dawn il-materjali jkun jistgħu jiġu pproċessati f'faċilitajiet tat-trattament tal-bijoskart b' mod xieraq. Barra minn hekk, fl-Unjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit standard simili għall-kompostjar fid-djar.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 40

(40) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat b' tali mod li jimminimizza l-volum u l-piż tiegħu filwaqt li jżomm il-ħila tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tal-imballaġġ. Il-manifattur tal-imballaġġ jenħtieġ li jivvaluta l-imballaġġ skont il-kriterji ta' prestazzjoni, kif elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li

(40) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat b' tali mod li jimminimizza l-volum u l-piż tiegħu filwaqt li jżomm il-ħila tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tal-imballaġġ. Il-manifattur tal-imballaġġ jenħtieġ li jivvaluta l-imballaġġ skont il-kriterji ta' prestazzjoni, kif elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li

jitnaqqas l-imballaġġ u titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u li tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-imballaġġ fis-suq intern, huwa xieraq li l-kriterji eżistenti jiġu speċifikati ulterjorment u li dawn isiru aktar stretti. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista tal-kriterji tal-prestazzjoni tal-imballaġġ, kif elenkati fl-istandard armonizzat eżistenti EN 13428:2000<sup>57</sup>, tiġi mmodifikata. Filwaqt li l-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur jibqgħu rilevanti għad-disinn tal-imballaġġ, jenħtieġ li dawn ma jkunux parti minn kriterji ta' prestazzjoni li waħedhom jiġġustifikaw il-piż u l-volum tal-imballaġġ addizzjonali tagħhom stess. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jikkompromettix l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għall-prodotti tas-sengħa u industrijali u għall-prodotti tal-ikel u agrikoli li huma rreġistrati u protetti skont l-iskema ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE, bħala parti mill-obiettivi tal-Unjoni li tipproteġi l-wirt kulturali u l-għarfien tradizzjonali. Min-naħa l-oħra, ir-riċiklabbiltà, l-użu ta' kontenut riċiklat, u l-użu mill-ġdid jistgħu jiġġustifikaw il-piż jew il-volum addizzjonali tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiżdiedu mal-kriterji ta' prestazzjoni. Jenħtieġ li l-imballaġġ b'saffi doppji, b'qigħan foloz u b'karatteristiċi oħra mmirati biss biex iżidu l-volum perċepit tal-prodott ma **jitqiegħedx** fis-suq, peress li ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ. L-istess regola jenħtieġ li tapplika għall-imballaġġ **żejjed mhux** meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-imballaġġ.

---

<sup>57</sup> Imballaġġ – Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u għall-kompożizzjoni – Prevenzjoni skont it-tnaqqis fis-sors.

jitnaqqas l-imballaġġ u titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u li tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-imballaġġ fis-suq intern, huwa xieraq li l-kriterji eżistenti jiġu speċifikati ulterjorment u li dawn isiru aktar stretti. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista tal-kriterji tal-prestazzjoni tal-imballaġġ, kif elenkati fl-istandard armonizzat eżistenti EN 13428:2000<sup>57</sup>, tiġi mmodifikata. Filwaqt li l-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur jibqgħu rilevanti għad-disinn tal-imballaġġ, jenħtieġ li dawn ma jkunux parti minn kriterji ta' prestazzjoni li waħedhom jiġġustifikaw il-piż u l-volum tal-imballaġġ addizzjonali tagħhom stess. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jikkompromettix l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għall-prodotti tas-sengħa u industrijali u għall-prodotti tal-ikel u agrikoli li huma rreġistrati u protetti skont l-iskema ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE, bħala parti mill-obiettivi tal-Unjoni li tipproteġi l-wirt kulturali u l-għarfien tradizzjonali, **jew id-disinn tal-imballaġġ li huwa soġġett għal protezzjoni legali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002<sup>57a</sup>**. Min-naħa l-oħra, ir-riċiklabbiltà, l-użu ta' kontenut riċiklat, u l-użu mill-ġdid jistgħu jiġġustifikaw il-piż jew il-volum addizzjonali tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiżdiedu mal-kriterji ta' prestazzjoni. Jenħtieġ li l-imballaġġ b'saffi doppji, b'qigħan foloz u b'karatteristiċi oħra mmirati biss biex iżidu l-volum perċepit tal-prodott ma **jiġix introdott** fis-suq, peress li ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ. L-istess regola jenħtieġ li tapplika għall-imballaġġ **superfluwu li mhuwiex** meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-imballaġġ.

---

<sup>57</sup> Imballaġġ – Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u għall-kompożizzjoni – Prevenzjoni skont it-tnaqqis fis-sors.

*57<sup>a</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1).*

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 44

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati u li dawn ikunu jistgħu jarmu kif xieraq ***l-iskart*** mill-imballaġġ, ***inklużi l-basktijiet tal-plastik ħfief u ħfief ħafna***. L-aktar mod xieraq biex isir dan huwa li tiġi stabbilita sistema armonizzata ta' tikkettar ibbażata fuq il-kompożizzjoni tal-materjal tal-imballaġġ għas-separazzjoni tal-iskart, u li din tiġi kkombinata ma' tikketti korrispondenti dwar ir-reċipjenti tal-iskart.

#### *Emenda*

(44) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati u li dawn ikunu jistgħu jarmu kif xieraq ***kwalunkwe skart*** mill-imballaġġ. L-aktar mod xieraq biex isir dan huwa li tiġi stabbilita sistema armonizzata ta' tikkettar ibbażata fuq il-kompożizzjoni tal-materjal tal-imballaġġ għas-separazzjoni tal-iskart, u li din tiġi kkombinata ma' tikketti korrispondenti dwar ir-reċipjenti tal-iskart. ***Il-ħtieġa li tali sistema ta' tikkettar armonizzata tiġi rikonoxxuta miċ-ċittadini kollha irrISPETTIVAMENT miċ-ċirkostanzi tagħhom, bħall-età u l-għarfien tal-lingwi, jenħtieġ li tkun fattur ta' gwida fid-disinn tagħhom. Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' pittogrammi li fihom l-ammont ta' kliem użat ikun minimu. Dan iservi wkoll biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kostijiet għat-traduzzjoni tal-lingwa użata, li altrimenti tkun meħtieġa.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Premessa 44a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***(44a) Is-separazzjoni hija pass essenzjali biex tiġi żgurata ċirkolarità akbar tal-imballaġġ. It-titjib tal-kapaċitajiet ta' separazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, jenħtieġ li jithegġgġ sabiex jippermetti kwalità aħjar ta' separazzjoni, u b'hekk kwalità aħjar***

#### *Emenda*

*ta' materja prima għar-riċiklaġġ.*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 49

*Test propost mill-Kummissjoni*

(49) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti minn informazzjoni qarrieqa u li toħloq konfużjoni dwar il-karatteristiċi tal-imballaġġ u t-trattament xieraq fi tmiem tal-ħajja tiegħu, li għalihom ġew stabbiliti tikketti armonizzati skont dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi identifikat l-imballaġġ inkluż fl-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur permezz ta' simbolu ta' akkreditazzjoni fit-territorju kollu ta' dik is-sistema. Dak is-simbolu jenħtieġ li jkun ċar u mhux ambigwu għall-konsumaturi jew għall-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà tal-imballaġġ. Għal dan il-għan, jista' jitqies li s-simbolu tat-Tikka Ħadra, li jintuża f'xi Stati Membri biex ifisser li produttur ikun ta kontribuzzjoni finanzjarja lil sistema nazzjonali ta' rkupru tal-imballaġġ<sup>58</sup>, jista' jqarraq bil-konsumaturi b'mod li jaħsbu li l-imballaġġ li jkollu simbolu bħal dan dejjem ikun riċiklabbli.***

---

<sup>58</sup> <https://www.pro-e.org/the-green-dot-trademark>

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 50a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(49) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti minn informazzjoni qarrieqa u li toħloq konfużjoni dwar il-karatteristiċi tal-imballaġġ u t-trattament xieraq fi tmiem tal-ħajja tiegħu, li għalihom ġew stabbiliti tikketti armonizzati skont dan ir-Regolament.

---

<sup>58</sup> <https://www.pro-e.org/the-green-dot-trademark>

***(50a) Jenħtieġ li jitwaqqaf grupp ta'***

*esperti b'parteċipazzjoni b'bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet kollha involuti fl-imballaġġ. Il-grupp jenħtieġ li jissejjaħ il-“Forum dwar l-Imballaġġ” u jenħtieġ li jikkontribwixxi b'mod partikolari għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-kjarifika tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, ir-rieżami tal-effettività tal-mekkaniżmi stabbiliti tas-sorveljanza tas-suq u l-valutazzjoni ta' kwalunkwe miżura awtoregulatorja.*

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Premessa 60

*Test propost mill-Kummissjoni*

(60) Il-problema tal-ġenerazzjoni eċċessiva tal-iskart mill-imballaġġ ma tistax tiġi indirizzata bis-siġh billi jiġu stabbiliti obbligi fuq id-disinn tal-imballaġġ. Għal ċerti tipi ta' imballaġġ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi biex jitnaqqas l-ispazju vojti fuq l-operaturi ekonomiċi f'termini tat-tnaqqis tal-ispazju vojti meta jintuża imballaġġ bħal dan. Fil-każ tal-imballaġġ kollettiv, għat-trasport u tal-kummerċ elettroniku użat għall-provvista ta' prodotti lid-distributori finali jew lill-utenti finali, il-porzjon tal-ispazju vojti jenħtieġ li ma jaqbiżx l-40 %.

F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jkun possibbli li l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għall-bejgħ bħala imballaġġ tal-kummerċ elettroniku jkunu eżentati minn dan l-obbligu.

*Emenda*

(60) Il-problema tal-ġenerazzjoni eċċessiva tal-iskart mill-imballaġġ ma tistax tiġi indirizzata bis-siġh billi jiġu stabbiliti obbligi fuq id-disinn tal-imballaġġ. Għal ċerti tipi ta' imballaġġ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi biex jitnaqqas l-ispazju vojti fuq l-operaturi ekonomiċi f'termini tat-tnaqqis tal-ispazju vojti meta jintuża imballaġġ bħal dan. Fil-każ tal-imballaġġ kollettiv, għat-trasport u tal-kummerċ elettroniku użat għall-provvista ta' prodotti lid-distributori finali jew lill-utenti finali, il-porzjon tal-ispazju vojti jenħtieġ li ma jaqbiżx l-40 %.

F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jkun possibbli li l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għall-bejgħ bħala imballaġġ tal-kummerċ elettroniku jkunu eżentati minn dan l-obbligu. ***Dak l-obbligu jenħtieġ li ma japplikax għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża.***

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Premessa 65

*Test propost mill-Kummissjoni*

(65) Sabiex tiġi inċentivata l-prevenzjoni tal-iskart, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ġdid ta' "mili mill-ġdid". Il-mili mill-ġdid għandu jitqies bħala miżura speċifika ta' prevenzjoni tal-iskart li tgħodd u li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ***tal-użu u tal-mili mill-ġdid. Madankollu, il-kontenituri li huma proprjetà tal-konsumatur, li jwettqu funzjoni tal-imballaġġ fil-kuntest tal-mili mill-ġdid, bħall-kikkri li jistgħu jergħu jintużaw, maggijiet, fliexken jew kaxex ma humiex imballaġġ fis-sens ta' dan*** ir-Regolament.

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Premessa 66**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(66) Meta l-operaturi ekonomiċi joffru l-possibbiltà li jinxtraw prodotti permezz ta' mili mill-ġdid, jenħtieġ li dawn jiżguraw li l-istazzjonijiet ta' mili mill-ġdid tagħhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti biex jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. F'dan il-kuntest, meta l-konsumaturi jużaw il-kontenituri tagħhom stess, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li għalhekk jinformaw dwar il-kundizzjonijiet għall-mili mill-ġdid u għall-użu sikuri ta' dawn il-kontenituri. Sabiex jitħeġġeġ il-mili mill-ġdid, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li ma jipprovdux imballaġġ mingħajr ħlas jew ma jkunux parti mis-sistema ta' rifużjoni tad-depożitu fl-istazzjonijiet ta' mili mill-ġdid.

**Emenda 34**

*Emenda*

(65) Sabiex tiġi inċentivata l-prevenzjoni tal-iskart, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ġdid ta' "mili mill-ġdid". Il-mili mill-ġdid għandu jitqies bħala miżura speċifika ta' prevenzjoni tal-iskart li tgħodd u li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ***tal-prevenzjoni kif stabbiliti f'dan*** ir-Regolament.

*Emenda*

(66) Meta l-operaturi ekonomiċi joffru l-possibbiltà li jinxtraw prodotti permezz ta' mili mill-ġdid, jenħtieġ li dawn jiżguraw li l-istazzjonijiet ta' mili mill-ġdid tagħhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti biex jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. F'dan il-kuntest, meta l-konsumaturi jużaw il-kontenituri tagħhom stess, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li għalhekk jinformaw dwar il-kundizzjonijiet għall-mili mill-ġdid u għall-użu sikuri ta' dawn il-kontenituri. Sabiex jitħeġġeġ il-mili mill-ġdid, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li ma jipprovdux imballaġġ mingħajr ħlas jew ma jkunux parti mis-sistema ta' rifużjoni tad-depożitu fl-istazzjonijiet ta' mili mill-ġdid. ***L-atturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu eżentati mir-responsabbiltà għal problemi ta' sikurezza tal-ikel li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' kontenituri pprovdu ti mill-konsumaturi.***

**Proposta għal regolament  
Premessa 67**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(67) Sabiex jitnaqqas il-proporzjon dejjem akbar tal-imballaġġ li jintuża darba u l-ammonti dejjem akbar ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi għall-użu **u l-mili** mill-ġdid fuq l-imballaġġ fis-setturi, li ġew ivvalutati bħala li għandhom l-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ, jiġifieri l-ikel u x-xorb take-away, l-apparati elettrodomestiċi kbar u l-imballaġġ għat-trasport. Dan ġie vvalutat abbażi ta' fatturi bħas-sistemi eżistenti għall-użu mill-ġdid, il-ħtieġa li jintuża l-imballaġġ u l-possibbiltà li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti funzjonali f'termini ta' żamma, ta' ndafa, ta' saħħa, ta' iġjene u ta' sikurezza. Tqiesu wkoll id-differenzi tal-prodotti u tas-sistemi ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tagħhom. L-istabbiliment tal-miri huwa mistenni li jappoġġa l-innovazzjoni u jżid il-proporzjon ta' soluzzjonijiet ta' użu u ta' mili mill-ġdid. **L-użu tal-imballaġġ** li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur **tal-HORECA** jenħtieġ li ma jkunx permess.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Premessa 68**

*Emenda*

(67) Sabiex jitnaqqas il-proporzjon dejjem akbar tal-imballaġġ li jintuża darba u l-ammonti dejjem akbar ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi għall-użu mill-ġdid fuq l-imballaġġ fis-setturi, li ġew ivvalutati bħala li għandhom l-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ, jiġifieri l-ikel u x-xorb take-away, l-apparati elettrodomestiċi kbar u l-imballaġġ għat-trasport. Dan ġie vvalutat abbażi ta' fatturi bħas-sistemi eżistenti għall-użu mill-ġdid, il-ħtieġa li jintuża l-imballaġġ u l-possibbiltà li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti funzjonali f'termini ta' żamma, ta' ndafa, ta' saħħa, ta' iġjene u ta' sikurezza. Tqiesu wkoll id-differenzi tal-prodotti u tas-sistemi ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tagħhom. L-istabbiliment tal-miri huwa mistenni li jappoġġa l-innovazzjoni u jżid il-proporzjon ta' soluzzjonijiet ta' użu u ta' mili mill-ġdid. **L-imballaġġ** li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur **HORECA** jenħtieġ li ma jkunx permess. **Il-konsumaturi jenħtieġ li dejjem ikollhom l-għażla li jixtru ikel u xorb għal take-away f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw jew fil-kontenituri tagħhom stess b'kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli mill-ikel u x-xorb offruti f'imballaġġ li jintuża darba biss. L-operaturi ekonomiċi li jbigħu ikel jew xorb għal take-away jenħtieġ li joffru lill-konsumaturi l-għażla li jixtru l-ikel jew ix-xorb fil-kontenituri tagħhom stess u l-għażla li jixtru xorb f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża.**

(68) Sabiex tizzied l-effettività tagħhom u jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-miri tal-użu ***u tal-mili*** mill-ġdid jitqiegħdu fuq ***l-operaturi ekonomiċi***. ***F'każijiet ta' miri għax-xorb, dawn jenħtieġ li jitqiegħdu wkoll fuq il-manifatturi, peress li dawn l-atturi jistgħu jikkontrollaw il-formati tal-imballaġġ użat għall-prodotti li joffru***. Il-miri jenħtieġ li jiġu kkalkulati bħala perċentwal tal-bejgħ fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu ***jew għall-mili*** mill-ġdid jew, fil-każ tal-imballaġġ għat-trasport, bħala perċentwal tal-użi. Il-miri jenħtieġ li jkunu newtrali għall-materjali. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miri għall-użu u għall-mili mill-ġdid, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tiġi delegata*** s-setgħa tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tagħhom.

(68) Sabiex tizzied l-effettività tagħhom u jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-miri tal-użu mill-ġdid jitqiegħdu fuq ***id-distributuri finali***. Il-miri jenħtieġ li jiġu kkalkulati bħala perċentwal tal-bejgħ fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid jew, fil-każ tal-imballaġġ għat-trasport, bħala perċentwal tal-użi. Il-miri jenħtieġ li jkunu newtrali għall-materjali. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miri għall-użu u għall-mili mill-ġdid, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata*** s-setgħa tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tagħhom.

### **Emenda 36**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 71**

(71) Sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-miri tal-użu ***u tal-mili*** mill-ġdid, huwa meħtieġ li l-operaturi ekonomiċi rispettivi jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jirrapportaw id-data rilevanti għal kull sena kalendarja, mill-1 ta' Jannar 2030. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu dik id-data disponibbli għall-pubbliku.

(71) Sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-miri tal-użu mill-ġdid, huwa meħtieġ li l-operaturi ekonomiċi rispettivi jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jirrapportaw id-data rilevanti għal kull sena kalendarja, mill-1 ta' Jannar 2030. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu dik id-data disponibbli għall-pubbliku.

### **Emenda 37**



**Proposta għal regolament  
Premessa 73a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(73a) Peress li l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, taħt il-15-il mikron, għandhom potenzjal għoli li jsiru skart u jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-baħar, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi ristretta l-introduzzjoni tagħhom fis-suq ħlief għal użi strettament meħtieġa. Jenħtieġ li daww il-basktijiet tal-plastik ma jiġux introdotti fis-suq bħala imballaġġ għal oġġetti tal-ikel bl-ingrossa, ħlief għal raġunijiet iġjeniċi jew għall-imballaġġ ta' oġġetti tal-ikel imxarrba bl-ingrossa bħal laħam nej, ħut jew prodotti tal-ħalib.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament  
Premessa 74a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(74a) Tnaqqis fl-użu tal-basktijiet tal-plastik jenħtieġ li ma jwassalx biex jintużaw il-basktijiet tal-karti minflok. Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-użu tal-basktijiet tal-karti u tipproponi mira, u, jekk ikun xieraq, miżuri għat-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-karti.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament  
Premessa 91**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(91) Sabiex jinkiseb tnaqqis ambizzjuż u sostnut fil-ġenerazzjoni ġenerali tal-iskart mill-imballaġġ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ per capita li għandhom jinkisbu sal-2030.

(91) Sabiex jinkiseb tnaqqis ambizzjuż u sostnut fil-ġenerazzjoni ġenerali tal-iskart mill-imballaġġ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ per capita li għandhom jinkisbu sal-2030.

L-ilħuq ta' mira ta' tnaqqis ta' 5 % fl-2030 meta mqabbel mal-2018 jenħtieġ li jinvolvi tnaqqis assolut ġenerali ta' madwar 19 % bħala medja madwar l-Unjoni fl-2030 meta mqabbel mal-linja bażi tal-2030. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ b'10 %, meta mqabbla mal-2018, sal-2035; dan huwa stmat li jnaqqas l-iskart mill-imballaġġ b'29 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-2030. Sabiex jiġi żgurat li l-isforzi ta' tnaqqis ikomplu wara l-2030, għall-2035, jenħtieġ li tiġi stabbilita mira ta' tnaqqis ta' 10 % mill-2018, li tkun tfixxer tnaqqis ta' 29 % meta mqabbla mal-linja bażi, u, għall-2040, mira ta' tnaqqis ta' 15 % mill-2018, li jfixxer li jenħtieġ li jiġi stabbilit tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-linja bażi.

L-ilħuq ta' mira ta' tnaqqis ta' 5 % fl-2030 meta mqabbel mal-2018 jenħtieġ li jinvolvi tnaqqis assolut ġenerali ta' madwar 19 % bħala medja madwar l-Unjoni fl-2030 meta mqabbel mal-linja bażi tal-2030. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ b'10 %, meta mqabbla mal-2018, sal-2035; dan huwa stmat li jnaqqas l-iskart mill-imballaġġ b'29 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-2030. Sabiex jiġi żgurat li l-isforzi ta' tnaqqis ikomplu wara l-2030, għall-2035, jenħtieġ li tiġi stabbilita mira ta' tnaqqis ta' 10 % mill-2018, li tkun tfixxer tnaqqis ta' 29 % meta mqabbla mal-linja bażi, u, għall-2040, mira ta' tnaqqis ta' 15 % mill-2018, li jfixxer li jenħtieġ li jiġi stabbilit tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-linja bażi. ***L-Istati Membri li stabbilew sistema differenti għall-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ domestiku, minn naħa waħda, u tal-iskart mill-imballaġġ industrijali u kummerċjali, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jżommu l-ispeċifiċità tagħhom.***

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Premessa 91a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(91a) Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Ekonomija Ċirkolari, il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni tas-16 ta' Jannar 2018 dwar Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari biex jitnaqqsu t-tniġġis tal-baħar, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u d-dipendenza Ewropea tagħna mill-fjuwils fossili. Hekk kif il-konsum tal-plastik qed jiżdied, l-istrateġija titlob ċirkolarità aħjar tal-plastik u miżuri ta' prevenzjoni effettivi. F'konformità ma' dik l-istrateġija, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun strument għall-ġlieda kontra l-plastik superfiċjali u mhux***

*meħtieġ, sabiex titreġġa' lura x-xejra tal-produzzjoni u l-konsum tal-plastik, speċjalment il-plastik li jintuża darba biss.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Premessa 92

*Test propost mill-Kummissjoni*

(92) L-Istati Membri jistgħu jiksbu dawn il-miri permezz ta' strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, inklużi miżuri li għandhom jiġu implimentati permezz ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, u billi jippromwovu l-istabbiliment u t-tħaddim effettiv tas-sistemi għall-użu mill-ġdid u jħeġġu lill-operaturi ekonomiċi joffru lill-utenti finali aktar possibbiltajiet għall-mili mill-ġdid. Jenħtieġ li miżuri bħal dawn jiġu adottati b'mod parallel u flimkien ma' miżuri oħra skont dan ir-Regolament bl-għan li jnaqqsu t-tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ, bħal rekwiżiti dwar il-minimizzazzjoni tal-imballaġġ, il-miri tal-użu **u tal-mili** mill-ġdid, il-limiti tal-volum u l-miżuri biex jinkiseb it-tnaqqis sostnut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief. Filwaqt li josserva r-regoli ġenerali stabbiliti fit-Trattat u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jadotta dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-miri minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Premessa 96

*Test propost mill-Kummissjoni*

(96) F'konformità mal-prinċipju ta' min

*Emenda*

(92) L-Istati Membri jistgħu jiksbu dawn il-miri permezz ta' strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, inklużi miżuri li għandhom jiġu implimentati permezz ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, u billi jippromwovu l-istabbiliment u t-tħaddim effettiv tas-sistemi għall-użu mill-ġdid u jħeġġu lill-operaturi ekonomiċi joffru lill-utenti finali aktar possibbiltajiet għall-mili mill-ġdid. Jenħtieġ li miżuri bħal dawn jiġu adottati b'mod parallel u flimkien ma' miżuri oħra skont dan ir-Regolament bl-għan li jnaqqsu t-tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ, bħal rekwiżiti dwar il-minimizzazzjoni tal-imballaġġ, il-miri tal-użu mill-ġdid, **l-obbligi ta' mili mill-ġdid**, il-limiti tal-volum u l-miżuri biex jinkiseb it-tnaqqis sostnut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief. Filwaqt li josserva r-regoli ġenerali stabbiliti fit-Trattat u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jadotta dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-miri minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Emenda*

(96) F'konformità mal-prinċipju ta' min

iniegges iħallas espress fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat, huwa essenzjali li l-produtturi li jintroduċu l-imballaġġ u l-prodotti fl-imballaġġ fis-suq tal-Unjoni jerfgħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħhom fi tmiem ħajjithom. Jenħtieġ li jittfakkar li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jeħtieġ li jiġu stabbiliti, kif previst fid-Direttiva 94/62/KE, sal-31 ta' Diċembru 2024, peress li huma l-aktar mezzi xierqa biex jinkiseb dan u jista' jkollhom impatt ambjentali pożittiv billi jnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u jżidu l-ġbir u r-riċiklaġġ tiegħu. Hemm differenzi kbar fil-mod kif jiġu stabbiliti, fl-effiċjenza tagħhom u fl-ambitu tar-responsabbiltà tal-produtturi. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-regoli dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ li japplikaw għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-produtturi tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn dispożizzjonijiet speċifiċi ulterjuri fejn dan ikun meħtieġ u xieraq.

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Premessa 98

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(98) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>66</sup> jistabbilixxi r-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negożjanti, li jinkludu b'mod aktar speċifiku l-obbligi għall-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' produtturi li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni. Sabiex jiġi pprevenut l-approffittar mill-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li jiġi speċifikat kif fornituri ta' pjattaformi online bħal dawn

iniegges iħallas espress fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat, huwa essenzjali li l-produtturi, ***inklużi l-atturi tal-kummerċ elettroniku***, li jintroduċu l-imballaġġ u l-prodotti fl-imballaġġ fis-suq tal-Unjoni jerfgħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħhom fi tmiem ħajjithom. Jenħtieġ li jittfakkar li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jeħtieġ li jiġu stabbiliti, kif previst fid-Direttiva 94/62/KE, sal-31 ta' Diċembru 2024, peress li huma l-aktar mezzi xierqa biex jinkiseb dan u jista' jkollhom impatt ambjentali pożittiv billi jnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u jżidu l-ġbir u r-riċiklaġġ tiegħu. Hemm differenzi kbar fil-mod kif jiġu stabbiliti, fl-effiċjenza tagħhom u fl-ambitu tar-responsabbiltà tal-produtturi. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-regoli dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ li japplikaw għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-produtturi tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn dispożizzjonijiet speċifiċi ulterjuri fejn dan ikun meħtieġ u xieraq.

#### *Emenda*

(98) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>66</sup> jistabbilixxi r-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negożjanti, li jinkludu b'mod aktar speċifiku l-obbligi għall-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' produtturi li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni. Sabiex jiġi pprevenut l-approffittar mill-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li jiġi speċifikat kif fornituri ta' pjattaformi online bħal dawn

jenħtiegħ li jissodisfaw dawk l-obbligi fir-rigward tar-reġistri tal-produtturi tal-imballaġġ stabbiliti skont dan ir-Regolament. F'dak il-kuntest, jenħtiegħ li l-fornituri ta' pjattaformi online, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jiksbu minn dawk il-produtturi informazzjoni dwar il-konformità tagħhom mar-regoli estiżi dwar ir-responsabbiltà tal-produttur stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti li jbigħu l-imballaġġ online huma soġġetti għar-regoli ta' infurzar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065.

jenħtiegħ li jissodisfaw dawk l-obbligi fir-rigward tar-reġistri tal-produtturi tal-imballaġġ stabbiliti skont dan ir-Regolament. F'dak il-kuntest, jenħtiegħ li l-fornituri ta' pjattaformi online, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi ***jkunu marbuta b'ċerti obbligi applikabbli għall-produtturi, sakemm ma jagħtux prova li l-parti terza li għaliha jiffaċilitaw il-bejgħ jew il-konsenja mill-bogħod tkun diġà ssodisfat dawk l-obbligi. Barra minn hekk, jenħtiegħ li*** jiksbu minn dawk il-produtturi informazzjoni dwar il-konformità tagħhom mar-regoli estiżi dwar ir-responsabbiltà tal-produttur stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti li jbigħu l-imballaġġ online huma soġġetti għar-regoli ta' infurzar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065.

---

<sup>66</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

---

<sup>66</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Premessa 101a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(101a) Il-ġbir separat tal-imballaġġ huwa pass kruċjali biex tiġi żgurata ċ-ċirkolarità tiegħu, u biex jiġi żgurat suq b'saħħtu għall-materja prima sekondarja. L-istabbiliment ta' rata ta' ġbir obbligatorja huwa inċentiv biex jiġu żviluppati sistemi ta' ġbir effiċjenti u mmirati fil-livell nazzjonali, u b'hekk tiżdied il-kwantità ta' skart separat u***

*potenzjalment riċiklat.*

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Premessa 103a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(103a)** *Jenħtieġ li dan ir-Regolament iqis id-diversità tas-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu li jeżistu fl-Unjoni, u jiżgura li l-iżviluppi teknoloġiċi f'dawn is-sistemi ma jiġux imfixkla meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet u l-kriterji biex jiżdiedu r-rati tal-ġbir u jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità aħjar. Pereżempju, sistema diġitali ta' rifużjoni tad-depożitu toffri lill-konsumaturi sistema ta' kodiċi QR, b'rifużjoni tad-depożitu meta jiġi ddepożitat f'punt ta' ġbir separat id-dar jew fuq il-post.*

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Premessa 107

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(107) L-Istati Membri li jiksbu rata tal-ġbir ta' **90 %** tat-tipi tal-imballaġġ fil-mira mingħajr sistema ta' rifużjoni tad-depożitu sentejn kalendarji konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-obbligu, jistgħu jitolbu li ma tiġix stabbilita sistema ta' rifużjoni tad-depożitu.

(107) L-Istati Membri li jiksbu rata tal-ġbir ta' **mill-inqas 85 %** tat-tipi tal-imballaġġ fil-mira mingħajr sistema ta' rifużjoni tad-depożitu sentejn kalendarji konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-obbligu, jistgħu jitolbu li ma tiġix stabbilita sistema ta' rifużjoni tad-depożitu.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Premessa 108

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(108) Bħala miżura speċifika ta'

(108) Bħala miżura speċifika ta'

prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu b'mod attiv is-soluzzjonijiet tal-użu u tal-mili mill-ġdid. Jenħtieġ li jappoġġaw l-istabbiliment tas-sistemi għall-użu u għall-mili mill-ġdid u jimmonitorjaw il-funzjonament u l-konformità tagħhom mal-istandards tal-iġjene. L-Istati Membri jitħeġġu jieħdu wkoll miżuri oħra, bħall-istabbiliment ta' sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu li jkopru formati tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, l-użu ta' inċentivi ekonomiċi jew l-istabbiliment ta' rekwiżiti għad-distributuri finali biex jagħmlu disponibbli ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr daww koperti minn miri tal-użu **u tal-mili** mill-ġdid tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jew permezz tal-mili mill-ġdid dment li rekwiżiti bħal dawn ma jirriżultawx fil-frammentazzjoni tas-suq uniku u fil-ħolqien ta' ostakli kummerċjali.

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Premessa 113a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu b'mod attiv is-soluzzjonijiet tal-użu u tal-mili mill-ġdid. Jenħtieġ li jappoġġaw l-istabbiliment tas-sistemi għall-użu u għall-mili mill-ġdid u jimmonitorjaw il-funzjonament u l-konformità tagħhom mal-istandards tal-iġjene. L-Istati Membri jitħeġġu jieħdu wkoll miżuri oħra, bħall-istabbiliment ta' sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu li jkopru formati tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, l-użu ta' inċentivi ekonomiċi jew l-istabbiliment ta' rekwiżiti għad-distributuri finali biex jagħmlu disponibbli ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr daww koperti minn miri tal-użu mill-ġdid **u obbligi ta' mili mill-ġdid** tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jew permezz tal-mili mill-ġdid dment li rekwiżiti bħal dawn ma jirriżultawx fil-frammentazzjoni tas-suq uniku u fil-ħolqien ta' ostakli kummerċjali.

*Emenda*

**(113a) Filwaqt li huwa importanti li l-Kummissjoni tqis it-teknoloġiji tal-iproċessar kollha meta tabbozza l-atti delegati li jistabbilixxu l-kriterji tar-riċiklabilità, kif ukoll il-kriterji għar-riċiklabilità fuq skala kbira, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-valur miżjud tar-riċiklaġġ kimiku għal daww il-frazzjonijiet li ma jistgħux jiġu pproċessati mit-teknoloġiji tar-riċiklaġġ mekkaniku. Fil-kuntest tal-oġġettivi li ġew stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-konsum tal-enerġija ta' teknoloġiji ġodda, il-konsum tal-ilma, it-telf materjali u, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni dwar l-asserzjonijiet**

*ambjentali, tevita asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, billi tillimita dawk l-applikazzjonijiet għal approċċ verament ċirkolari, bl-esklużjoni, pereżempju, tal-approċċi għall-konverżjoni tal-materjali fi fjuwil.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).*

## **Emenda 49**

### **Proposta għal regolament Premessa 113b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(113b) Operatur ekonomiku jenħtieġ li jkun jista' jagħmel asserzjonijiet ambjentali fuq l-imballaġġ introdott fis-suq biss jekk ikunu sostanzjati f'konformità mad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ambjentali. Fir-rigward tar-riċiklabilità, il-livell tal-kontenut riċiklat u l-użu mill-ġdid, dawk l-asserzjonijiet jenħtieġ li jkunu possibbli biss għall-proprjetajiet tal-imballaġġ li jaqbz u r-rekwiżiti minimi applikabbli stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

## **Emenda 50**

### **Proposta għal regolament Premessa 117a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(117a) Il-ġbir separat barra mid-dar huwa element importanti sabiex jiżdedu r-rati tal-ġbir tal-imballaġġ, u tittiejeb iċ-*



*ċirkolarità tiegħu. L-Istati Membri u l-atturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu miżuri speċifiċi għall-ġbir separat barra mid-dar, adattati għall-post u d-drawwiet tal-konsumaturi.*

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Premessa 123

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(123) L-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà huwa essenzjali biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta biex jiġi żgurat li l-benefiċċji mistennija ta' dan ir-Regolament u l-kontribut għall-kisba tal-oġġettivi tal-klima, tal-enerġija u taċ-ċirkolarità tal-Unjoni. Għalhekk, ***ir-Regolament*** (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>73</sup> li jistabbilixxi qafas orizzontali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li japplika għall-imballaġġ li għalih huma stabbiliti rekwiżiti tas-sostenibbiltà skont dan ir-Regolament.

---

<sup>73</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Premessa 130

#### *Emenda*

(123) L-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà huwa essenzjali biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta biex jiġi żgurat li l-benefiċċji mistennija ta' dan ir-Regolament u l-kontribut għall-kisba tal-oġġettivi tal-klima, tal-enerġija u taċ-ċirkolarità tal-Unjoni. Għalhekk, ***jenħtieġ li jiġi stabbilit għadd minimu ta' kontrolli tal-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-imballaġġ fis-suq tal-Unjoni u r-Regolament*** (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>73</sup> li jistabbilixxi qafas orizzontali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li japplika għall-imballaġġ li għalih huma stabbiliti rekwiżiti tas-sostenibbiltà skont dan ir-Regolament.

---

<sup>73</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

(130) ***Fir-rigward tal-imballaġġ*** li jidħol fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-kooperazzjoni fis-suq bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, filwaqt li jistgħu jikkonċernaw kwalunkwe imballaġġ li jidħol fis-suq tal-Unjoni, l-interventi mill-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li jiffokaw primarjament fuq l-imballaġġ soġġett għall-miżuri ta' projbizzjoni meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. F'każ li jieħdu miżuri ta' projbizzjoni bħal dawn, u ma jkunux ristretti għat-territorju nazzjonali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jikkomunikaw, lill-awtoritajiet deżinjati għall-kontrolli fuq l-imballaġġ li jidħol fis-suq tal-Unjoni, id-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' imballaġġ mhux konformi bħal dan fil-fruntieri, l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-prodotti fl-imballaġġ u dwar l-operaturi ekonomiċi biex ikun jista' jsir approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, id-dwana se jkollha l-għan li tidentifika u twaqqaf dan l-imballaġġ fil-fruntieri.

(130) ***Sabiex jitħares il-funzjonament tas-suq intern u jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, jehhtieg li jiġi żgurat li l-imballaġġ minn pajjiżi terzi*** li jidħol fis-suq tal-Unjoni ***jikkonforma ma' dan ir-Regolament, kemm jekk jiġi importat bħala imballaġġ awtonomu kif ukoll fi prodott fl-imballaġġ. B'mod partikolari, jehhtieg li jiġi żgurat li jkun twettqu proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa mill-manifatturi fir-rigward ta' dak l-imballaġġ.*** Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-kooperazzjoni fis-suq bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, filwaqt li jistgħu jikkonċernaw kwalunkwe imballaġġ li jidħol fis-suq tal-Unjoni, l-interventi mill-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li jiffokaw primarjament fuq l-imballaġġ soġġett għall-miżuri ta' projbizzjoni meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. F'każ li jieħdu miżuri ta' projbizzjoni bħal dawn, u ma jkunux ristretti għat-territorju nazzjonali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jikkomunikaw, lill-awtoritajiet deżinjati għall-kontrolli fuq l-imballaġġ li jidħol fis-suq tal-Unjoni, id-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' imballaġġ mhux konformi bħal dan fil-fruntieri, l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-prodotti fl-imballaġġ u dwar l-operaturi ekonomiċi biex ikun jista' jsir approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, id-dwana se jkollha l-għan li tidentifika u twaqqaf dan l-imballaġġ fil-fruntieri.

## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-imballaġġ fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali u t-tikkettar, biex jippermetti l-introduzzjoni tiegħu fis-suq, kif ukoll għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ.

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, billi jistabbilixxi miżuri f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni għall-imballaġġ bħalma huma dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza, mal-kwalità, mal-protezzjoni tas-saħħa u mal-

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-imballaġġ fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali u t-tikkettar, biex jippermetti l-introduzzjoni tiegħu fis-suq, kif ukoll għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ***il-prevenzjoni, it-tnaqqis tal-imballaġġ mhux meħtieġ, l-użu mill-ġdid jew il-mili mil-ġdid tal-imballaġġ***, il-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ.

*Emenda*

3. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***u għall-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1119***, billi jistabbilixxi miżuri f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, ***u billi jipprovdli qafas legali ta' appoġġ li jagħti ċertezza lill-industrija Ewropea għall-investimenti tagħha biex tinkiseb iċ-ċirkolarità tal-imballaġġ***.

*Emenda*

2. Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni għall-imballaġġ bħalma huma dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza, mal-kwalità, mal-protezzjoni tas-saħħa u mal-

iġjene tal-prodotti fl-imballaġġ, jew għar-rekwiżiti tat-trasport, kif ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart perikoluż.

iġjene tal-prodotti fl-imballaġġ, jew għar-rekwiżiti tat-trasport, kif ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart perikoluż **u, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri relatati mal-ġerarkija tal-iskart li jippermettu li jinkiseb l-aqwa riżultat ambjentali.**

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-boroż tat-te jew tal-kafè **meħtieġa biex iżommu** prodott tat-te jew tal-kafè u maħsuba biex jintużaw u jintremew flimkien mal-prodott;

*Emenda*

(f) il-boroż tat-te jew tal-kafè **permeabbli jew sistema li tirtab wara l-użu u unitajiet ta' porzjon wieħed li jżommu** prodott tat-te jew tal-kafè u **li huma** maħsuba biex jintużaw u jintremew flimkien mal-prodott;

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) l-unità ta' porzjon wieħed tas-sistema tal-kafè jew tat-te meħtieġa biex iżomm prodott tal-kafè jew tat-te u maħsuba biex tintuża u tintrema flimkien mal-prodott;

*Emenda*

(g) l-unità ta' porzjon wieħed tas-sistema tal-kafè jew tat-te **mhux permeabbli** meħtieġa biex iżomm prodott tal-kafè jew tat-te u maħsuba biex tintuża u tintrema flimkien mal-prodott;

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) “imballaġġ għat-trasport” tfisser l-

*Emenda*

(4) “imballaġġ għat-trasport” tfisser l-

imballaġġ maħsub sabiex jiġu ffaċilitati l-immaniġġar u t-trasport ta' għadd ta' unitajiet tal-bejgħ jew l-imballaġġ kollettiv, inkluż l-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku iżda bl-esklużjoni tal-kontenituri għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-vapur u bl-ajru, sabiex tiġi pprevenuta l-ħsara mill-immaniġġar fiżiku u waqt it-trasport;

imballaġġ maħsub sabiex jiġu ffaċilitati l-immaniġġar u t-trasport ta' **kwalunkwe** għadd ta' unitajiet tal-bejgħ jew l-imballaġġ kollettiv, inkluż l-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku iżda bl-esklużjoni tal-kontenituri għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-vapur u bl-ajru, sabiex tiġi pprevenuta l-ħsara mill-immaniġġar fiżiku u waqt it-trasport ***lill-prodott***;

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) “distributur finali” tfisser id-distributur li jwassal il-prodotti jew il-prodotti fl-imballaġġ li jistgħu jinxtraw permezz tal-mili mill-ġdid lill-utent finali;

#### *Emenda*

(16) “distributur finali” tfisser id-distributur li jwassal il-prodotti jew il-prodotti fl-imballaġġ li jistgħu jinxtraw permezz tal-mili mill-ġdid ***jew l-użu mill-ġdid*** lill-utent finali;

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) “imballaġġ kompost” tfisser unità tal-imballaġġ magħmula minn żewġ materjali differenti jew aktar, minbarra l-materjali użati għat-tikketti, għall-għeluq u għall-issiġillar, li ma tistax tiġi sseparata manwalment u għalhekk tiffurma unità integrali waħda;

#### *Emenda*

(19) “imballaġġ kompost” tfisser unità tal-imballaġġ magħmula minn żewġ materjali differenti jew aktar, minbarra l-materjali użati għat-tikketti, ***għaż-żebgħa, għallinek, għall-adeżivi, għall-lakers,*** għall-għeluq u għall-issiġillar ***li jkunu parti mill-piż tal-materjal tal-imballaġġ ewlieni,*** li ma tistax tiġi sseparata manwalment u għalhekk tiffurma unità integrali waħda;

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) “użu mill-ġdid” tfisser kwalunkwe operazzjoni li biha l-imballaġġ li jista’ jerġa’ jintuża, jintuża għal darba oħra għall-istess fini li kien maħsub għalih;

*Emenda*

(22) “użu mill-ġdid” tfisser kwalunkwe operazzjoni li biha l-imballaġġ li jista’ jerġa’ jintuża, jintuża għal darba oħra ***diversi drabi*** għall-istess fini li kien maħsub għalih, ***li jsir possibbli permezz ta’ loġistika adegwata u jiġi promoss b’sistemi ta’ inċentivi xierqa, normalment permezz ta’ skema ta’ rifużjoni tad-depożitu;***

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) “sistemi għall-użu mill-ġdid” tfisser arranġamenti organizzazzjonali, tekniċi ***/jew*** finanzjarji, li jippermettu l-użu mill-ġdid jew f’sistema b’ċirkwit magħluq jew f’sistema b’ċirkwit miftuħ. Is-sistemi ta’ rifużjoni tad-depożitu, meta jiżguraw li l-imballaġġ jinġabar għall-użu mill-ġdid, jitqiesu bħala parti minn “sistema għall-użu mill-ġdid”;

*Emenda*

(26) “sistemi għall-użu mill-ġdid” tfisser arranġamenti organizzazzjonali, tekniċi ***u/jew*** finanzjarji, ***flimkien ma’ inċentivi***, li jippermettu l-użu mill-ġdid jew f’sistema b’ċirkwit magħluq jew f’sistema b’ċirkwit miftuħ. Is-sistemi ta’ rifużjoni tad-depożitu, meta jiżguraw li l-imballaġġ jinġabar għall-użu mill-ġdid, jitqiesu bħala parti minn “sistema għall-użu mill-ġdid”;

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) “mili mill-ġdid” tfisser operazzjoni li biha l-utent finali jimla l-kontenitur tiegħu stess, li tissodisfa l-funzjoni tal-imballaġġ, bi prodott jew b’diversi prodotti ***offruti mid-distributur finali fil-kuntest ta’ tranżazzjoni kummerċjali;***

*Emenda*

(28) “mili mill-ġdid” tfisser operazzjoni li biha l-utent finali jimla l-kontenitur tiegħu stess ***jew kontenitur ipprovdut fil-punt tal-bejgħ mid-distributur finali***, li tissodisfa l-funzjoni tal-imballaġġ, bi prodott jew b’diversi prodotti ***mixtrija permezz ta’ distributur finali;***

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(31) “disinn għar-riċiklaġġ” tfisser id-disinn tal-imballaġġ, inklużi l-komponenti individwali tal-imballaġġ, sabiex tiġi żgurata r-riċiklabbiltà tiegħu bi proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku;

*Emenda*

(31) “disinn għar-riċiklaġġ” tfisser id-disinn tal-imballaġġ, inklużi l-komponenti individwali tal-imballaġġ, sabiex tiġi żgurata r-riċiklabbiltà tiegħu bi proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, ***filwaqt li tingħata prijorità lill-proċessi ta’ riċiklaġġ mekkaniku;***

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(31a) “riċiklabbiltà” tfisser il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-imballaġġ mal-immaniġġar u l-ipproċessar tal-iskart mid-disinn, abbażi ta’ ġbir separat, separazzjoni fi flussi separati, riċiklaġġ fuq skala kbira, u l-użu ta’ materjali riċiklati biex jissostitwixxu l-materja prima primarja f’imballaġġ ġdid;***

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(32) “riċiklat fuq skala kbira” tfisser l-iskart miġbur, ***iseparat u riċiklat*** permezz ***tal-infrastruttura u tal-proċessi installati tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, li jkopru mill-inqas 75 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni***, inkluż l-iskart mill-imballaġġ esportat mill-Unjoni li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 47(5);

(32) “riċiklat fuq skala kbira” tfisser ***l-eżistenza ta’ kapaċità suffiċjenti biex l-iskart mill-imballaġġ miġbur jiġi dirett lejn flussi ta’ skart definiti u rikonoxxuti*** permezz tal-proċessi ***industrijali stabbiliti għall-ipproċessar mill-ġdid fis-sistemi reali ppruvati f’ambjent operazzjonali***, inkluż l-iskart mill-imballaġġ esportat mill-Unjoni li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(32a) “riċiklaġġ ta’ kwalità għolja” tfisser kwalunkwe operazzjoni ta’ rkupru, kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (17), tad-Direttiva 2008/98/KE, li tiżgura li l-kwalità distinta tal-iskart miġbur tiġi ppreżervata jew irkuprata matul dik l-operazzjoni ta’ rkupru, sabiex sussegwentement ikun jista’ jiġi riċiklat u użat bl-istess mod jew għal applikazzjoni simili, b’telf minimu ta’ kwantità, kwalità jew funzjoni;*

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(34) “komponent integrat” tfisser il-komponent tal-imballaġġ li jista’ jkun distint mill-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ, u jista’ jkun ta’ materjal differenti, iżda huwa integrali għall-unità tal-imballaġġ u għall-funzjonament tagħha u ma għandux għalfejn jiġi sseparat mill-unità tal-imballaġġ ewlenija **sabiex jiġi kkunsmat il-prodott** u tipikament jintrema fl-istess ħin bħall-unità tal-imballaġġ, għalkemm mhux neċessarjament fl-istess rotta tar-rimi;

(34) “komponent integrat” tfisser il-komponent tal-imballaġġ li jista’ jkun distint mill-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ, u jista’ jkun ta’ materjal differenti, iżda huwa integrali għall-unità tal-imballaġġ u għall-funzjonament tagħha u ma għandux għalfejn jiġi sseparat mill-unità tal-imballaġġ ewlenija u tipikament jintrema fl-istess ħin bħall-unità tal-imballaġġ, għalkemm mhux neċessarjament fl-istess rotta tar-rimi;

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35



*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) “komponent separat” tfisser il-komponent tal-imballaġġ li huwa distint mill-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ, li jista’ jkun ta’ materjal differenti, li jeħtieġ li jiġi żarmat kompletament u b’mod permanenti mill-unità ewlenija tal-imballaġġ **sabiex jinkiseb aċċess għall-prodott**, u li tipikament jintrema qabel u b’mod separat mill-unità tal-imballaġġ;

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 37**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(37) “imballaġġ innovattiv” tfisser forma ta’ imballaġġ li jiġi mmanifatturat bl-użu ta’ materjali, ta’ proċessi ta’ disinn jew ta’ produzzjoni ġodda, li jirriżulta f’ titjib sinifikanti fil-funzjonijiet tal-imballaġġ, bħaż-żamma, il-protezzjoni, l-immaniġġar, il-konsenja **jew il-preżentazzjoni** tal-prodotti, u f’benefiċċji ambjentali li jistgħu jintwerew, bl-eċċezzjoni tal-imballaġġ li huwa r-riżultat ta’ modifika tal-imballaġġ eżistenti għall-fini **unika** tal-preżentazzjoni mtejbja tal-prodotti u tal-kummerċjalizzazzjoni;

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 38**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(38) “materja prima sekondarja” tfisser il-materjali li jkunu nkisbu permezz tal-proċessi tar-riċiklaġġ u li jistgħu jissostitwixxu materja prima primarja;

*Emenda*

(35) “komponent separat” tfisser il-komponent tal-imballaġġ li huwa distint mill-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ, li jista’ jkun ta’ materjal differenti, li jeħtieġ li jiġi żarmat kompletament u b’mod permanenti mill-unità ewlenija tal-imballaġġ, u li tipikament jintrema qabel u b’mod separat mill-unità tal-imballaġġ;

*Emenda*

(37) “imballaġġ innovattiv” tfisser forma ta’ imballaġġ li jiġi mmanifatturat bl-użu ta’ materjali, ta’ proċessi ta’ disinn jew ta’ produzzjoni ġodda **u innovattivi**, li jirriżulta f’ titjib sinifikanti fil-funzjonijiet tal-imballaġġ, bħaż-żamma, il-protezzjoni, l-immaniġġar, il-konsenja tal-prodotti, u f’benefiċċji ambjentali li jistgħu jintwerew **b’mod ġenerali**, bl-eċċezzjoni tal-imballaġġ li huwa r-riżultat ta’ modifika tal-imballaġġ eżistenti għall-fini **ewlieni** tal-preżentazzjoni mtejbja tal-prodotti u tal-kummerċjalizzazzjoni;

*Emenda*

(38) “materja prima sekondarja” tfisser il-materjali li jkunu nkisbu permezz tal-proċessi tar-riċiklaġġ **u jkunu għaddew mill-kontrolli u l-operazzjonijiet ta’ separazzjoni kollha meħtieġa** u li jistgħu jissostitwixxu materja prima primarja;

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 40

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(40) “imballaġġ għall-kuntatt sensitiv” tfisser l-imballaġġ li huwa maħsub biex jintuża fi kwalunkwe applikazzjoni għall-imballaġġ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolamenti: (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 767/2009, (KE) Nru 2009/1223, (UE) 2017/745, (UE) 2017/746, (UE) 2019/4, (UE) 2019/6, tad-Direttiva 2001/83/KE, jew tad-Direttiva 2008/68/KE;

#### *Emenda*

(40) “imballaġġ għall-kuntatt sensitiv” tfisser l-imballaġġ li huwa maħsub biex jintuża fi kwalunkwe applikazzjoni għall-imballaġġ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolamenti: (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 767/2009, (KE) Nru 2009/1223, (UE) 2017/745, (UE) 2017/746, (UE) 2019/4, (UE) 2019/6, ***tad-Direttiva 2001/83/KE, tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>***, jew tad-Direttiva 2008/68/KE;

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).*

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 41

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) “imballaġġ kompostabbli” tfisser l-imballaġġ li tista’ ssirlu dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika b’tali mod li l-biċċa l-kbira tal-kompost lest fl-aħħar jiddekomponi f’ diossidu tal-karbonju, imluħa minerali, bijomassa u ilma, skont l-Artikolu 47(4), u ma jfixkilx il-ġbir separat u l-proċess jew l-attività tal-kompostjar li jiġi introdott fih f’ kundizzjonijiet ikkontrollati b’mod industrijali;

#### *Emenda*

(41) “imballaġġ kompostabbli” tfisser l-imballaġġ li tista’ ssirlu dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika b’tali mod li l-biċċa l-kbira tal-kompost lest fl-aħħar jiddekomponi f’ diossidu tal-karbonju, imluħa minerali, bijomassa u ilma, skont l-Artikolu 47(8), u ma jfixkilx il-ġbir separat u l-proċess jew l-attività tal-kompostjar jew ***id-diġestjoni anaerobika*** li jiġi introdott fih f’ kundizzjonijiet ikkontrollati b’mod industrijali, ***f’konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-istandards Ewropej***

*armonizzati EN 13432;*

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(41a) “imballaġġ kompostabbli fid-dar”  
tfisser imballaġġ li jista’ wkoll jiddegrada  
bijoloġikament f’kundizzjonijiet mhux  
ikkontrollati meta mqabbel ma’ faċilitajiet  
tal-kompostjar fuq skala industrijali u li l-  
proċess tal-kompostjar tiegħu jitwettaq  
minn individwi privati bl-għan li jiġi  
prodott kompost għall-użu tagħhom stess.*

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 41b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(41b) “plastik b’bażi bijoloġika” tfisser  
plastik li l-materja prima tiegħu tkun  
magħmula mill-bijomassa<sup>1a</sup>;*

---

*<sup>1a</sup> Komunikazzjoni għal qafas ta’ politika  
tal-UE dwar plastiks b’bażi bijoloġika,  
bijodegradabbli u kompostabbli,  
COM(2022) 682 final, 30/11/2022.*

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 50

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(50) “depożitu” tfisser somma *fissa* ta’ flus, li ma tkunx parti mill-prezz tal-prodott fl-imballaġġ jew mimli li jinġabar mill-utent finali meta jixtri prodott fl-imballaġġ

(50) “depożitu” tfisser somma *definita* ta’ flus, li ma tkunx parti mill-prezz tal-prodott fl-imballaġġ jew mimli li jinġabar mill-utent finali meta jixtri prodott fl-imballaġġ

jew mimli bħal dan, kopert minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu fi Stat Membru partikolari u li jista' jiġi skambjat meta l-utent finali **jirritorna** l-imballaġġ abbinat ma' depożitu fil-punt tal-ġbir stabbilit għal dik il-fini;

jew mimli bħal dan, kopert minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu fi Stat Membru partikolari u li jista' jiġi skambjat meta l-utent finali, **jew kwalunkwe persuna oħra, jirritornaw** l-imballaġġ abbinat ma' depożitu fil-punt tal-ġbir stabbilit għal dik il-fini;

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 51

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(51) “sistema ta' rifużjoni tad-depożitu” tfisser sistema, li fiha jiġi impost depożitu fuq l-utent finali meta jixtri prodott fl-imballaġġ jew mimli kopert minn din is-sistema, u jiġi mifdi lill-utent finali meta l-imballaġġ abbinat ma' depożitu jiġi rritornat fil-punt tal-ġbir stabbilit għal dik il-fini;

#### *Emenda*

(51) “sistema ta' rifużjoni tad-depożitu” tfisser sistema, li fiha jiġi impost depożitu fuq l-utent finali meta jixtri prodott fl-imballaġġ jew mimli kopert minn din is-sistema, u jiġi mifdi lill-utent finali meta l-imballaġġ abbinat ma' depożitu jiġi rritornat fil-punt tal-ġbir stabbilit għal dik il-fini **jew jiġi ddepożitat kif xieraq fit-tip ta' reċipjent tal-iskart ipprovdut għal dak l-għan, fid-dar jew fi spazji pubbliċi,**

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 57

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) “imballaġġ li jippreżenta riskju” tfisser l-imballaġġ li, billi ma jikkonformax mar-rekwiżit stabbilit f'dan ir-Regolament jew skont dan ir-Regolament għajr dawk elenkati fl-Artikolu 56(1), jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ambjent jew l-interessi pubbliċi l-oħra protetti minn dak ir-rekwiżit;

#### *Emenda*

(57) “imballaġġ li jippreżenta riskju” tfisser l-imballaġġ li, billi ma jikkonformax mar-rekwiżit stabbilit f'dan ir-Regolament jew skont dan ir-Regolament għajr dawk elenkati fl-Artikolu 56(1), jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ambjent, **is-saħħa** jew l-interessi pubbliċi l-oħra protetti minn dak ir-rekwiżit;

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Minnbarra r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Artikolu 11, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu rekwiżiti tat-tikkettar ulterjuri, għall-fini tal-identifikazzjoni tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jew tas-sistema ta' rifiżjoni tad-depożitu għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 44(1).**

***imħassar***

## **Emenda 80**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-imballaġġ għandu jiġi mmanifatturat b'tali mod li l-preżenza u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi ta' tħassib bħala l-kostitwenti tal-materjal tal-imballaġġ jew ta' kwalunkwe wieħed mill-komponenti tal-imballaġġ jiġu mminimizzati, inkluż fir-rigward tal-preżenza tagħhom fl-emissjonijiet u kwalunkwe eżitu tal-immaniġġar tal-iskart, bħall-materja prima sekondarja, l-irmied jew materjal ieħor għar-rimi finali.

1. L-imballaġġ għandu jiġi mmanifatturat b'tali mod li l-preżenza u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi ta' tħassib bħala l-kostitwenti tal-materjal tal-imballaġġ jew ta' kwalunkwe wieħed mill-komponenti tal-imballaġġ jiġu mminimizzati, inkluż fir-rigward tal-preżenza tagħhom fl-emissjonijiet u kwalunkwe eżitu tal-immaniġġar tal-iskart, bħall-materja prima sekondarja, l-irmied jew materjal ieħor għar-rimi finali, ***u l-impatt negattiv fuq l-ambjent minħabba l-mikroplastiks.***

## **Emenda 81**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel li fih sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFASs) miżjuda intenzjonalment ma għandux jiġi introdott fis-suq minn ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.]***

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *L-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel li fih il-Bisfenol A (BPA, CAS 80-05-7) miżjud intenzjonalment ma għandux jiġi introdott fis-suq minn ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.]*

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti **fil-paragrafu 2** għandha tintwera fid-dokumentazzjoni teknika mfassla f'konformità mal-Anness VII.

3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti **fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b** għandha tintwera fid-dokumentazzjoni teknika mfassla f'konformità mal-Anness VII.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Ir-rekwiżiti tar-riċiklabilità stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 6(5) ma għandhomx jirrestrinġu l-preżenza tas-sustanzi fl-imballaġġ jew fil-komponenti tal-imballaġġ minħabba r-raġunijiet primarjament relatati mas-sikurezza kimika. Dawn għandhom jindirizzaw, **kif xieraq**, is-sustanzi ta' tħassib li **jaffettwaw b'mod** negattiv l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materjali fl-imballaġġ li jkunu preżenti fih, u **għandhom, kif xieraq**,

4. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2a u 2b**, ir-rekwiżiti tar-riċiklabilità stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 6(5) ma għandhomx jirrestrinġu l-preżenza tas-sustanzi fl-imballaġġ jew fil-komponenti tal-imballaġġ minħabba r-raġunijiet primarjament relatati mas-sikurezza kimika, **sakemm ma jkunx hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jirriżulta mill-użu ta'**

jidentifikaw is-sustanzi speċifiċi kkonċernati u l-kriterji u l-limitazzjonijiet assoċjati **tagħhom**.

**sustanza fl-imballaġġ fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu**. Dawn għandhom jindirizzaw **ukoll** is-sustanzi ta' tħassib li **jkollhom impatt** negattiv **fuq** l-użu mill-ġdid, **is-separazzjoni** u r-riċiklaġġ tal-materjali fl-imballaġġ li jkunu preżenti fih, u jidentifikaw is-sustanzi speċifiċi kkonċernati u l-kriterji u l-limitazzjonijiet assoċjati **magħhom**.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-imballaġġ kollu għandu jkun riċiklabbli.

L-imballaġġ kollu **li jiġi introdott fis-suq** għandu jkun riċiklabbli **f'konformità mal-paragrafu 2**.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) ikun iddisinjat għar-riċiklaġġ;

(a) ikun iddisinjat għar-riċiklaġġ, **kif stabbilit fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4**;

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) **jista' jiġi rriċiklat** fuq skala kbira.

(e) **huwa riċiklabbli** fuq skala kbira **f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 6**.

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Il-punt (a) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030 u l-punt (e) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2035.*

*Emenda*

*Il-punti (a) sa (d) għandhom japplikaw minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4 u l-punt (e) għandu japplika minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 6.*

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. *Mill-1 ta' Jannar 2030*, l-imballaġġ riċiklabbli għandu jikkonforma mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 **u**, *mill-1 ta' Jannar 2035*, **anke** mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira stabbilita fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6. Meta imballaġġ bħal dan jikkonforma ma' dawk l-atti delegati, dan għandu jitqies bħala konformi mal-paragrafu 2, il-punti (a) u (e).

*Emenda*

3. L-imballaġġ riċiklabbli għandu:

*(a) jikkonforma mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4; u*

*(b) jikkonforma mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira stabbilita fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6 mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 6, minbarra l-punt (a) ta' dan il-paragrafu.*



Meta imballaġġ bħal dan jikkonforma ma' dawk l-atti delegati, dan għandu jitqies bħala konformi mal-paragrafu 2, il-punti (a) u (e).

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Il-kriterji u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jistabbilixxu:**

**(a) il-mod li bih jiġi espress ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-riċiklabilità fil-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabilità minn A sa E, kif stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness II, abbażi tal-perċentwal tal-unità tal-imballaġġ, fil-piż, li huwa riċiklabbli f'konformità mal-paragrafu 1;**

**(b) id-disinn dettaljat għall-kriterji tar-riċiklaġġ, inklużi rekwiżiti speċifiċi għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, meta xieraq, għal kull materjal u kategorija tal-imballaġġ elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness II;**

**(c) deskrizzjoni, għal kull kategorija tal-imballaġġ elenkata fit-Tabella 1 tal-Anness II, tal-kundizzjonijiet għall-konformità mal-grad tal-prestazzjoni rispettivi;**

**(d) il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġihallu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi estiżi tagħhom tar-responsabbiltà tal-produttur kif imsemmi fl-Artikolu 40, abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tal-imballaġġ;**

**(e) il-mod li bih tiġi vvalutata r-riċiklabilità fuq skala kbira għal kull kategorija tal-imballaġġ elenkata fit-Tabella 1 tal-Anness II sabiex jiġu stabbiliti l-grad agħornati tal-prestazzjoni tar-riċiklabilità.**

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha *s-setgħa li* tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-kriterji tad-disinn **għall-kriterji tar-riċiklaġġ** u l-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklaġġ abbażi tal-kriterji u tal-parametri elenkati **fit-Tabella 2** tal-Anness II għall-kategoriji tal-imballaġġ elenkati fit-Tabella 1 ta' dak l-Anness, **kif ukoll ir-regoli** dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 40(1), abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklaġġ tal-imballaġġ, u **għall-imballaġġ tal-plastik**, il-perċentwal tal-kontenut riċiklat. **Il-kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ għandhom iqisu l-proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u għandhom ikopru l-komponenti kollha tal-imballaġġ.**

#### *Emenda*

**Sal-1 ta' Jannar 2027**, il-Kummissjoni, **wara li tikkonsulta lill-Forum dwar l-Imballaġġ stabbilit skont l-Artikolu 12a u filwaqt li tqis l-istandards imfassla mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandards**, għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex:

(a) tistabbilixxi l-kriterji tad-disinn **għar-riċiklaġġ** u l-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklaġġ abbażi tal-kriterji u tal-parametri elenkati **fit-Tabelli 2 u 2a** tal-Anness II għall-kategoriji tal-imballaġġ elenkati fit-Tabella 1 ta' dak l-Anness; **il-kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ għandhom iqisu l-proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u għandhom ikopru l-komponenti kollha tal-imballaġġ;**

(b) **tistabbilixxi r-regoli** dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 40(1), abbażi

tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklaġġ tal-  
imballaġġ, u *meta applikabbli*, il-  
perċentwal tal-kontenut riċiklat.

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda t-Tabella 1 tal-Anness sabiex tadattaha għall-iżvilupp xjentifiku u tekniku fl-infrastruttura tad-disinn tal-materjali u tal-prodotti, tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda t-Tabella 1 tal-Anness **II** sabiex tadattaha għall-iżvilupp xjentifiku u tekniku fl-infrastruttura tad-disinn tal-materjali u tal-prodotti, tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ.

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Mill-1 ta' Jannar 2030**, l-imballaġġ ma għandux jitqies bħala riċiklabbli jekk jikkorrispondi għall-grad tal-prestazzjoni E skont id-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 4 għall-kategorija tal-imballaġġ, li jappartjeni għaliha l-imballaġġ.

#### *Emenda*

**Minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4**, l-imballaġġ ma għandux jitqies bħala riċiklabbli jekk jikkorrispondi għall-grad tal-prestazzjoni E skont id-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 4 għall-kategorija tal-imballaġġ, li jappartjeni għaliha l-imballaġġ.

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Minn 96 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4**, l-imballaġġ ma għandux

#### *Emenda*

**Minn 96 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4**, l-imballaġġ ma għandux

*jitqies bħala riċiklabbli jekk jikkorrispondi għall-grad tal-prestazzjoni D jew inqas skont id-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 4 għall-kategorija tal-imballaġġ, li l-imballaġġ jappartjeni għaliha.*

## **Emenda 95**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 6, l-imballaġġ ma għandux jitqies bħala riċiklabbli jekk ma jikkonformax mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6.*

## **Emenda 96**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Dawn il-kriterji għandhom ikunu bbażati tal-anqas fuq il-parametri kif elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness II.*

*imħassar*

## **Emenda 97**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha, għal kull tip ta' imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II, tistabbilixxi l-metodoloġija biex tivvaluta jekk l-imballaġġ huwiex riċiklabbli fuq skala. Il-metodoloġija

6. *Mhux aktar tard minn 60 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex*

għandha tkun ibbażata fuq mill-inqas l-elementi li ġejjin:

*tissupplimenta dan ir-Regolament*, għal kull tip ta' imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II, *sabiex* tistabbilixxi l-metodoloġija biex tivvaluta jekk l-imballaġġ huwiex riċiklabbli fuq skala. **Dik** il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq mill-inqas l-elementi li ġejjin:

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-ammonti tal-iskart mill-imballaġġ miġbur separatament, għal kull materjal tal-imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II, fl-Unjoni kollha kemm hi u f'kull Stat Membru;

*Emenda*

(b) l-ammonti tal-iskart mill-imballaġġ miġbur separatament, għal kull materjal tal-imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II, fl-Unjoni kollha kemm hi u f'kull Stat Membru, ***filwaqt li jitqiesu l-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 43 ta' dan ir-Regolament***;

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-kapaċitajiet tal-infrastruttura installati għas-separazzjoni u għar-riċiklaġġ fl-Unjoni kollha kemm hi għal kull tip ta' imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II.

*Emenda*

(d) il-kapaċitajiet tal-infrastruttura installati għas-separazzjoni u għar-riċiklaġġ fl-Unjoni kollha kemm hi għal kull tip ta' imballaġġ elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness II, ***filwaqt li jitqiesu l-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 43 ta' dan ir-Regolament***.

## Emenda 100

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

***Id-data msemmija fil-punti (a) sa (d) għandha tkun disponibbli u faċilment aċċessibbli mill-pubbliku.***

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7. Il-kriterji u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jistabbilixxu:***

***imħassar***

***(a) il-mod li bih jiġi espress ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-riċiklabilità fil-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabilità minn A sa E, kif deskritt fit-Tabella 3 tal-Anness II, abbażi tal-perċentwal tal-unità tal-imballaġġ, fil-piż, li huwa riċiklabbli skont il-paragrafu 1;***

***(b) id-disinn dettaljat għall-kriterji tar-riċiklaġġ għal kull materjal u kategorija tal-imballaġġ elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness II;***

***(c) deskrizzjoni, għal kull kategorija tal-imballaġġ elenkata fit-Tabella 1 tal-Anness II, tal-kundizzjonijiet għall-konformità mal-grad tal-prestazzjoni rispettivi;***

***(d) il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġihallu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi estiżi tagħhom tar-responsabbiltà tal-produttur kif imsemmi fl-Artikolu 40, abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tal-imballaġġ;***

***(e) il-mod li bih tiġi vvalutata r-riċiklabilità fuq skala kbira għal kull kategorija tal-imballaġġ elenkata fit-Tabella 1 tal-Anness II sabiex jiġu stabbiliti, mill-2035, il-grad aġġornati tal-prestazzjoni tar-riċiklabilità.***

## Emenda 102

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. Meta jintwera li jkun ta' benefiċċju għall-ambjent u teknikament fattibbli, l-Istati Membri jistgħu, speċjalment permezz tad-disinn ta' skemi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 44, jagħtu prijorità lir-riċiklaġġ tal-imballaġġ sabiex sussegwentement ikun jista' jiġi riċiklat u użat bl-istess mod jew għal applikazzjoni simili, b'telf minimu ta' kwantità, kwalità jew funzjoni, biex b'hekk il-produtturi obbligati jilhqqu l-miri tal-kontenut riċiklat ikunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess ġust għall-materjal derivat mill-imballaġġ riċiklat.**

## Emenda 103

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 għandha tintwera fid-dokumentazzjoni teknika dwar l-imballaġġ kif stabbilit fl-Anness VII.

Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 għandha tintwera fid-dokumentazzjoni teknika dwar l-imballaġġ kif stabbilit fl-Anness VII **u tqis l-elementi li ġejjin:**

## Emenda 104

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta unità tal-imballaġġ tinkludi l-komponenti integrati, il-valutazzjoni tal-konformità mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ u mar-rekwiżiti tar-riċiklabilità fuq skala kbira għandha tinkludi l-

**(a)** meta unità tal-imballaġġ tinkludi l-komponenti integrati, il-valutazzjoni tal-konformità mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ u mar-rekwiżiti tar-riċiklabilità fuq skala kbira għandha tinkludi l-

komponenti integrati kollha.

komponenti integrati kollha;

### Emenda 105

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta unità tal-imballaġġ tinkludi l-komponenti separati, il-valutazzjoni tal-konformità mad-disinn għar-rekwiżiti tar-riċiklaġġ u mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira għandha ssir b' mod separat għal kull komponent separat.

##### *Emenda*

**(b)** meta unità tal-imballaġġ tinkludi l-komponenti separati, il-valutazzjoni tal-konformità mad-disinn għar-rekwiżiti tar-riċiklaġġ u mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira għandha ssir b' mod separat għal kull komponent separat; ***jekk komponent integrat tal-unità tal-imballaġġ ikun faċilment separabbli bl-idejn u jkun hemm struzzjonijiet ċari għall-konsumatur, ir-riċiklabbiltà ġenerali għandha tkun kombinazzjoni tal-valutazzjonijiet għal kull komponent individwali;***

### Emenda 106

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-komponenti kollha tal-unità tal-imballaġġ għandhom ikunu kompatibbli mal-proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ l-aktar avvanzati u ma għandhomx ifixklu r-riċiklabbiltà tal-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ.

##### *Emenda*

**(c)** il-komponenti kollha tal-unità tal-imballaġġ għandhom ikunu kompatibbli mal-proċessi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ l-aktar avvanzati u ma għandhomx ifixklu r-riċiklabbiltà tal-qafas ewlieni tal-unità tal-imballaġġ.

### Emenda 107

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

***Mill-1 ta' Jannar 2030***, u b' deroga ***mill-paragrafi 2 u 3***, l-imballaġġ innovattiv

##### *Emenda*

***Minn 36 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-atti delegati msemmija***



jista' jiġi introdott fis-suq għal perjodu massimu ta' 5 snin wara t-tmiem tas-sena kalendarja meta jkun ġie introdott fis-suq.

*fil-paragrafu 4, u b' deroga mir-**rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu**, l-imballaġġ innovattiv jista' jiġi introdott fis-suq għal perjodu massimu ta' 5 snin wara t-tmiem tas-sena kalendarja meta jkun ġie introdott fis-suq.*

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kostanti l-impatt tad-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu fuq l-ammont ta' imballaġġ introdott fis-suq. Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha tadotta proposta leġiżlattiva bl-għan li temenda l-ewwel subparagrafu.***

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Meta jsir użu minn din id-deroga, l-imballaġġ innovattiv għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni teknika, imsemmija fl-Anness VII, li turi n-natura innovattiva tiegħu u li turi l-konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 3(34) ta' dan ir-Regolament.***

*L-imballaġġ innovattiv għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni teknika, imsemmija fl-Anness VII, li turi n-natura innovattiva tiegħu, **il-benefiċċju ambjentali globali tiegħu** u li turi l-konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 3(37) ta' dan ir-Regolament.*

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Wara l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, imballaġġ bħal dan għandu

Wara l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, imballaġġ bħal dan għandu

jkun akkumpanjat mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-paragrafu 8.

jkun akkumpanjat mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-paragrafu 8 **u għalhekk għandu jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

#### Emenda 111

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. **Sal-31 ta' Diċembru 2034**, dan l-Artikolu ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:

10. **Sa 72 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6**, dan l-Artikolu ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:

#### Emenda 112

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) l-imballaġġ **tal-plastik** għall-kuntatt sensittiv tal-apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745;

(b) l-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv tal-apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745;

#### Emenda 113

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) l-imballaġġ **tal-plastik** għall-kuntatt sensittiv tal-apparati mediċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746.

(c) l-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv tal-apparati mediċi in vitro koperti mir-Regolament (UE) 2017/746.

#### Emenda 114

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) l-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv għall-formula tat-trabi u l-formula ta' prosegwiment, l-ikel ipproċessat abbażi ta' ċereali u l-ikel tat-trabi, u l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fl-Artikolu 1, il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.**

## **Emenda 115**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li testendi d-deroga stabbilita skont il-paragrafu 10. Dik il-valutazzjoni għandha tqis il-linji gwida xjentifiċi disponibbli tal-awtoritajiet regolatorji rilevanti, l-istat tal-progress xjentifiku u tekniku, u d-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-materjali riċiklabbli. Fuq dik il-bażi u wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva.**

## **Emenda 116**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

11. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 40 għandhom jiġu mmodulati abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà, kif iddeterminat f'konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafi 4 u 6 ta' dan l-Artikolu u, fir-

11. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 40 għandhom jiġu mmodulati abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà, kif iddeterminat f'konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafi 4 u 6 ta' dan l-Artikolu u, fir-

rigward tal-imballaġġ tal-plastik, anke f'konformità mal-Artikolu 7(6).

rigward tal-imballaġġ tal-plastik, anke f'konformità mal-Artikolu 7(6). ***Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, f'konformità mal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, għandhom ikunu allokat biex jiffinanzjaw il-kost nett tal-infrastrutturi tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ tat-tip ta' imballaġġ li jkun tħallas għalih, skont il-kategoriji stabbiliti fl-Anness II, Tabella 1.***

## Emenda 117

### Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 6a*

#### *Imballaġġ inert*

***Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament meta jkun meħtieġ biex tindirizza kwalunkwe diffikultà li tinqala' fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari, għall-materjali tal-imballaġġ inert li jiġu introdotti fis-suq fi kwantitajiet żgħar ħafna (jiġifieri madwar 0,1 % skont il-piż) fl-Unjoni.***

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-parti tal-plastik fl-imballaġġ għandu jkun fiha l-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, għal kull ***unità*** tal-imballaġġ:

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-parti tal-plastik fl-imballaġġ ***introdott fis-suq, sakemm dan ma jirriżultax f'nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***, għandu jkun fiha l-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart

tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, għal kull *format* tal-imballaġġ *kif imsemmi fit-Tabella 1 tal-Anness II, ikkalkulat bħala medja għal kull impjant tal-manifattura, għal kull sena:*

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) 30 % għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv magħmul mill-polietilentereftalat (PET) bħala l-komponent ewlieni;

*Emenda*

(a) 30 % għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv, *ħlief il-fliexken tax-xorb li jintużaw darba biss*, magħmul mill-polietilentereftalat (PET) bħala l-komponent ewlieni;

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) 10 % għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv magħmul minn materjali tal-plastik għajr il-PET, ħlief il-fliexken tal-plastik tax-xorb li jintużaw darba biss;

*Emenda*

(b) 7,5 % għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv magħmul minn materjali tal-plastik għajr il-PET, ħlief il-fliexken tal-plastik tax-xorb li jintużaw darba biss;

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) 35 % għall-imballaġġ għajr daww imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

*Emenda*

(d) 35 % għall-imballaġġ *tal-plastik* għajr daww imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

## Emenda 122

## Proposta għal regolament

### Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Mill-1 ta' Jannar 2040, il-parti tal-plastik fl-imballaġġ għandu jkun fiha l-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, għal kull *unità* tal-imballaġġ:

*Emenda*

2. Mill-1 ta' Jannar 2040, il-parti tal-plastik fl-imballaġġ għandu jkun fiha l-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, għal kull *format* tal-imballaġġ *kif imsemmi fit-Tabella 1 tal-Anness II, għal kull impjant tal-manifattura, għal kull sena:*

## Emenda 123

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) 25 % għall-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv magħmul minn materjali tal-plastik għajr il-PET.*

## Emenda 124

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu eżentati mill-obbligu li jilħqu l-miri fil-paragrafi 1 u 2 jekk, matul sena kalendarja, jaqgħu fid-definizzjoni ta' mikrointrapriża stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>1a</sup>.*

---

<sup>1a</sup> *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).*

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3– punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv tal-apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745;

*Emenda*

(b) l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv tal-apparati mediċi, ***jew apparati maħsuba esklużivament għall-użu fir-riċerka u apparati investigattivi*** koperti mir-Regolament (UE) 2017/745;

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) l-imballaġġ tal-plastik għall-kuntatt sensitiv għall-ikel maħsub għat-trabi u t-fal żgħar, l-ikel għal skopijiet mediċinali speċjali u l-imballaġġ għax-xorb u l-ikel li tipikament jintużaw għal tfal żgħar kif definit fl-Artikolu 1, il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 609/2013;***

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(db) l-imballaġġ ta' provvisti, komponenti u komponenti tal-imballaġġ immedjat għall-manifattura ta' prodotti mediċinali skont id-Direttiva 2001/83/KE u għall-prodotti mediċinali veterinarji skont ir-Regolament (UE) 2019/6 meta tali imballaġġ jeħtieġ li jkun konformi mal-istandards tal-kwalità tal-prodott mediċinali.***

## Emenda 128

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw **għall-imballaġġ** tal-plastik kompostabbli.

*Emenda*

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw **għal**:

- (a) **imballaġġ** tal-plastik kompostabbli;
- (b) **linek, adeżivi, żebgħa, verniċ u lakers użati fuq l-imballaġġ**;
- (c) **kwalunkwe parti tal-plastik li tirrappreżenta anqas minn 5 % tal-piż totali tal-unità sħiħa tal-imballaġġ**.

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti infrastrutturi komprensivi tal-ġbir u tas-separazzjoni biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ u biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' materja prima tal-plastik għar-riċiklaġġ.**

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 għandha tintwera fl-informazzjoni teknika dwar l-imballaġġ **imsemmi** fl-Anness VII.

5. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 għandha tintwera **mill-operaturi ekonomiċi** fl-informazzjoni teknika dwar l-imballaġġ **imsemmija** fl-Anness VII.

**Emenda 131**



**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha *s-setgħa li* tadotta atti *ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu* l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tal-perċentwal tal-kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, *għal kull unità tal-imballaġġ tal-plastik*, u l-format għad-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VII. Dawk l-atti *ta' implimentazzjoni* għandhom *jigħu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3)*.

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Mill-1 ta' Jannar 2029, il-kalkolu u l-verifika tal-perċentwal tal-kontenut riċiklat li jinsab fl-imballaġġ skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-att *ta' implimentazzjoni msemmi* fil-paragrafu 7.

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-1 ta' Jannar **2028**, il-Kummissjoni għandha tivvaluta *l-ħtieġa ta' derogi mill-perċentwal minimu stabbilit fil-paragrafu 1, fil-punti b u d, għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku, jew għar-reviżjoni tad-deroga stabbilita skont il-paragrafu 3*

*Emenda*

7. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta atti *delegati f'konformità mal-Artikolu 58 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi* l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tal-perċentwal tal-kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur u l-format għad-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VII. Dawk l-atti *delegati* għandhom *iqisu l-impatt ambjentali tal-proċess ta' riċiklaġġ*.

*Emenda*

8. Mill-1 ta' Jannar 2029, il-kalkolu u l-verifika tal-perċentwal tal-kontenut riċiklat li jinsab fl-imballaġġ skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-att *delegat imsemmi* fil-paragrafu 7.

*Emenda*

Sal-1 ta' Jannar **2032**, il-Kummissjoni għandha tivvaluta *s-sitwazzjoni rigward l-użu ta' materjali tal-imballaġġ riċiklat fil-plastik, filwaqt li tiffoka fuq in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' plastik riċiklat jew fuq l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem*

*għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku.*

*jew tal-animali, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel jew l-ambjent, meta teknoloġiji ta' riċiklaġġ xierqa użati għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik ma jkunux disponibbli minħabba li ma jkunux awtorizzati skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni jew ma jkunux implimentati biżżejjed fil-prattika, jew ma jkunux effiċjenti biżżejjed fir-rigward tar-riżorsi u l-enerġija.*

#### **Emenda 134**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) tipprevedi derogi mill-kamp ta' applikazzjoni, mill-ħin jew mil-livell tal-perċentwal minimu stabbilit fil-punti b u d tal-paragrafu 1, *għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku, u, kif xieraq,*

(a) tipprevedi derogi mill-kamp ta' applikazzjoni, mill-ħin jew mil-livell tal-perċentwal minimu stabbilit fil-punti b u d tal-paragrafu 2,

#### **Emenda 135**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) timmodifika l-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2,*

#### **Emenda 136**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*meta ma jkunux disponibbli teknoloġiji xierqa ta' riċiklaġġ għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik minħabba li ma jkunux awtorizzati skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni jew ma jkunux installati*

*imħassar*

*biżżejjed fil-prattika.*

#### **Emenda 137**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10. Meta jkun iġġustifikat min-nuqqas ta' disponibbiltà jew prezzijiet eċċessivi ta' plastik riċiklat speċifiku li jista' jkollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel jew l-ambjent, filwaqt li l-konformità mal-perċentwali minimi ta' kontenut riċiklat stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tkun eċċessivament diffiċli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-paragrafi 1 u 2 billi taġġusta l-perċentwali minimi kif xieraq. Fl-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni ta' aġġustament bħal dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talbiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom jiġu akkumpanjati minn informazzjoni u data rilevanti dwar is-sitwazzjoni tas-suq għal dan l-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur u l-aħjar evidenza disponibbli dwar ir-riskji relatati għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, għas-sigurtà tal-provvista tal-ikel jew tal-ambjent.**

*imħassar*

#### **Emenda 138**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**11a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għall-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ**

*sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (2).*

*Meta jkun xieraq u abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex:*

*(a) tistabilixxi miri għall-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ;*

*(b) tistabilixxi rekwiżiti ta' sostenibbiltà biex il-materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika ssir eliġibbli ħalli tikkontribwixxi għall-miri, filwaqt li jitqiesu l-kriterji sostenibbli eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;*

*(c) tintroduċi l-possibbiltà li jintlaħqu sa massimu ta' 50 % tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (2) bl-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika.*

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = **24** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ imsemmi fl-Artikolu 3(1)(**f**) u (**g**), it-tikketti li jwahnli li jitwahnli mal-frott u l-ħaxix **u l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna** għandhom ikunu kompostabbli f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod industrijali f'faċilitajiet tat-trattament tal-bijoskart.

## Emenda 140

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

*Emenda*

1. Sa [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = **36** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ imsemmi fl-Artikolu 3(1), **il-punt (f)**, it-tikketti li jwahnli li jitwahnli mal-frott u l-ħaxix għandhom ikunu kompostabbli **skont l-istandards ta' kompostjar fid-dar jew** f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod industrijali f'faċilitajiet tat-trattament tal-bijoskart.

**1a. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna meħtieġa għal ikel sfuż għal raġunijiet ta' iġjene jew ipprovduti bħala imballaġġ primarju għal ikel sfuż meta dan jgħin biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, għandhom ikunu kompostabbli f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod industrijali f'faċilitajiet tat-trattament tal-bijoskart u għalhekk jistgħu jinġabru f'reċipjenti tal-bijoskart.**

## Emenda 141

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta jkun hemm disponibbli skemi ta' ġbir tal-iskart u infrastruttura tat-trattament tal-iskart xierqa biex jiġi żgurat li l-imballaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jidħol fil-fluss tal-immaniġġar tal-iskart organiku, l-Istati Membri **jingħataw is-setgħa li** jirrikjedu li l-basktijiet tal-plastik ħfief għandhom iqiegħdu fis-suq tagħhom għall-ewwel darba biss jekk jista' jintwera li daww il-basktijiet tal-plastik ħfief **ġew immanifatturati kompletament minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli, li huma** kompostabbli **f'kundizzjonijiet ikkontrollati mill-industrija.**

2. Meta jkun hemm disponibbli skemi ta' ġbir tal-iskart u infrastruttura tat-trattament tal-iskart xierqa biex jiġi żgurat li l-imballaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jidħol fil-fluss tal-immaniġġar tal-iskart organiku, l-Istati Membri **li jkun implimentaw l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/98/KE jistgħu** jirrikjedu li l-basktijiet tal-plastik ħfief għandhom iqiegħdu fis-suq tagħhom għall-ewwel darba biss jekk jista' jintwera li daww il-basktijiet tal-plastik ħfief **ikunu** kompostabbli.

## Emenda 142

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Sa [OP: **Jekk** jogħġbok daħħal id-data = **24** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ

3. Sa ... [OP: **jekk** jogħġbok daħħal id-data = **36** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ

ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għajr dak imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, inkluż l-imballaġġ magħmul minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli, għandu jippermetti r-riċiklaġġ tal-materjali mingħajr ma tiġi affettwata r-riċiklabilità ta' flussi oħra tal-iskart.

## Emenda 143

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għajr dak imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, inkluż l-imballaġġ magħmul minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli **u minn materjali bijodegradabbli oħra**, għandu jippermetti r-riċiklaġġ tal-materjali, **f'konformità mal-Artikolu 6, u** mingħajr ma tiġi affettwata r-riċiklabilità ta' flussi oħra tal-iskart.

*Emenda*

**3a. B'deroga mill-Artikolu 8(3), l-Istati Membri għandhom is-setgħa jirrikjedu li dak l-imballaġġ li jkun kompostabbli fit-territorju tagħhom ikun jista' jiġi pproċessat skont il-proċess tal-fluss tal-bijoskart.**

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu billi żżid tipi oħra tal-imballaġġ mat-tipi tal-imballaġġ koperti minn dawk il-paragrafi meta jkun iġġustifikat u xieraq minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji li jħallu impatt fuq ir-rimi tal-imballaġġ kompostabbli u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.

*Emenda*

5. **Wara li tikkonsulta lill-gruppi ta' esperti**, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-paragrafi 1, **1a** u 2 ta' dan l-Artikolu billi żżid tipi oħra tal-imballaġġ mat-tipi tal-imballaġġ koperti minn dawk il-paragrafi meta jkun iġġustifikat u xieraq minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji, **inkluż dwar it-tikkettar tal-kompostabilità**, li jħallu impatt fuq ir-rimi tal-imballaġġ kompostabbli u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.

## Emenda 145

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Sal-31 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jaġġornaw l-istandard armonizzat (EN 13432) dwar ir-“Rekwiżiti għall-imballaġġ rekuperabbli permezz tal-ikkompostjar u l-bijodegradazzjoni - skemi ta' ttestjar u kriterji ta' evalwazzjoni”.**

**Sal-31 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni għandha titlob ukoll lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex iħejju standards armonizzati li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tar-rekwiżiti dwar l-imballaġġ kompostabbli fid-djar f'dan l-Artikolu.**

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-imballaġġ għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex ***tiġi żgurata l-funzjonalità*** tiegħu filwaqt li ***jitqies il-materjal*** li jkun magħmul minnu l-imballaġġ.

1. ***Sal-1 ta' Jannar 2030***, l-imballaġġ għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex ***jiġu żgurati l-funzjonijiet*** tiegħu, ***kif elenkati fl-Anness IV, il-parti 1***, filwaqt li jitqiesu ***l-forma u l-materjal*** li jkun magħmul minnu l-imballaġġ.

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-imballaġġ mhux meħtieġ li jikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-

2. L-imballaġġ mhux meħtieġ li jikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-

kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness IV u l-imballaġġ b'karatteristiċi li għandhom l-għan uniku li jżidu l-volum perċepit tal-prodott, inklużi s-saffi doppji, il-qigħan foloz, u s-saffi mhux meħtieġa, ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq, sakemm id-disinn tal-imballaġġ ma jkunx soġġett għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' oriġini **protetti** skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness IV, u l-imballaġġ b'karatteristiċi li għandhom l-għan uniku li jżidu l-volum perċepit tal-prodott inklużi s-saffi doppji, il-qigħan foloz, u s-saffi mhux meħtieġa, ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq, sakemm id-disinn tal-imballaġġ ma jkunx soġġett għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' oriġini skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni **jew ikun soġġett għal protezzjoni legali skont ir-Regolament (KE) Nru 6/2002.**

## Emenda 148

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, kif xieraq, biex iħejju jew jaġġornaw l-istandards armonizzati li jstabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu u l-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-minimizzazzjoni tal-imballaġġ skont dan ir-Regolament. Għall-biċċa l-kbira tat-tipi u l-formati komuni tal-imballaġġ, tali standards għandhom jispeċifikaw il-limiti massimi adegwati tal-piż u tal-volum, u, jekk xieraq, il-ħxuna tal-ħitan u l-ispazju vojta massimu.**

## Emenda 149

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) kwalunkwe riżultat tat-test, studju jew sorsi rilevanti oħra użati biex jiġi vvalutat il-volum jew il-piż minimu

(c) kwalunkwe riżultat tat-test, studju jew sorsi rilevanti oħra, **bħall-immudellar u s-simulazzjoni**, użati biex jiġi vvalutat il-



meħtieġ tal-imballaġġ.

volum jew il-piż minimu meħtieġ tal-imballaġġ.

#### Emenda 150

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-kumpaniji mikro msemmija fl-Artikolu 22(3) għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stabbilit f'dan il-paragrafu.***

#### Emenda 151

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-imballaġġ għandu jitqies li jista' jerġa' jintuża meta jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. L-imballaġġ ***introdott fis-suq*** għandu jitqies li jista' jerġa' jintuża meta jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

#### Emenda 152

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) ikun ġie maħsub, iddisinjat u introdott fis-suq bl-objettiv li jerġa' jintuża ***jew jerġa' jimtela;***

(a) ikun ġie maħsub, iddisinjat u introdott fis-suq bl-objettiv li jerġa' jintuża ***diversi drabi;***

#### Emenda 153

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ikun ġie maħsub u ddisinjat biex iwettaq kemm jista' jkun ***vjaġġi jew***

(b) ikun ġie maħsub u ddisinjat biex iwettaq kemm jista' jkun rotazzjonijiet

rotazzjonijiet f'kundizzjonijiet tal-użu normalment prevedibbli;

f'kundizzjonijiet tal-użu normalment prevedibbli;

#### **Emenda 154**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ħa) jissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa, is-sikurezza u l-iġjene tal-konsumatur.*

#### **Emenda 155**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi numru minimu għar-rotazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'kategoriji ta' materjali u imballaġġ differenti u rilevanti.*

#### **Emenda 156**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 10b*

*Tranżizzjoni Ġusta*

*Kull sentejn mill-2025 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom iwettqu Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq l-Impjiegi li jevalwaw l-impatt tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq in-numru ta'*

*impjiegi maħluqa, trasformati, u eliminati, kif ukoll fuq l-antiċipazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali fis-setturi kollha koperti minn dan ir-Regolament u jissottomettuhom lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew. Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq l-Impjiegi għandhom jistabbilixxu kif l-Istat Membru biħsiebu jindirizza s-sejbiet tiegħu b'miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inklużi investimenti pubbliċi u privati.*

*Qabel ma jissottomettu l-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq l-Impjiegi lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw lis-sħab soċjali nazzjonali li jirrappreżentaw lill-ħaddiema u lill-impjegaturi fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament dwar il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq l-Impjiegi.*

## Emenda 157

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minn [OP: **Jekk** jogħġbok daħħal id-data = 42 xahar wara **d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**], l-imballaġġ għandu jiġi mmarkat b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni materjali tiegħu. Dan l-obbligu ma japplikax għall-imballaġġ għat-trasport. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku.

*Emenda*

Minn [OP: **jekk** jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara **l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 u 6**], l-imballaġġ **introdott fis-suq** għandu jiġi mmarkat b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni materjali tiegħu **sabiex tiġi ffaċilitata s-separazzjoni mill-konsumatur. It-tikketta għandha tkun ibbażata esklużivament fuq pittogrammi u tkun tinftiehem faċilment, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà.** Dan l-obbligu ma japplikax għall-imballaġġ għat-trasport. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku.

## Emenda 158

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*It-tikketta tista' tkun akkumpanjata minn kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali mqiegħed fuq l-imballaġġ li jkun fih informazzjoni dwar id-destinazzjoni ta' kull komponent separat tal-imballaġġ sabiex tiġi ffaċilitata s-separazzjoni mill-konsumatur.*

## Emenda 159

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-imballaġġ soġġett għas-sistemi ta' rifiżjoni tad-depożitu **imsemmija** fl-Artikolu 44(1) għandu, **minbarra t-tikkettar imsemmi fl-ewwel subparagrafu**, jiġi mmarkat b'tikketta armonizzata stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont il-paragrafu 5.

L-imballaġġ soġġett għas-sistemi ta' rifiżjoni tad-depożitu **msemmija** fl-Artikolu 44(1) għandu jiġi mmarkat b'tikketta armonizzata **bil-kulur** stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont il-paragrafu 5.

## Emenda 160

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*It-tikketti ta' sistemi ta' rifiżjoni tad-depożitu stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw flimkien mat-tikketta armonizzata sa 36 xahar wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 5.*

## Emenda 161

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **48** xahar wara ***d-data tad-dħul*** fis-seħħ ta' ***dan ir-Regolament***], l-imballaġġ għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ ***u l-kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà ***tas-sistema*** għall-użu mill-ġdid u ***tal-punti*** tal-ġbir, u ***dan*** jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ.

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta ***unità tal-imballaġġ koperta*** mill-Artikolu 7 ***tkun immarkata*** b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut riċiklat, dik it-tikketta ***għandha tikkonforma*** mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5) u ***għandha tkun ibbażata*** fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 7(7). Meta ***unità tal-imballaġġ tal-plastik tkun immarkata*** b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut tal-plastik b'bażi bijoloġika, dik it-tikketta għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-

*Emenda*

2. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **30** xahar wara ***d-dħul*** fis-seħħ ***tal-att*** ta' ***implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5***], l-imballaġġ ***li jista' jerġa' jintuża introdott fis-suq*** għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. ***Informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tista' ssir disponibbli permezz ta' kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà ***ta' sistema*** għall-użu mill-ġdid u ***ta' punti*** tal-ġbir, u ***dak*** jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ.

*Emenda*

3. Meta ***l-imballaġġ kopert*** mill-Artikolu 7 ***ikun immarkat*** b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut riċiklat, dik it-tikketta ***u, meta jkun applikabbli, il-kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali għandhom jikkonformaw*** mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5) u ***għandhom ikunu bbażati*** fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 7(7). Meta ***l-imballaġġ ikun immarkat*** b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut tal-plastik b'bażi bijoloġika, dik it-tikketta għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta'

Artikolu 11(5).

implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5).

## Emenda 163

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

It-tikketti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 u ***l-kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali msemmi ***fil-paragrafu 2*** għandhom jiġu introdotti, jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jinqraw b'mod ċar u li ***ma jitħassarx*** fuq l-imballaġġ. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx approvat minħabba n-natura u d-daqs tal-imballaġġ, għandhom jitwaħħlu fuq l-imballaġġ kollettiv.

#### *Emenda*

It-tikketti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 u, ***meta jkun applikabbli, il-kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali msemmi ***fil-paragrafi 1 u 2*** għandhom jiġu introdotti, jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jinqraw b'mod ċar, u li ***jkunu aċċessibbli*** fuq l-imballaġġ. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx approvat minħabba n-natura u d-daqs tal-imballaġġ, għandhom jitwaħħlu fuq l-imballaġġ kollettiv.

## Emenda 164

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***Fejn l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 3, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a) data personali adegwata u rilevanti tinġabar biss għall-fini limitat li l-utent jingħata aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-konformità msemmija fil-paragrafi 2 sa 3 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament 2016/679/UE***

***(b) l-informazzjoni ma tintweriex ma' informazzjoni oħra maħsuba għal finijiet ta' bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni.***

## Emenda 165

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tikketta u speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti u għall-formati tat-tikkettar għat-tikkettar tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3 u għat-tikkettar tar-reċipjenti tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 12. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3).

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 permezz tat-teknoloġiji diġitali tal-immarrkar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3).

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 7**

*Emenda*

5. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tikketta u speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti u għall-formati tat-tikkettar, ***inkluż meta pprovduti permezz ta' mezzi diġitali***, għat-tikkettar tal-imballaġġ, imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3 u għat-tikkettar tar-reċipjenti tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 12 Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3).

*Emenda*

6. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 18 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 permezz tat-teknoloġiji diġitali tal-immarrkar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3).

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti li jikkonċernaw tikketti armonizzati oħra tal-UE, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jipprovdu jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet li x'aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra fir-rigward tar-reqwiziti tas-sostenibbiltà għall-imballaġġ, karatteristiċi oħra tal-imballaġġ jew għażliet oħra ta' mmaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, li għalihom għie stabbilit tikkettar armonizzat f'dan ir-Regolament.

*Emenda*

7. Mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti li jikkonċernaw tikketti armonizzati oħra tal-UE, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jipprovdu jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet li x'aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra fir-rigward tar-reqwiziti tas-sostenibbiltà għall-imballaġġ, karatteristiċi oħra tal-imballaġġ jew għażliet oħra ta' mmaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, li għalihom għie stabbilit tikkettar armonizzat f'dan ir-Regolament.

***Minn ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida sabiex tiċċara aspetti li x'aktarx jiżgwidaw jew iħawdu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra.***

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-imballaġġ inkluż fl-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew kopert minn sistema ta' rifiżjoni tad-depożitu għajr dik imsemmija fl-Artikolu 44(1) ***jista'*** jiġi identifikat permezz tas-simbolu korrispondenti fit-territorju kollu li fih tapplika dik l-iskema jew sistema. Dak is-simbolu għandu jkun ċar u mhux ambigwu u ma għandux iqarra lill-konsumaturi jew lill-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà jew l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ.

*Emenda*

8. L-imballaġġ inkluż fl-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew kopert minn sistema ta' rifiżjoni tad-depożitu għajr dik imsemmija fl-Artikolu 44(1) ***għandu*** jiġi identifikat permezz tas-simbolu korrispondenti fit-territorju kollu li fih tapplika dik l-iskema jew sistema. Dak is-simbolu għandu jkun ċar u mhux ambigwu u ma għandux iqarra lill-konsumaturi jew lill-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà jew l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ.

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 8a (ġdid)**



**8a.** *L-imballaġġ kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, li huwa manifatturat jew importat qabel l-iskadenzi msemmija f'dawk il-paragrafi, jista' jitqiegħed fis-suq sa 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3.*

## **Emenda 170**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Sal-1 ta' Jannar 2028, għandhom jitwahnlu tikketti li jippermettu l-ġbir separat ta' kull frazzjoni speċifika tal-materjal tal-iskart mill-imballaġġ li jkun maħsub biex jintrema f'reċipjenti separati, stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jistgħu jinqraw u li ma jitħassrux fuq ir-reċipjenti kollha tal-iskart għall-ġbir tal-iskart mill-imballaġġ.*

*Emenda*

*Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 30 xahar wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 u 6], għandhom jitwahnlu tikketti li jippermettu l-ġbir separat ta' kull frazzjoni speċifika tal-materjal tal-iskart mill-imballaġġ li jkun maħsub biex jintrema f'reċipjenti separati, stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jistgħu jinqraw u li ma jitħassrux fuq ir-reċipjenti kollha tal-iskart għall-ġbir tal-iskart mill-imballaġġ.*

## **Emenda 171**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 12a**

##### **Forum dwar l-imballaġġ**

*Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta twettaq l-attivitajiet tagħha, ikun hemm parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati kollha involuti fl-industrija tal-imballaġġ, inklużi r-*

*rappreżentanti tal-industrija tat-trattament tal-iskart, il-manifatturi u l-fornituri tal-imballaġġ, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, l-SMEs, il-gruppi tal-protezzjoni ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Dawk il-partijiet għandhom jiġu kkonsultati b'mod partikolari għat-tħejjija tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament biex jiġu żviluppati u jingħataw aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u biex tiġi eżaminata l-effettività tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq stabbiliti. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' esperti, li fih jiltaqgħu dawk il-partijiet, imsejjaħ "il-Forum dwar l-Imballaġġ".*

## Emenda 172

### Proposta għal regolament Artikolu 12b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 12b*

*Asserzjonijiet*

*L-asserzjonijiet ambjentali kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (o), tad-Direttiva 2005/29/KE jistgħu jsiru b'rabta mal-imballaġġ introdott fis-suq biss jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:*

*(a) ikunu sostanzjati f'konformità [mal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi]; b'mod partikolari, għandhom jispeċifikaw jekk humiex relatati mal-unità tal-imballaġġ, parti mill-unità tal-imballaġġ jew mal-imballaġġ kollu introdott fis-suq mill-produttur;*

*(b) ikunu magħmula għal proprjetajiet tal-imballaġġ li jaqbżu r-rekwiżiti minimi applikabbli stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

*Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) ta' dan l-Artikolu għandha*

*tintwera fid-dokumentazzjoni teknika  
dwar l-imballaġ kif stabbilit fl-Anness  
VII.*

#### Emenda 173

##### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) jikkonforma mar-rekwiżiti  
applikabbli dwar l-iġjene tal-ikel u s-  
sikurezza tal-konsumaturi.*

#### Emenda 174

##### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6a. Għall-prodotti mediċinali, kif  
definiti fid-Direttiva 2001/83/KE, id-  
detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid  
fis-suq għandu jkun responsabbli għall-  
informazzjoni pprovduta.*

#### Emenda 175

##### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li imballaġ li huma jkunu *introduċu* fis-suq ma jkunx konformi ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-imballaġ isir konformi, jirtirawh jew *isejjhuh* lura, kif xieraq. Il-manifatturi għandhom *jinformaw* minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li imballaġ li huma jkunu *introduċew* fis-suq *mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament* ma jkunx konformi ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-imballaġ isir konformi, jirtirawh jew *isejjhuh* lura, kif xieraq. Il-manifatturi għandhom *jinformaw* minnufih lill-awtoritajiet tas-

ikunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

## Emenda 176

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. Bħala deroga mill-paragrafu 8, l-obbligu li jsir konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura imballaġġ li huwa maħsub li ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli ma għandux japplika għal imballaġġ li jista' jerġa' jintuża u li jiġi introdott fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

## Emenda 177

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-imballaġġ, inkluż id-dokumentazzjoni teknika b'lingwa jew b'lingwi, li jkunu jistgħu jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'forma **stampata jew f'forma** elettronika. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu disponibbli fi żmien 10 ijiem minn meta tasal it-talba mill-awtorità nazzjonali. Il-manifatturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti

9. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-imballaġġ, inkluż id-dokumentazzjoni teknika b'lingwa jew b'lingwi, li jkunu jistgħu jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'forma elettronika. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu disponibbli fi żmien 10 ijiem minn meta tasal it-talba mill-awtorità nazzjonali. Il-manifatturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-

stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 10.

Artikoli 5 sa 10.

### **Emenda 178**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9a. Il-paragrafi 1 sa 6 ma għandhomx japplikaw għall-imballaġġ għat-trasport magħmul apposta għal apparati mediċi konfigurabbli u sistemi mediċi li għandhom jintużaw f'ambjenti industrijali u tal-kura tas-saħħa.**

### **Emenda 179**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10a. Sabiex jissodisfaw l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għodod biex jappoġġjaw lill-operaturi ekonomiċi li jimportaw prodotti fit-territorju tal-Unjoni.**

### **Emenda 180**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) il-produttur, li huwa soġġett għall-obbligi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-imballaġġ huwa rreġistrat fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl-Artikolu 40;

(a) il-produttur, li huwa soġġett għall-obbligi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-imballaġġ huwa rreġistrat fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl-Artikolu 39;

### **Emenda 181**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-informazzjoni żvelata mill-produttur ma għandhiex tintuża mid-distributtur għal xi skop ieħor ħlief biex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli. L-użu ħażin ta' tali informazzjoni mid-distributori għal skopijiet kummerċjali għandu jkun ipprojbit.***

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw ***l***, il-kundizzjonijiet waqt il-ħżin, l-immaniġġar u l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ tal-imballaġġ li jimmaniġġaw ma jipperikolawx il-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11.

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni ***u pjattaformi online*** għandhom jiżguraw ***li***, il-kundizzjonijiet waqt il-ħżin, l-immaniġġar u l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ tal-imballaġġ li jimmaniġġaw ***jew joffru fuq il-pjattaformi online tagħhom*** ma jipperikolawx il-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti ***applikabbli*** stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11.

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 18a***

***L-obbligi tal-fornituri ta' pjattaformi online***

***Il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jikkonformaw mingħajr dewmien żejjed mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2065 u għandhom jiżguraw li jkollhom proċessi interni fis-seħħ għall-konformità.***

## Emenda 184

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifatturi skont l-Artikolu **14**, meta dawn ikunu introduċew imballaġġ fis-suq f' isimhom jew bit-trademark tagħhom jew jimmodifikaw l-imballaġġ li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifatturi skont l-Artikolu **13**, meta dawn ikunu introduċew imballaġġ fis-suq f' isimhom jew bit-trademark tagħhom jew jimmodifikaw l-imballaġġ li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 185

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi ekonomiċi li jfornu l-prodotti lil distributur finali jew lil utent finali fl-imballaġġ kollettiv, fl-imballaġġ għat-trasport jew fl-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku, għandhom jiżguraw li l-proporzjon ta' spazju vojti ikun massimu ta' 40 %.

#### *Emenda*

1. L-operaturi ekonomiċi li jfornu l-prodotti lil distributur finali jew lil utent finali fl-imballaġġ kollettiv, fl-imballaġġ għat-trasport jew fl-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku, għandhom jiżguraw li l-proporzjon ta' spazju vojti ikun massimu ta' 40 % **f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness IV.**

## Emenda 186

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. L-operaturi ekonomiċi li jużaw imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema ta' użu mill-ġdid għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stabbilit fil-**

*paragrafu 1.*

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V.

*Emenda*

1. ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027***, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V.

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-punt 3*** tal-Anness V jekk ***jikkonformaw mad-definizzjoni*** ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***u fejn ma jkunx*** teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura ***li hija*** meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.

*Emenda*

3. ***L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-punt 3*** tal-Anness V jekk ***jissodisfaw id-definizzjoni*** ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħtu eżenzjoni fejn ikun intwera li mhux*** teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-



setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-Anness V sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku bl-objettiv li tnaqqas l-iskart mill-imballaġġ. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-potenzjal tar-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-formati speċifiċi tal-imballaġġ biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat filwaqt li jiġi żgurat impatt ambjentali pożittiv ġenerali, u għandha tqis id-disponibbiltà tas-soluzzjonijiet alternattivi tal-imballaġġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni applikabbli għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-prodott fl-imballaġġ.

setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-Anness V sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku bl-objettiv li tnaqqas l-iskart mill-imballaġġ ***u ttejjeb l-eżitu ambjentali ġenerali, li jista' jirrikjedi flussi tal-iskart speċifiċi li jiddevjaw mill-ġerarkija meta dan ikun iġġustifikat b'valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja indipendenti u rieżaminata bejn il-pari***. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-potenzjal tar-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-formati speċifiċi tal-imballaġġ biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat filwaqt li jiġi żgurat impatt ambjentali pożittiv ġenerali, u għandha tqis id-disponibbiltà tas-soluzzjonijiet alternattivi tal-imballaġġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni applikabbli għall-imballaġġ għall-kuntatt sensitiv, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-prodott fl-imballaġġ.

## Emenda 190

### Proposta għal regolament Artikolu 22a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 22a*

***Restrizzjoni fuq l-użu ta' ċertu imballaġġ tal-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna***

- 1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq basktijiet tal-plastik ħfief ħafna.***
- 2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1a), il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal basktijiet tal-plastik ħfief ħafna meħtieġa għal raġunijiet ta' iġjene jew ipprovduti bħala imballaġġ primarju għal ikel sfoż meta dan jgħin biex tiġi pprevenuta l-ħela tal-ikel.***

## Emenda 191

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi ekonomiċi li jintroduċu l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fis-suq għandhom jiżguraw li jkun hemm **stabbilita** sistema għall-użu mill-ġdid ta' imballaġġ bħal dan, li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 u fl-Anness VI.

*Emenda*

1. L-operaturi ekonomiċi li jintroduċu l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fis-suq għandhom jiżguraw li jkun hemm **fis-seħħ** sistema għall-użu mill-ġdid ta' imballaġġ bħal dan, **inkluż inċentiv biex jiġi żgurat il-ġbir**, li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 u fl-Anness VI. **Dan il-paragrafu għandu jitqies issodisfat mis-sistemi eżistenti għall-użu mill-ġdid diġà fis-seħħ fl-Istati Membri.**

## Emenda 192

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-operaturi ekonomiċi li jagħmlu użu mill-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jistgħu jaħtru partijiet terzi responsabbli minn sistema mutwalizzata waħda jew aktar għall-użu mill-ġdid. Il-partijiet terzi maħtura għandhom jiżguraw li s-sistemi għall-użu mill-ġdid, li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jkun parti minnhom, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VI.**

**Meta l-operaturi ekonomiċi jkunu ħafru parti terza kif imsemmi fil-paragrafu 2a, l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ssodisfati mill-partijiet terzi f'isimhom.**

## Emenda 193

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-operaturi ekonomiċi li jippermettu l-mili mill-ġdid għandhom jiżguraw li ***l-imballaġġ*** offrut lill-utenti finali fl-istazzjonijiet tal-mili mill-ġdid ma jingħatax mingħajr ħlas jew jiġi pprovdut bħala parti minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu.

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jirrifjutaw li jimlew mill-ġdid il-kontenitur ipprovdut mill-utent finali, jekk l-utent finali ma jikkonformax mar-rekwiżiti kkomunikati mill-operatur ekonomiku f'konformità mal-paragrafu 1.

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-operaturi ekonomiċi li jippermettu l-mili mill-ġdid għandhom jiżguraw li ***jekk imballaġġ jiġi*** offrut lill-utenti finali fl-istazzjonijiet tal-mili mill-ġdid, ***dan*** ma jingħatax mingħajr ħlas jew jiġi pprovdut bħala parti minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu.

*Emenda*

4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jirrifjutaw li jimlew mill-ġdid il-kontenitur ipprovdut mill-utent finali, jekk l-utent finali ma jikkonformax mar-rekwiżiti kkomunikati mill-operatur ekonomiku f'konformità mal-paragrafu 1, ***b'mod partikolari jekk iqisuh mhux iġeniku jew mhux adatt għall-ikel jew ix-xorb li jkun qed jinbiegħ.***

***L-operaturi ekonomiċi ma għandhom iġorru l-ebda responsabbiltà għal problemi ta' iġjene jew sikurezza tal-ikel li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' kontenituri pprovduti mill-utent finali.***

***4a. Mill-1 ta' Jannar 2030, id-distributuri finali b'żona, esklużi ż-żoni kollha tal-ħżin u tad-dispaċċ, ta' aktar minn 400 m<sup>2</sup> għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddedikaw 10 % taż-żona tal-bejgħ tagħhom għall-istazzjonijiet tal-mili mill-ġdid kemm għall-prodotti tal-ikel kif ukoll***

*għal dawk mhux tal-ikel.*

## Emenda 196

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Miri tal-użu *u tal-mili* mill-ġdid

*Emenda*

Miri tal-użu mill-ġdid

## Emenda 197

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi* li jqiegħdu fis-suq apparat domestiku kbir elenkat fil-punt 2 tal-Anness II tad-Direttiva 2012/19/UE għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru *għandhom jiżguraw li 90 % ta' dawk il-prodotti jkunu disponibbli fl-imballaġġ għat-trasport li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid.*

*Emenda*

1. *L-operaturi ekonomiċi, inklużi l-pjattaformi online*, li jqiegħdu fis-suq apparat domestiku kbir elenkat fil-punt 1 tal-Anness II tad-Direttiva 2012/19/UE għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru:

(a) *għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2030, 50 % ta' dawk il-prodotti jkunu disponibbli fl-imballaġġ għat-trasport li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid;*

(b) *għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2040, 90 % ta' dawk il-prodotti jkunu disponibbli f'imballaġġ għat-trasport li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.*

## Emenda 198

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Id-distributur finali li jqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru fl-imballaġġ għall-bejgħ xorb kiesaħ jew sħun ġo kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu jiżgura li:**

***imħassar***

**(a) mill-1 ta' Jannar 2030, 20 % ta' dak ix-xorb jitqiegħed għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jkun jista' jerġa' jimtela;**

**(b) mill-1 ta' Jannar 2040, 80 % ta' dak ix-xorb jitqiegħed għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jkun jista' jerġa' jimtela.**

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 26 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Distributur finali li jkun qiegħed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur tal-HORECA u li jkun qiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru fl-imballaġġ għall-bejgħ ikel take-away lest u ppreparat, maħsub għall-konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri, u tipikament ikkonsmat mir-reċipjent, għandu jiżgura li:**

***imħassar***

**(a) mill-1 ta' Jannar 2030, 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid;**

**(b) mill-1 ta' Jannar 2040, 40 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid.**

## Emenda 200

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta distributur finali jagħmel disponibbli fis-suq xorb mhux alkoħoliku f'imballaġġ għall-bejgħ:**

**(a) għandha jiżgura li, fit-territorju ta' Stat Membru mill-1 ta' Jannar 2030, mill-anqas 20 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;**

**(b) għandu jkollu l-għan li jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2040, mill-anqas 35 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.**

## Emenda 201

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Meta distributur finali jagħmel ix-xorb alkoħoliku, bl-eċċezzjoni tal-inbid u l-inbejjes frizzanti, f'imballaġġ għall-bejgħ disponibbli fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru:**

**(a) għandu jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2030, mill-anqas 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;**

**(b) għandu jkollu l-għan li mill-1 ta' Jannar 2040, mill-anqas 25 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;**

(c) għandu jilħaq il-miri msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu b'mod li kategorija oħra ta' xorb alkoħoliku, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE, tikkontribwixxi b'mod ġust għall-mira tal-użu mill-ġdid;

(d) għandu jiżgura li d-ditti li huma proprjetà tad-distributur finali jikkontribwixxu b'mod ġust għall-mira tal-użu mill-ġdid;

(e) għandu jippermetti lill-manifatturi l-flessibbiltà li jilħqu l-miri tal-użu mill-ġdid fil-portafoll kollu tagħhom.

## Emenda 202

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Il-manifattur u d-distributur finali li jqiegħdu fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru fl-imballaġġ għall-bejgħ xorb alkoħoliku fil-forma ta' birer, xorb alkoħoliku bil-gass, xorb iffermentat għajr inbid, prodotti tal-inbid aromatizzati u nbejjed tal-frott, prodotti bbażati fuq xorb spirituż, inbejjed jew xarbiet oħra ffermentati mħallta ma' xorb, soda, sidru jew meraq, għandhom jiżguraw li:**

*imħassar*

(a) mill-1 ta' Jannar 2030, 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid;

(b) mill-1 ta' Jannar 2040, 25 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid.

## Emenda 203

**Proposta għal regolament  
Artikolu 26 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Il-manifattur u d-distributur finali li jqiqieghdu fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru fl-imballaġġ għall-bejgħ xorb alkoħoliku fil-forma ta' nbid, bl-eċċezzjoni ta' nbid frizzanti, għandhom jiżguraw li:**

**(a) mill-1 ta' Jannar 2030, 5 % ta' dawk il-prodotti jitqiqieghdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid;**

**(b) mill-1 ta' Jannar 2040, 15 % ta' dawk il-prodotti jitqiqieghdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid.**

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 26 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6. Il-manifattur u d-distributur finali jqiqieghdu fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru fl-imballaġġ għall-bejgħ xorb mhux alkoħoliku fil-forma ta' ilma, ilma b'zokkor miżjud, ilma b'sustanzi oħra ta' ħlewwa, ilma bit-togħma, luminati, luminati tas-soda, te mkessaħ u xorb simili li huma lesti immedjatament biex jinxtorbu, meraq pur, meraq jew most tal-frott jew tal-ħaxix u xarbiet bil-frott mingħajr ħalib u xarbiet mhux alkoħoliċi li fihom xaħam tal-ħalib, għandhom jiżguraw li:**

**(a) mill-1 ta' Jannar 2030, 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiqieghdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew**



*billi jippermettu l-mili mill-ġdid;*

*(b) mill-1 ta' Jannar 2040, 25 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid jew billi jippermettu l-mili mill-ġdid.*

## Emenda 205

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 7 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport fil-forma ta' pallets, ċestuni tal-plastik, kaxex tal-plastik li jintwew, bramel **u** ċilindri għat-trasport jew għall-imballaġġ tal-prodotti f'kundizzjonijiet għajr dawk previsti fil-paragrafi 12 u 13 **għandhom jiżguraw li:**

*Emenda*

7. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport **jew l-imballaġġ għall-bejgħ li jintuża biss għat-trasport fit-territorju tal-Unjoni** fil-forma ta' pallets, ċestuni tal-plastik, kaxex tal-plastik li jintwew, bramel **jew** ċilindri għat-trasport jew għall-imballaġġ tal-prodotti f'kundizzjonijiet għajr dawk previsti fil-paragrafi 5 u 6:

## Emenda 206

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 7 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-1 ta' Jannar 2030, **30 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

*Emenda*

(a) **għandhom jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2030, **mill-anqas 30 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

## Emenda 207

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 7 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) mill-1 ta' Jannar 2040, **90 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża

*Emenda*

(b) **għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2040, **mill-**

f'sistema għall-użu mill-ġdid.

**anqas 90 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.

## Emenda 208

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 8 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport fil-każ tat-trasport u tal-konsenja tal-oġġetti mhux tal-ikel li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba permezz tal-kummerċ elettroniku **għandhom jiżguraw li:**

8. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport **fit-territorju tal-Unjoni** fil-każ tat-trasport u tal-konsenja tal-oġġetti mhux tal-ikel li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba permezz tal-kummerċ elettroniku:

## Emenda 209

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 8 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) mill-1 ta' Jannar 2030, **10 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

(a) **għandhom jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2030, **mill-anqas 10 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

## Emenda 210

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 8 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) mill-1 ta' Jannar 2040, **50 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

(b) **għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2040, **mill-anqas 50 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

## Emenda 211

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 9 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport ***fil-forma ta' kisi tal-pallets u ta' strixxi*** għall-istabbilizzazzjoni u għall-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport ***għandhom jiżguraw li:***

*Emenda*

9. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport ***fit-territorju tal-Unjoni*** għall-istabbilizzazzjoni u għall-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport, ***inklużi, iżda mhux limitati għal, kisi tal-pallets jew ta' strixxi:***

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 9 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-1 ta' Jannar 2030, ***10 %*** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

*Emenda*

(a) ***għandhom jiżguraw li*** mill-1 ta' Jannar 2030, ***mill-anqas 10 %*** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 9 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) mill-1 ta' Jannar 2040, ***30 %*** ta' imballaġġ bħal dan użat għat-trasport ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

*Emenda*

(b) ***għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li*** mill-1 ta' Jannar 2040, ***mill-anqas 30 %*** ta' imballaġġ bħal dan użat għat-trasport ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 10 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-

*Emenda*

10. L-operaturi ekonomiċi, ***inklużi l-***

imballaġġ kollettiv fil-forma ta' kaxex, minbarra l-kartun, użati barra mill-imballaġġ għall-bejgħ biex jiġbru ċertu numru ta' prodotti biex joħlqu unità għaż-żamma tal-ħażniet **għandhom jiżguraw li:**

**pjattaformi online**, li jużaw l-imballaġġ kollettiv **fit-territorju tal-Unjoni** fil-forma ta' kaxex, minbarra l-kartun, użati barra mill-imballaġġ għall-bejgħ biex jiġbru ċertu numru ta' prodotti biex joħlqu unità għaż-żamma tal-ħażniet **u għad-distribuzzjoni:**

## Emenda 215

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 10 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-1 ta' Jannar 2030, **10 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

*Emenda*

(a) **għandhom jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2030, **mill-anqas 10 %** ta' imballaġġ bħal dan użat jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid;

## Emenda 216

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 10 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) mill-1 ta' Jannar 2040, **25 %** ta' imballaġġ bħal dan li jkunu użaw ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.

*Emenda*

(b) **għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li** mill-1 ta' Jannar 2040, **mill-anqas 25 %** ta' imballaġġ bħal dan li jkunu użaw ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.

## Emenda 217

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Il-miri stabbiliti **fil-paragrafi 1 sa 10** għandhom jiġu kkalkulati għall-perjodu ta' sena kalendarja.

*Emenda*

11. Il-miri stabbiliti **f'dan l-Artikolu** għandhom jiġu kkalkulati għall-perjodu ta' sena kalendarja.

## Emenda 218

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

**L-imballaġġ** għat-trasport użat minn operatur ekonomiku għandu jkun jista' jerġa' jintuża meta jintuża għat-trasport tal-prodotti:

*Emenda*

**Mill-1 ta' Jannar 2030, 95 % tal-imballaġġ** għat-trasport użat minn operatur ekonomiku għandu jkun jista' jerġa' jintuża meta jintuża għat-trasport tal-prodotti:

## Emenda 219

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 13 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi ekonomiċi li jagħmlu konsenji tal-prodotti lil operatur ekonomiku ieħor fl-istess Stat Membru għandhom jużaw biss l-imballaġġ għat-trasport li jista' jerġa' jintuża għall-finijiet tat-trasport ta' prodotti bħal dawn.

*Emenda*

**Mill-1 ta' Jannar 2030**, l-operaturi ekonomiċi, **inklużi l-pjattaformi online**, li jagħmlu konsenji tal-prodotti lil operatur ekonomiku ieħor fl-istess Stat Membru għandhom jużaw biss l-imballaġġ għat-trasport li jista' jerġa' jintuża għall-finijiet tat-trasport ta' prodotti bħal dawn.

## Emenda 220

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 14 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

14. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilhqqu l-miri **fil-paragrafi 2 sa 10** jekk, matul sena kalendarja, huma:

*Emenda*

14. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilhqqu l-miri **f'dan l-Artikolu** jekk, matul sena kalendarja, huma:

## Emenda 221

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

15. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilhq u l-miri fil-paragrafi **2 sa 6** jekk, matul sena kalendarja, ikollhom żona tal-bejgħ ta' mhux aktar minn 100 m<sup>2</sup>, inklużi wkoll iż-żoni kollha tal-ħżin u tad-dispaċċ.

*Emenda*

15. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilhq u l-miri fil-paragrafi **3a u 3b** jekk, matul sena kalendarja, ikollhom żona tal-bejgħ ta' mhux aktar minn 100 m<sup>2</sup>, inklużi wkoll iż-żoni kollha tal-ħżin u tad-dispaċċ.

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 16 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

16. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-regoli li jistabbilixxu:

*Emenda*

16. ***Sabiex jitqiesu l-aħħar data u żviluppi xjentifiċi u ekonomiċi, u jittejjeb l-eżitu ambjentali ġenerali, li jista' jirrikjedi flussi tal-iskart speċifiċi li jiddevjaw mill-ġerarkija meta dan ikun iġġustifikat b'valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja indipendenti u rieżaminata bejn il-pari***, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-regoli li jistabbilixxu:

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 16 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-miri għal prodotti oħra għajr daww koperti mill-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu u formati oħra tal-imballaġġ minbarra daww fil-paragrafi 7 sa 10, abbażi tal-esperjenzi pożittivi bil-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 45(2),

*Emenda*

(a) l-miri għal prodotti oħra għajr daww koperti mill-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu u formati oħra tal-imballaġġ minbarra daww fil-paragrafi 7 sa 10, abbażi tal-esperjenzi pożittivi bil-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 45(2) ***u b'enfasi partikolari fuq is-setturi tax-xorb take-away kiesaħ u sħun, l-ikel take-away, id-deterġenti, l-iġjene, l-ikket ippreparati minn qabel u l-ikel għall-animali***

*domestiċi,*

## Emenda 224

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 16 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-eżenzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi minbarra dawk elenkati **fil-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu,**

*Emenda*

(b) l-eżenzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi minbarra dawk elenkati **f'dan l-Artikolu, minħabba restrizzjonijiet ekonomiċi partikolari li jiltaqgħu magħhom f'settur speċifiku relatat mal-konformità mal-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu,**

## Emenda 225

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 16 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-eżenzjonijiet għall-formati speċifiċi tal-imballaġġ koperti mill-miri stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu f'każ ta' **kwistjonijiet tal-iġjene, tas-sikurezza tal-ikel jew ambjentali li jipprevjenu l-kisba ta' dawk il-miri.**

*Emenda*

(c) l-eżenzjonijiet għall-formati speċifiċi tal-imballaġġ koperti mill-miri stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu f'każ ta' **iġjene, sikurezza tal-ikel jew natura perikoluża tal-prodott li jipprevjenu l-użu mill-ġdid.**

## Emenda 226

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

17. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sitwazzjoni rigward l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ **u, fuq din il-bażi, tivvaluta l-adegwatezza tal-istabbiliment ta' miżuri, tirrieżamina l-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu, u**

*Emenda*

17. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sitwazzjoni rigward l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. **Meta tivvaluta l-impatt tal-miri tal-użu mill-ġdid tal-imballaġġ, il-Kummissjoni għandha mill-anqas tevalwa t-tnaqqis tal-**

*tistabbilixxi l-miri ġodda għall-użu u għall-mili mill-ġdid tal-imballaġġ, u meta meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva.*

*iskart mill-imballaġġ miksub mill-miri tal-użu mill-ġdid tal-2030, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, it-tnaqqis tal-volumi tal-materja prima verġni użata, l-użu tal-ilma u tal-enerġija, il-kontaminazzjoni tal-ilma u l-użu tad-deterġenti u d-diżinfettanti.*

*Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-iżvilupp tal-iskart mill-imballaġġ tal-kartun u l-impatti ambjentali tiegħu u l-effetti ta' sostituzzjoni tal-materjali li jistgħu jseħħu minħabba eżenzjonijiet materjali fl-Artikolu 22 flimkien mal-Anness V, u l-Artikolu 26, il-paragrafi 7, 10, 12 u 13. Fuq il-bażi ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva:*

*(a) li timmodifika jew tikkonferma l-miri tal-2040 stabbiliti f'dan l-Artikolu*

*(b) jekk ikun meħtieġ, li tistabbilixxi miri ġodda għall-użu mill-ġdid f'setturi oħra u għal formati u materjali oħra tal-imballaġġ.*

## **Emenda 227**

### **Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 17a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*17a. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-formati kollha ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża maħruġa minn distributuri fit-territorju ta' Stat Membru f'konformità mal-paragrafi 3a u 3b, għandhom jittieħdu lura minn dak id-distributur finali.*

## **Emenda 228**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Regoli dwar il-kalkolu tal-ilħuq tal-miri**

**Regoli dwar il-kalkolu tal-ilħuq tal-miri**



tal-użu **u tal-mili** mill-ġdid

tal-użu mill-ġdid

## Emenda 229

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għall-fini li jintwera l-ilħuq tal-miri stabbiliti fl-Artikolu **26(2) sa (6)**, id-distributur finali, jew il-manifattur, kif xieraq, li jqiegħed fis-suq prodotti bħal dawn fit-territorju ta' Stat Membru għandu jikkalkula, għal kull mira separatament, dan li ġej:

##### *Emenda*

2. Għall-fini li jintwera l-ilħuq tal-miri stabbiliti fl-Artikolu **26(3a) u (3b)**, id-distributur finali, jew il-manifattur, kif xieraq, li jqiegħed fis-suq prodotti bħal dawn fit-territorju ta' Stat Membru għandu jikkalkula, għal kull mira separatament, dan li ġej:

## Emenda 230

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-għadd tal-unitajiet ta' bejgħ ta' xorb u ta' ikel f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid li tqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'sena kalendarja;

##### *Emenda*

(a) l-għadd tal-unitajiet **ekwivalenti** ta' bejgħ ta' xorb u ta' ikel f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid li tqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'sena kalendarja;

## Emenda 231

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**(b) l-għadd tal-unitajiet ta' bejgħ ta' xorb u ta' ikel li tqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'sena kalendarja permezz tal-mili mill-ġdid;**

##### *Emenda*

**imħassar**

## Emenda 232

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-għadd tal-unitajiet ta' bejgħ ta' xorb u ta' ikel li tqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru b'mezzi oħra għajr daww imsemmija **fil-punti (a) u (b)** f'sena kalendarja.

*Emenda*

(c) l-għadd tal-unitajiet **ekwivalenti** ta' bejgħ ta' xorb u ta' ikel li tqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru b'mezzi oħra għajr daww imsemmija **fil-punt (a)** f'sena kalendarja.

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-għadd tal-unitajiet ekwivalenti ta' kull wieħed mill-formati tal-imballaġġ elenkati fl-Artikolu **26(7) sa (10)** li jikkostitwixxu l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid li użaw f'sena kalendarja;

*Emenda*

(a) l-għadd tal-unitajiet ekwivalenti ta' kull wieħed mill-formati tal-imballaġġ elenkati fl-Artikolu **26(6) u (7)** li jikkostitwixxu l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid li użaw f'sena kalendarja;

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-għadd tal-unitajiet ekwivalenti ta' kull wieħed mill-formati tal-imballaġġ elenkati fl-Artikolu **26(7) sa (10)**, għajr daww indikati fil-punt (a), li użaw f'sena kalendarja.

*Emenda*

(b) l-għadd tal-unitajiet ekwivalenti ta' kull wieħed mill-formati tal-imballaġġ elenkati fl-Artikolu **26(6) u (7)**, għajr daww indikati fil-punt (a), li użaw f'sena kalendarja.

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-31 ta' Diċembru **2028**, il-Kummissjoni

*Emenda*

Sal-31 ta' Diċembru **2026**, il-Kummissjoni

għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni** li jistabbilixxu r-regoli u l-metodoloġija tal-kalkolu dettaljati fir-rigward tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 26.

għandha tadotta atti **delegati** li jistabbilixxu r-regoli u l-metodoloġija tal-kalkolu dettaljati fir-rigward tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 26.

#### Emenda 236

##### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3).**

**imħassar**

#### Emenda 237

##### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-obbligu li jintwera l-ilħuq tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030 jew [18-il xahar] wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija fis-subparagrafu 1, skont liema minnhom tiġi l-aħħar.**

#### Emenda 238

##### Proposta għal regolament Artikolu 28 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-miri tal-użu **u tal-mili** mill-ġdid

Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-miri tal-użu mill-ġdid

#### Emenda 239

##### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 6a (ġdid)

**6a. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabilixxi osservatorju Ewropew dwar l-użu mill-ġdid. L-osservatorju għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-ġbir tad-data dwar il-prattiki tal-użu mill-ġdid, u l-kontribut għall-iżvilupp tal-aħjar Prattiki fil-qasam tal-użu mill-ġdid.**

## **Emenda 240**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28a (ġdid)**

#### **Artikolu 28a**

##### **Obbligu ta' mili mill-ġdid għas-settur tat-take-away**

**1. Sa ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data – 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:**

**(a) id-distributur finali li jkun qed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur HORECA u li jkun qed iqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'imballaġġ għall-bejgħ xorb kiesaħ jew sħun ġo kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu jipprova sistema għall-konsumaturi biex iġibu l-kontenitur taghom stess biex jimtela;**

**(b) id-distributur finali li jkun qed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur HORECA u li jkun qed iqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'imballaġġ għall-bejgħ ikel ippreparat tat-take-away u lest għall-konsum immedjat, maħsub għall-konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' aktar preparazzjoni, u tipikament ikkunsmat**

*mir-reċipjent, għandu jipprovdi sistema għall-konsumaturi biex iġibu l-kontenitur tagħhom stess biex jimtela.*

*2. Id-distributuri finali msemija fil-punti (a) u (b) għandhom joffru l-prodotti mimlija fil-kontenitur miġjub mill-konsumatur bi prezz aktar baxx u f'kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli mill-unità tal-bejgħ li tikkonsisti mill-istess prodotti u imballaġġ li jintuża darba biss.*

*Id-distributuri finali għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi finali fil-punt tal-bejgħ, permezz ta' tabelli jew sinjali li jidhru b'mod ċar u li jistgħu jinqraw, dwar il-possibbiltà li jiksbu l-prodotti f'kontenitur li jista' jerġa' jimtela pprovdut mill-konsumatur.*

## Emenda 241

### Proposta għal regolament Artikolu 28b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 28b*

*Offerta ta' użu mill-ġdid għas-settur tax-xorb take-away*

*1. Sa ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] id-distributur finali li jkun qed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur HORECA u li jkun qed iqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru f'imballaġġ għall-bejgħ xorb kiesaħ jew sħun mimli f'kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu jipprovdi lill-konsumaturi l-għażla tal-imballaġġ f'sistema għall-użu mill-ġdid.*

*2. Id-distributuri finali għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi finali fil-punt tal-bejgħ, permezz ta' tabelli jew sinjali li jidhru b'mod ċar u li jistgħu jinqraw, dwar il-possibbiltà li jiksbu l-prodotti*

*f'imballaġġi li jistgħu jerġgħu jintużaw.*

*3. Id-distributuri finali għandhom joffru l-prodotti mimlija f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mingħajr kostijiet ogħla, u f'kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli mill-unità tal-bejgħ li tikkonsisti mill-istess prodott u imballaġġ li jintuża darba biss.*

*4. Id-distributuri finali għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jekk jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' mikrointrapriża stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.*

## Emenda 242

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jilhqgħu l-mira stabbilita fil-paragrafu 1 *jistgħu jvarjaw skont* l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik ħfief meta jiġu mmanifatturati, irriċiklati jew mormija, u l-proprjetajiet tal-kompostjar tagħhom, id-durabbiltà jew l-użu maħsub speċifiku. Miżuri bħal dawn jistgħu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, jinkludu restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni, dment li jkunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.

## Emenda 243

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jilhqgħu l-mira stabbilita fil-paragrafu 1 *għandhom iqisu* l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik ħfief meta jiġu mmanifatturati, irriċiklati jew mormija, u l-proprjetajiet tal-kompostjar tagħhom, id-durabbiltà jew l-użu maħsub speċifiku. Miżuri bħal dawn jistgħu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, jinkludu restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni, dment li jkunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.

*4a. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha theggi rapport dwar il-ħtieġa u l-fattibbiltà li jitnaqqas l-użu tal-basktijiet tal-karti u, meta jkun xieraq,*

*tippreżenta proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi miri ta' tnaqqis tal-basktijiet tal-karti u miżuri biex jintlaħqu dawn il-miri.*

## Emenda 244

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw l-akkuratezza ta' mill-anqas 10 % tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità kull sena, ivvalutati fuq bażi każwali, u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità, bħall-irtirar ta' prodotti mhux konformi mis-suq.*

*Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafu 1 li huma ppjanati minn qabel, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki meta jiksbu jew jiġu mgħarrfa b'informazzjoni rilevanti, inkluż abbażi ta' tħassib sostanzjat ipprovdut minn partijiet terzi dwar in-nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.*

*Il-verifiki għandhom jitwettqu mingħajr twissija minn qabel lill-operatur ekonomiku, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività ta' dawk il-verifiki.*

*L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki, li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Ir-rekords tal-verifiki kollha għandhom jinżammu għal mill-anqas għaxar snin.*

*Ir-rekords tal-verifiki mwettqa skont dan ir-Regolament u r-rapporti tar-riżultati u l-eżiti tagħhom għandhom jikkostitwixxu informazzjoni ambjentali għall-finijiet*

*tad-Direttiva 2003/4/KE<sup>1a</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*

---

*1a Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*

## **Emenda 245**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Kull Stat Membru għandu jnaqqas l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat per capita, meta mqabbel mal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat per capita fl-2018 kif irrapportat lill-Kummissjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE, sa:*

- (a) 10 % sal-2030;*
- (b) 15 % sal-2035;*
- (c) 20 % sal-2040.*

## **Emenda 246**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 1a, l-Istati Membri li stabbilew sistema doppja għall-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, sistema waħda għall-iskart mill-imballaġġ domestiku u l-oħra għall-iskart mill-imballaġġ industrijali u kummerċjali, jista' jkollhom l-opportunità li jżommu l-*



*ispeċifità tagħhom.*

#### Emenda 247

##### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***il-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ġenerazzjoni*** tal-iskart mill-imballaġġ u ***li jimminimizzaw l-impatt ambjentali tal-imballaġġ.***

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***u jieħdu l-miżuri addizzjonali ta' sostenibbiltà meħtieġa biex jiksbu tnaqqis ambizzjuż u sostnut*** tal-iskart mill-imballaġġ ***iġġenerat per capita, f'konformità mal-oġġettivi ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iskart, b'mod partikolari l-prevenzjoni tal-iskart u sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

#### Emenda 248

##### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti f'ristoranti, kantins, bars, kafetteriji u servizzi ta' catering jistgħu jitolbu li jiġu servuti ilma tal-vit mingħajr ħlas jew bi ħlas baxx għas-servizz.***

#### Emenda 249

##### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu ***jużaw*** strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, bħall-miżuri msemmija fl-Annessi IV u

*Emenda*

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu ***jintroduċu miżuri li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-użu ta'*** strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-

IVa tad-Direttiva 2008/98/KE, jew strumenti u miżuri xierqa oħra, inklużi inċentivi permezz tal-iskemi **ta' responsabbiltà** estiża tal-produttur u r-rekwiżiti għall-produtturi jew għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi biex jadottaw pjanijiet għall-prevenzjoni tal-iskart. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji u jkunu mfassla b'tali mod li jevitaw ostakli għall-kummerċ jew distorsjonijiet tal-kompetizzjoni f'konformità mat-Trattat.

applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, bħall-miżuri msemmija fl-Annessi IV u IVa tad-Direttiva 2008/98/KE, jew strumenti u miżuri xierqa oħra, inklużi inċentivi permezz tal-iskemi **tar-responsabbiltà** estiża tal-produttur u r-rekwiżiti għall-produtturi jew għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi biex jadottaw pjanijiet għall-prevenzjoni tal-iskart. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji u jkunu mfassla b'tali mod li jevitaw ostakli għall-kummerċ jew distorsjonijiet tal-kompetizzjoni f'konformità mat-Trattat **u mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.**

## Emenda 250

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha **tirrevedi** l-miri stabbiliti **fil-paragrafu 1**. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq.

#### *Emenda*

4. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha **tirrieżamina** l-miri stabbiliti **fil-paragrafi 1 u 1a u tivvaluta l-ħtieġa li jiġu inklużi miri speċifiċi għall-karta u l-kartun, il-ħġieġ, il-metall u l-materjal kompost**. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq.

## Emenda 251

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Ir-reġistru għandu jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħra tas-siti web tal-produtturi biex jiffaċilita, fl-Istati Membri

#### *Emenda*

Ir-reġistru għandu jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħra tas-siti web tal-produtturi biex jiffaċilita, fl-Istati Membri

kollha, ir-reġistrazzjoni tal-produtturi jew tar-rappreżentanti **maħtura** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

kollha, ir-reġistrazzjoni tal-produtturi jew tar-rappreżentanti **awtorizzati** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur. **Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli faċilment u mingħajr ħlas għall-pubbliku online.**

## Emenda 252

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-produtturi għandhom ikunu obbligati jirreġistraw fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1. Huma għandhom, għal dak il-għan, jippreżentaw applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'kull Stat Membru fejn jqiegħdu fis-suq l-imballaġġ għall-ewwel darba. Meta produttur ikun ħatar organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 41(1), l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ssodisfati minn dik l-organizzazzjoni, **sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit ir-reġistru.**

#### *Emenda*

2. Il-produtturi għandhom ikunu obbligati jirreġistraw fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1. Huma għandhom, għal dak il-għan, jippreżentaw applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'kull Stat Membru fejn jqiegħdu fis-suq l-imballaġġ għall-ewwel darba. Meta produttur ikun ħatar organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 41(1), l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ssodisfati minn dik l-organizzazzjoni. **Il-mikrointrapriżi għandhom ikunu eżentati mill-obbligi ta' dan il-paragrafu, sakemm ma jkunux ħatru organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.**

## Emenda 253

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-produtturi ma għandhomx **jqiegħdu** l-imballaġġ fis-suq, jekk huma jew, meta applikabbli, ir-rappreżentanti **maħtura** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ma jkunux irreġistrati fi Stat Membru bħal dan.

#### *Emenda*

4. Il-produtturi ma għandhomx **iqiegħdu** l-imballaġġ fis-suq, jekk huma jew, meta **jkun** applikabbli, **f'konformità mal-Artikolu 40**, ir-rappreżentanti **awtorizzati** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ma jkunux irreġistrati fi Stat Membru bħal dan.

## Emenda 254

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Meta rappreżentant **maħtur** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikun jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed, dan għandu, minbarra l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 5, jipprovidi l-isem u d-dettalji tal-kuntatt ta' kull wieħed mill-produtturi rappreżentati separatament.

#### *Emenda*

6. Meta rappreżentant **awtorizzat** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikun jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed, dan għandu, minbarra l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 5, jipprovidi l-isem u d-dettalji tal-kuntatt ta' kull wieħed mill-produtturi rappreżentati separatament.

## Emenda 255

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

10. **Meta** l-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi **ma tkunx** aċċessibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, mingħajr ħlas, għall-informazzjoni fir-reġistru.

#### *Emenda*

10. L-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi **għandha tkun** aċċessibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri **tas-servizzi ta' ġestjoni u l-fornituri** ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, **inkluż aċċess online**, mingħajr ħlas, għall-informazzjoni fir-reġistru, **inkluż permezz ta' siltiet mir-reġistru diġitali**. **Madankollu, għandha tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-lista tal-produtturi rreġistrati għandha tkun tista' tinqara mill-magni, tista' titqiegħed f'ordni u tista' titfittex, b'rispett tal-istandards miftuħa għal użu minn parti terza.**

## Emenda 256

**Proposta għal regolament  
Artikolu 40 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-produtturi ***tal-imballaġġ*** għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur skont l-iskemi stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u ma' din it-Taqsima għall-imballaġġ li jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru.

**Emenda 257**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 40 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Produttur għandu jaħtar, b'mandat bil-miktub, rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit li fih jagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba.

**Emenda 258**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 40 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-fornituri tal-pjattaformi online, li jaqgħu ***fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4*** tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi għandhom ***jiksbu l-informazzjoni li ġejja mingħand il-produtturi*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni:

*Emenda*

1. Il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur skont l-iskemi stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u ma' din it-Taqsima għall-imballaġġ li jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru.

*Emenda*

2. Produttur għandu jaħtar, b'mandat bil-miktub, rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit li fih jagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba.

*Emenda*

3. Il-fornituri tal-pjattaformi online li jaqgħu ***taħt it-Taqsima 4*** tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi, ***kif ukoll mal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni***, għandhom ***ikunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jkunux jistgħu jagħtu prova li l-produtturi*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-

Unjoni, *jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti billi jiksbu:*

#### **Emenda 259**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) *l-awtoċertifikazzjoni mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss imballaġġ li fir-rigward tiegħu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fl-Istat Membru fejn **ikun** jinsab il-konsumatur.*

*Emenda*

(b) *informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fl-Istat Membru fejn jinsab il-konsumatur.*

#### **Emenda 260**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Meta l-produtturi jbigħu l-prodotti tagħhom permezz tas-suq online u ma jkunux irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 39(2), is-suq online li fih il-prodotti jkunu offruti għall-bejgħ jista' jissodisfa l-obbligi fl-Artikolu 39(7) fir-rigward ta' tali produtturi b'mod kollettiv.*

*Emenda*

#### **Emenda 261**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*3a. Malli jirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u qabel ma jħalli lill-produttur ikkonċernat juża s-servizzi tiegħu, il-fornitur ta' pjattaformi online u l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jivvalutaw jekk l-informazzjoni*

*Emenda*

*msemmija fil-punti (a) u (b) hijiex affidabbli u kompluta.*

## **Emenda 262**

### **Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jkopru l-kostijiet skont id-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà estiża tal-produttur fid-Direttivi 2008/98/KE u 94/62/KE u, sakemm ma jkunux diġà inklużi, ikopru mill-anqas il-kostijiet tal-ġbir tal-iskart għal dawk il-prodotti li jintremew f'sistemi ta' ġbir pubbliku, inklużi l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak l-iskart.**

**Il-kostijiet li għandhom jiġu koperti għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u kosteffiċjenti. Il-kostijiet biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b'mod li tippermetti li l-kostijiet biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat abbażi tal-formati tal-imballaġġ li huma aktar suxxettibbli li jintremew bl-addoċċ jew li ma jinġabrux separatament.**

## **Emenda 263**

### **Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Meta, fit-territorju ta' Stat Membru, bosta organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

2. Meta, fit-territorju ta' Stat Membru, bosta organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

jkunu awtorizzati jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, meta jitqiesu flimkien, ikopru t-territorju kollu tal-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet f'konformità mal-Artikoli 42(3), 43 u 44. L-Istati Membri għandhom jafdaw lill-awtorità kompetenti, jew jaħtru parti terza indipendenti, biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom b'mod koordinat.

jkunu awtorizzati jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ***u l-produtturi li ma jkunux f'daw organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi***, meta jitqiesu flimkien, ikopru t-territorju kollu tal-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet f'konformità mal-Artikoli 42(3), 43 u 44. L-Istati Membri għandhom jafdaw lill-awtorità kompetenti, jew jaħtru parti terza indipendenti, biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom b'mod koordinat.

## Emenda 264

### Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 3– punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-miżuri stabbiliti mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi huma biżżejjed biex jippermettu r-ritorn ***jew*** il-ġbir f'konformità mal-Artikolu 43(1) u (2) u l-Artikolu 44, mingħajr ħlas, bi frekwenza proporzjonata għaż-żona u għall-volum koperti, tal-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-ammont u tat-tipi tal-imballaġġ li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru minn dak il-produttur jew il-produtturi li f'isimhom taġixxi l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi;

#### *Emenda*

(b) il-miżuri stabbiliti mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi huma biżżejjed biex jippermettu r-ritorn, il-ġbir, ***it-trasport u t-trattament tal-iskart kollu mill-imballaġġ*** f'konformità mal-Artikolu 43(1) u (2) u l-Artikolu 44, mingħajr ħlas, bi frekwenza proporzjonata għaż-żona u għall-volum koperti, tal-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-ammont u tat-tipi tal-imballaġġ li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru minn dak il-produttur jew il-produtturi li f'isimhom taġixxi l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi;

## Emenda 265

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1



*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi li jipprevedu r-ritorn u l-ġbir separat tal-iskart kollu mill-imballaġġ mill-utenti finali sabiex jiġi żgurat li jiġi ttrattat f'konformità mal-Artikoli 4 u 13 tad-Direttiva 2008/98/KE, u biex tiġi ffaċilitata t-tnejjija tiegħu għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

**Emenda 266**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi **mill-paragrafu 1** dment li l-ġbir tal-imballaġġ jew tal-frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ flimkien jew flimkien ma' skart ieħor ma jaffettwax **il-potenzjal** li imballaġġ bħal dan jew frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ ikunu soġġetti għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, għar-

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi **u infrastrutturi** li jipprevedu r-ritorn u l-ġbir separat tal-iskart kollu mill-imballaġġ mill-utenti finali sabiex jiġi żgurat li jiġi ttrattat f'konformità mal-Artikoli 4, **10** u 13 tad-Direttiva 2008/98/KE, u biex tiġi ffaċilitata t-tnejjija tiegħu għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

*Emenda*

**1a. Sabiex jiġi ffaċilitat riċiklaġġ ta' kwalità għolja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbilita sistema li tipprovdi aċċess sikur u ekwu għal materja prima riċiklata għall-użu f'applikazzjonijiet fejn il-kwalità distinta tal-materjal riċiklat tiġi ppreservata jew irkuprata b'tali mod li tkun tista' tiġi riċiklata aktar u użata bl-istess mod u għal applikazzjoni simili, b'telf minimu ta' kwantità, kwalità jew funzjoni.**

*Emenda*

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi **mill-obbligu ta' ritorn u ta' ġbir separat tal-iskart fil-paragrafu 1 għal ċerti tipi ta' skart** dment li l-ġbir tal-imballaġġ jew tal-frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ flimkien **bħal dan** jew flimkien ma' skart ieħor ma jaffettwax **il-kapaċità** li imballaġġ bħal dan jew

riċiklaġġ jew għal operazzjonijiet oħra ta' rkupru f'konformità mal-Artikoli 4 u 13 tad-Direttiva 2008/98/KE u jiġġenera output minn dawk l-operazzjonijiet li huwa ta' kwalità komparabbli għal dak miksub permezz tal-ġbir separat.

frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ ikunu soġġetti għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ jew għal operazzjonijiet oħra ta' rkupru f'konformità mal-Artikoli 4 u 13 tad-Direttiva 2008/98/KE u jiġġenera output minn dawk l-operazzjonijiet li huwa ta' kwalità komparabbli għal dak miksub permezz tal-ġbir separat.

## Emenda 268

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) ikunu miftuħa għall-aċċess għad-data, fir-rigward tar-rapportar f'termini ta' piż u kost tal-ġestjoni tal-flussi tal-iskart mill-imballaġġ, aġġornati u pprovduti permezz ta':**

**(i) sit web jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni elettronika, bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;**

**(ii) rapporti pubbliċi fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.**

**Il-punt (ca) għandu jkun mingħajr preġudizzju għal informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data.**

## Emenda 269

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi spazji pubbliċi, jiġu stabbiliti biżżejjed sistemi ta' ġbir separat għall-frazzjonijiet differenti tal-materjali tal-iskart mill-imballaġġ.**

## Emenda 270

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

**5. B’deroga mill-obbligu tal-ġbir separat tal-iskart fil-paragrafu 3, ċerti tipi ta’ skart mill-imballaġġ jistgħu jinġabru flimkien meta ġbir bħal dan ma jaffettwax il-potenzjal tagħhom li jsirulhom operazzjonijiet tar-riċiklaġġ u jirriżulta f’output minn dawk l-operazzjonijiet li jkun ta’ kwalità komparabbli ma’ dak miksub permezz tal-ġbir separat.**

*Emenda*

**imħassar**

## Emenda 271

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**5a. Mill-1 ta’ Jannar 2030, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-iskart mill-imballaġġ li ma jinġabarx separatament jiġi separat qabel l-operazzjonijiet ta’ rimi jew ta’ rkupru tal-enerġija biex jitneħħa l-imballaġġ iddisinjat għar-riċiklaġġ.**

*Emenda*

## Emenda 272

### Proposta għal regolament Artikolu 43a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Ġbir separat obbligatorju**

**1. Sal-1 ta’ Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir separat ta’ 90 % tal-materjali elenkati fl-Artikolu 46 f’sena partikolari skont il-piż.**

*Emenda*

**Artikolu 43a**

*L-objettiv imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jintlaħaq permezz tal-miżuri kollha msemmija f'dan ir-Regolament, kif ukoll permezz ta' miżuri separati ta' ġbir barra d-dar.*

*2. Il-paragrafu 1 għandu jissupplimenta l-miri tal-ġbir separat stabbiliti għall-fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss koperti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/904.*

## Emenda 273

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) fliexken tal-plastik tax-xorb li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' **mhux aktar minn** tliet litri; u;

*Emenda*

(a) fliexken tal-plastik tax-xorb li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' **0,1 litru sa** tliet litri; u;

## Emenda 274

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 1– punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' **mhux aktar minn** tliet litri.

*Emenda*

(b) kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' **0,1 litru sa** tliet litri;

## Emenda 275

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 3 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru se jkun eżentat mill-obbligu skont il-paragrafu 1 **bil-kundizzjonijiet** li ġejjin:

*Emenda*

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru se jkun eżentat mill-obbligu skont il-paragrafu 1 **dment li tiġi ssodisfata mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet** li ġejjin:

## Emenda 276

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-rata ta' ġbir separat kif meħtieġ skont l-Artikolu 43(3) u (4) tal-format tal-imballaġġ rispettiv kif irrapportat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(1)(c) hija oġġla minn **90 %** skont il-piż ta' imballaġġ bħal dan introdott fis-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fis-snin kalendarji tal-2026 u tal-2027. Meta rapportar bħal dan ikun għadu ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovd i ġustifikazzjoni motivata, ibbażata fuq data nazzjonali validata, u deskrizzjoni tal-miżuri implimentati, li l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti f'dan il-paragrafu huma ssodisfati;

## Emenda 277

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 3 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) sa mhux aktar tard minn 24 xahar qabel l-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu għall-eżenzjoni u jissottometti pjan ta' implimentazzjoni li juri strateġija b'azzjonijiet konkreti, inkluża skeda ta' żmien li tiżgura l-kisba tar-rata tal-ġbir separat **ta' 90 %** skont il-piż tal-imballaġġ imsemmi **fil-paragrafu 1**.

## Emenda 278

#### *Emenda*

(a) ir-rata ta' ġbir separat kif meħtieġ skont l-Artikolu 43(3) u (4) tal-format tal-imballaġġ rispettiv kif irrapportat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(1), **il-punt (c)** hija **ekwivalenti għal jew** oġġla minn **85 %** skont il-piż ta' imballaġġ bħal dan introdott fis-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fis-snin kalendarji tal-2026 u tal-2027. Meta rapportar bħal dan ikun għadu ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovd i ġustifikazzjoni motivata, ibbażata fuq data nazzjonali validata, u deskrizzjoni tal-miżuri implimentati, li l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti f'dan il-paragrafu huma ssodisfati;

#### *Emenda*

(b) sa mhux aktar tard minn 24 xahar qabel l-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu għall-eżenzjoni u jissottometti pjan ta' implimentazzjoni li juri strateġija b'azzjonijiet konkreti, inkluża skeda ta' żmien li tiżgura l-kisba tar-rata tal-ġbir separat skont il-piż tal-imballaġġ imsemmi **fil-punt (a) tal-paragrafu 3**.

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 44 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Stat Membru jista', filwaqt li josserva r-regoli ġenerali stabbiliti fit-Trattat u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jadotta dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

**Emenda 279**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 45 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex **jinkoraġġixxu** l-istabbiliment ta' sistemi għall-użu u għall-mili mill-ġdid tal-imballaġġ b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Dawk is-sistemi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 24 u 25 u fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament u ma għandhomx jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-konsumaturi.

**Emenda 280**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-rekwiżiti fuq **id-distributuri** finali biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni, fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid jew permezz tal-mili mill-ġdid, ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr dawk koperti mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 bil-kundizzjoni li

*Emenda*

7. Stat Membru jista', filwaqt li josserva r-regoli ġenerali stabbiliti fit-Trattat u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jadotta dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan l-Artikolu **u l-possibbiltà li jinkludi l-imballaġġ għal prodotti oħra.**

*Emenda*

1. **Sal-31 ta' Diċembru 2028**, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex **jżguraw** l-istabbiliment ta' sistemi għall-użu u għall-mili mill-ġdid tal-imballaġġ **b'biżżejjed incenivi għar-ritorn** b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Dawk is-sistemi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 24 u 25 u fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament u ma għandhomx jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-konsumaturi.

*Emenda*

(c) ir-rekwiżiti fuq **il-manifatturi u d-distributuri** finali biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni, fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid jew permezz tal-mili mill-ġdid, ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr dawk koperti mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 26

dan ma jwassalx għal distorsjonijiet fis-suq intern jew f'ostakli kummerċjali għall-prodotti minn Stati Membri oħra.

bil-kundizzjoni li dan ma jwassalx għal distorsjonijiet fis-suq intern jew f'ostakli kummerċjali għall-prodotti minn Stati Membri oħra.

## Emenda 281

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej jiżviluppaw standards volontarji għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, bil-għan li jiġu promossi l-karatteristiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' sistemi għall-użu mill-ġdid iddisinjati tajjeb. Tali standards għandhom, fost aspetti oħrajn, jindirizzaw id-disinn, it-tikkettar, it-tindif, u t-traċċabbiltà tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-iżvilupp u t-tixrid ta' tali standards.*

## Emenda 282

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur u sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu jiddedikaw sehem minimu mill-baġit tagħhom biex jiffinanzjaw azzjonijiet ta' tnaqqis u ta' prevenzjoni u jużaw mill-ġdid infrastruttura għall-implimentazzjoni tas-sistema għall-użu mill-ġdid.*

## Emenda 283

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 46 – paragrafu 2– parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-punt (a), Stat Membru jista' jipposponi l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (b)(i) sa (vi), sa 5 snin, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-punt (a), ***u filwaqt li jirrikonoxxi l-punt ta' tluq differenti ta' kull Stat Membru fir-rigward tal-mira speċifika definita għal kull materjal***, Stat Membru jista' jipposponi l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (b)(i) sa (vi), sa 5 snin, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

**Emenda 284**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 47 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. ***L-iskart mill-imballaġġ esportat barra mill-Unjoni għandu jiġi kkalkulat bħala riċiklat mill-Istat Membru li fih ikun inġabar biss jekk, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-esportatur jista' juri li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li r-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ barra mill-Unjoni seħħ f'kundizzjonijiet li huma ġeneralment ekwivalenti għal dawk preskritti mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.***

*Emenda*

***imħassar***

**Emenda 285**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 47 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-ammont tal-materjali tal-iskart mill-imballaġġ li waqaf milli jkun skart b'riżultat ta' operazzjoni ta' ***thejjja qabel ma jiġi pproċessat mill-ġdid, jista' jingħadd bħala skart riċiklat dment li materjali bħal dawn ikunu maħsuba***

*Emenda*

9. L-ammont tal-materjali tal-iskart mill-imballaġġ li waqaf milli jkun skart b'riżultat ta' operazzjoni ta' ***rkupru li permezz tagħha*** materjali ***tal-iskart jiġu pproċessati*** mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi ***jew għal finijiet*** oriġinali jew



**għall-ipproċessar sussegwenti** mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi **li huma destinati għall-użu** oriġinali jew għal finijiet oħra. Madankollu, il-materjali tattiem tal-istadju tal-iskart li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, jew biex ikunu inċinerati, jintradmu jew jintremew f'landfills, ma għandhomx jingħaddu bħala riċiklati.

## Emenda 286

### Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

12. L-iskart mill-imballaġġ esportat mill-Unjoni għandu jingħadd bħala riċiklat mill-Istat Membru li fih inġabar, biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 u jekk, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-esportatur **jista' juri** li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, inkluż li ttrattament tal-iskart mill-imballaġġ barra mill-Unjoni sar f'kundizzjonijiet li huma **ġeneralment** ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

## Emenda 287

### Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-proprjetajiet tal-kompostjar u l-għażliet xierqa għall-immaniġġar tal-iskart għall-imballaġġ kompostabbli.

għal finijiet oħra **jistgħu jitqiesu bħala riċiklati**. Madankollu, il-materjali tattiem tal-istadju tal-iskart li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, jew biex ikunu inċinerati, jintradmu jew jintremew f'landfills, ma għandhomx jingħaddu bħala riċiklati.

#### *Emenda*

12. L-iskart mill-imballaġġ esportat mill-Unjoni għandu jingħadd bħala riċiklat mill-Istat Membru li fih inġabar, biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 u jekk, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-esportatur **jipprovd** **evidenza dokumentata approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni** li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, inkluż li ttrattament tal-iskart mill-imballaġġ barra mill-Unjoni sar f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

#### *Emenda*

(f) il-proprjetajiet tal-kompostjar u l-għażliet xierqa għall-immaniġġar tal-iskart għall-imballaġġ kompostabbli, **inkluża informazzjoni lill-konsumaturi li l-imballaġġ kompostabbli li jkun kompostabbli f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod industrijali ma**

*għandux jintrema fil-kompost domestiku  
jew fin-natura.*

#### **Emenda 288**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-konsum annwali tal-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, tal-basktijiet tal-plastik ħfief **u** tal-basktijiet tal-plastik ħoxnin għal kull persuna, separatament għal kull kategorija;

*Emenda*

(b) il-konsum annwali tal-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, tal-basktijiet tal-plastik ħfief, tal-basktijiet tal-plastik ħoxnin, **basktijiet tal-plastik ħoxnin ħafna u basktijiet tal-karti** għal kull persuna, separatament għal kull kategorija;

#### **Emenda 289**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 50 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw għal kull **materjal u tip tal-imballaġġ kif elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness IX għal kull** sena kalendarja d-data dwar:

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw għal kull sena kalendarja d-data dwar:

#### **Emenda 290**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-ammonti tal-imballaġġ introdott fis-suq għal kull tip u materjal tal-imballaġġ kif elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness **IX**;

*Emenda*

(a) l-ammonti tal-imballaġġ introdott fis-suq għal kull tip u materjal tal-imballaġġ kif elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness **II**;

#### **Emenda 291**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-ammonti tal-iskart ***tal-imballaġġ*** miġbur separatament għal kull materjal tal-imballaġġ kif elenkat fit-Tabella 1 fl-Anness IX;

*Emenda*

(b) l-ammonti tal-iskart ***mill-imballaġġ*** miġbur separatament għal kull materjal tal-imballaġġ kif elenkat fit-Tabella 3 fl-Anness XII;

**Emenda 292**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-rati tar-riċiklaġġ;

*Emenda*

(c) ir-rati tar-riċiklaġġ ***ta' skart mill-imballaġġ kif elenkat fit-Tabella 4 tal-Anness XII***;

**Emenda 293**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-bażijiet tad-data dwar l-imballaġġ għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku usa' f'format miftuħ li jista' jinqara b'magna u li jiżgura l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data.***

**Emenda 294**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1020, meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru partikolari jkollhom raġuni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1020, meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru partikolari jkollhom raġuni

suffiċjenti biex jemmnu li l-imballaġġ kopert minn dan ir-Regolament jippreżenta riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-imballaġġ ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament li huma rilevanti għar-riskju. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

suffiċjenti biex jemmnu li l-imballaġġ kopert minn dan ir-Regolament jippreżenta riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-animali, huma*** għandhom, ***mingħajr dewmien żejjed***, iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-imballaġġ ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament li huma rilevanti għar-riskju. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## **Emenda 295**

### **Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-imballaġġ mhux konformi, l-oriġini tal-imballaġġ, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti u, meta jkun applikabbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(1). L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw ukoll jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex minħabba:

## **Emenda 296**

### **Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

#### *Emenda*

6. L-informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-imballaġġ mhux konformi, l-oriġini tal-imballaġġ, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti u, meta jkun applikabbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1). L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw ukoll jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex minħabba:

### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu **52(3) u (4)**, isiru oġġezzjonijiet kontra miżura nazzjonali meħuda minn Stat Membru jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tikser il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġġustifikata jew le.

### **Emenda 297**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 52, Stat Membru jsib li għalkemm l-imballaġġ ikun f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11, joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, dan għandu jirrikjedi mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri kollha xierqa f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkunu proporzjonati għan-natura tar-riskju u, meta rilevanti, il-grad tar-riskju, biex jiżgura li l-imballaġġ ikkonċernat, meta introdott fis-suq, ma jibqax joħloq riskju, biex jirtira l-imballaġġ mis-suq jew isejjħu lura.

### **Emenda 298**

### *Emenda*

Meta, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu **52(5) u (6)**, isiru oġġezzjonijiet kontra miżura nazzjonali meħuda minn Stat Membru jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tikser il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġġustifikata jew le.

### *Emenda*

1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 52, Stat Membru jsib li għalkemm l-imballaġġ ikun f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11, joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem **u tal-animali**, dan għandu jirrikjedi mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri kollha xierqa f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkunu proporzjonati għan-natura tar-riskju u, meta rilevanti, il-grad tar-riskju, biex jiżgura li l-imballaġġ ikkonċernat, meta introdott fis-suq, ma jibqax joħloq riskju, biex jirtira l-imballaġġ mis-suq jew isejjħu lura.

**Proposta għal regolament  
Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jużaw l-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju tagħhom skont l-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.**

**Emenda 299**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ka) ir-rekwiżiti dwar l-imballaġġ riċiklabbli ma humiex issodisfati;**

**Emenda 300**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt kb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(kb) ir-rekwiżiti dwar il-kontenut minimu riċiklat tal-imballaġġ ma humiex issodisfati;**

**Emenda 301**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 58 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(9), **fl-Artikolu 7(10)**, fl-Artikolu 7(11),

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(7), fl-Artikolu 7(9), fl-Artikolu 8(5), fl-

fl-Artikolu 8(5), fl-Artikolu 22(4), fl-Artikolu 26(16) u fl-Artikolu 57(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Artikolu 22(4), fl-Artikolu 26(16), **fl-Artikolu 27(4)** u fl-Artikolu 57(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

## Emenda 302

### Proposta għal regolament Artikolu 58 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(9), **fl-Artikolu 7(10)**, **fl-Artikolu 7(11)**, fl-Artikolu 8(5), fl-Artikolu 22(4), fl-Artikolu 26(16) u fl-Artikolu 57(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

## Emenda 303

### Proposta għal regolament Artikolu 58 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-

#### *Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 6(6), **fl-Artikolu 7(7)**, fl-Artikolu 7(9), fl-Artikolu 8(5), fl-Artikolu 22(4), fl-Artikolu 26(16), **fl-Artikolu 27(4)** u fl-Artikolu 57(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-

Kummissjoni għandha tikkonsulta *esperti nnominati* minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

Kummissjoni għandha tikkonsulta *l-Forum dwar l-Imballaġġ u l-esperti maħtura* minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

## Emenda 304

### Proposta għal regolament Artikolu 58 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(9), **l-Artikolu 7(10)**, l-Artikolu 7(11), l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 26(16) u l-Artikolu 57(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(7), l-Artikolu 7(9), l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 26(16), **l-Artikolu 27(4)** u l-Artikolu 57(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 305

### Proposta għal regolament Artikolu 62 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. **Il-penali previsti** għandhom **ikunu effettivi, proporzjonati** u

#### *Emenda*

1. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. **F'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-**



*dissważivi. In-nuqqas ta' konformità mar-  
rekwiżiti tal-Artikoli 21 sa 26 għandu jiġi  
ssanzjonat minn multa amministrattiva  
imposta fuq l-operatur ekonomiku  
rilevanti.*

*Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, l-  
Istati Membri għandhom jikkomunikaw  
lill-Kummissjoni dawk ir-regoli u dawk il-  
miżuri u, mingħajr dewmien, dwar  
kwalunkwe emenda sussegwenti li  
taffettwahom. Il-penali previsti għandhom  
ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

*Dawn il-penali jistgħu jinkludu:*

*(a) multi proporzjonati għad-danni  
ambjentali u għall-valur tal-prodotti  
kkonċernati rilevanti, billi jiġi kkalkulat  
il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiżguraw  
li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk  
responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi  
derivati mill-ksur tagħhom, u  
gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi  
għal ksur ripetut;*

*(b) konfiska tad-dħul miksub mill-  
manifattur, mill-produttur, mill-fornitur,  
mid-distributtur, mill-importatur, mir-  
rappreżentanti awtorizzati, jew mir-  
rappreżentanti maħtura għar-  
responsabbiltà estiża tal-produttur minn  
tranżazzjoni bil-prodotti rilevanti  
kkonċernati;*

*(c) esklużjoni temporanja għal perjodu  
massimu ta' 12-il xahar mill-proċessi tal-  
akkwist pubbliku u mill-aċċess għall-  
finanzjament pubbliku, inkluż il-  
proċeduri tal-offerti, l-għotjiet u l-  
konċessjonijiet;*

*(d) projbizzjoni temporanja milli  
jitqiegħdu jew milli jkunu disponibbli fis-  
suq, jew milli jiġu esportati prodotti  
rilevanti, fil-każ ta' ksur serju jew ta' ksur  
ripetut;*

---

*1a Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9  
ta' Settembru 2015 li tistabilixxi  
proċedura għall-għoti ta' informazzjoni  
fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-  
regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-  
Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).*

## **Emenda 306**

### **Proposta għal regolament Artikolu 62a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 62a*

##### *Aċċess għall-ġustizzja*

- 1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess suffiċjenti, kif determinat f'konformità mas-sistemi nazzjonali eżistenti ta' rimedji legali, inkluż meta tali persuni jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dritt nazzjonali, inklużi persuni li jkunu ppreżentaw tħassib issostanzjat f'konformità mal-Artikolu 62a, għandu jkollha aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li jirrieżaminaw il-legalità tad-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament.*
- 2. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirregola l-aċċess għall-ġustizzja u dawk li jirrikjedu li l-proċeduri ta' rieżami amministrattiv jiġu eżawriti qabel ir-rikors għal proċedimenti ġudizzjarji.*

## **Emenda 307**

### **Proposta għal regolament Artikolu 62b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 62b*

##### *Talba għal azzjoni*

- 1. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati minn ksur ta' dan ir-Regolament, jew li għandhom interess suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatati mal-ksur*

*ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu intitolati li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali ksur jew theddida imminenti ta' tali ksur.*

*L-interest ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni ambjentali u li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jkun meqjus suffiċjenti għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu.*

*2. It-talba għal azzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u d-data rilevanti li jsostnu dik it-talba.*

*3. Meta t-talba għal azzjoni u l-informazzjoni u d-data ta' akkumpanjament juru b'mod kredibbli li jkun seħħ ksur ta' dan ir-Regolament, jew li hemm theddida imminenti ta' tali ksur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kwalunkwe talba għal azzjoni u informazzjoni u data bħal din. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-opportunita lill-operatur ekonomiku kkonċernat li jagħmel l-opinjoni tiegħu magħrufa fir-rigward tat-talba għal azzjoni u l-informazzjoni u d-data ta' akkumpanjament.*

*4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien u f'konformita mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, jinfurmaw lill-persuni li ppreżentaw talba skont il-paragrafu 1, bid-deċiżjoni tagħhom li jilqgħu jew jirrifjutaw it-talba għal azzjoni u għandhom jagħtu r-raġunijiet għal dan.*

*5. F'każ li l-awtorita kompetenti tilqa' t-talba għal azzjoni, din għandha tinnotifika lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk hemmx ksur tar-Regolament lil hinn mill-Istat Membru kkonċernat. Jekk issib li hemm ksur lil hinn mill-Istat Membru kkonċernat, għandha tieħu azzjoni*

*adegwata biex tiżgura konformità mar-Regolament.*

### Emenda 308

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 64 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 94/62/KE għandu jkompli japplika sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **42** xahar wara *d-data tad-dħul* fis-seħħ ta' *dan ir-Regolament*];

*Emenda*

(a) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 94/62/KE għandu jkompli japplika sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **30** xahar wara *d-dħul* fis-seħħ *tal-att* ta' *implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 11(5)*];

### Emenda 309

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 64 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) L-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 94/62/KE għandu jkompli japplika fir-rigward tal-ħtiġijiet essenzjali skont l-Anness II, il-punt 1, l-ewwel inċiż sal-31 ta' Diċembru 2029;*

### Emenda 310

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – paragrafu 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kapsuli tas-sistema tax-xorb (eż. *kafè, kawkaw, ħalib*)

*Emenda*

*Boroż u pads tat-te jew tal-kafè, kapsuli tas-sistema tax-xorb (eż. *unitajiet ta' servizz wieħed għat-te jew għall-kafè*)*

### Emenda 311

**Proposta għal regolament  
Anness I – paragrafu 14a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Kaxxi użati għat-tubi tat-toothpaste***

**Emenda 312**

**Proposta għal regolament  
Anness I – paragrafu 44a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Stickers tat-tikkettar tat-tajers (UE  
2020/740)***

**Emenda 313**

**Proposta għal regolament  
Anness II – tabella 1 – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2	Ħġieġ	Imballaġġ kompost, li l-maġġoranza tiegħu huwa ħġieġ	Fliexken, vażetti, kunjetti, vażetti tal-kożmetiċi, kontenituri żgħar	
---	-------	--	---	--

*Emenda*

2	Ħġieġ	Imballaġġ kompost, li l-maġġoranza tiegħu huwa ħġieġ	Fliexken, vażetti, kunjetti, vażetti tal-kożmetiċi, kontenituri żgħar, <b>laned tal-aerosol</b>	
---	-------	--	---	--

**Emenda 314**

**Proposta għal regolament  
Anness II – tabella 1 – ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4	Karta/kartun	Imballaġġ kompost li l-maġġoranza tiegħu huwa karta/kartun	Inklużi l-kartun tax-xorb, il-platti u t-tazzi, jiġifieri karta/kartun laminat(a) metalizzat(a) jew tal-plastik, kartun likwidu, karta/kartun b'inforri/ oqfsa tal-plastik	
---	--------------	--	--	--

*Emenda*

4	Karta/kartun	Imballaġġ kompost li l-maġġoranza tiegħu huwa karta/kartun	Inklużi l-kartun tax-xorb <b>u mhux tax-xorb</b> , il-platti u t-tazzi, jiġifieri karta/kartun laminat(a) metalizzat(a) jew tal-plastik, kartun likwidu, karta/kartun b'inforri/ oqfsa tal-plastik	
---	--------------	--	--	--

### Emenda 315

#### Proposta għal regolament

#### Anness II – tabella 1 – ringiela 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5	Metall	Azzar	Formati tal-imballaġġ riġidi ( <i>aerosols</i> , laned, laned taż-żebgħa, kaxxi, eċċ.) magħmula mill-azzar, inkluż pjanċa stanjata	
---	--------	-------	--	--

*Emenda*

5	Metall	Azzar	Formati tal-	
---	--------	-------	--------------	--

			imballaġġ riġidi ( <i>bottijiet tal-aerosol</i> , laned, laned taż-żebgħa, kaxxi, eċċ.) magħmula mill-azzar, inkluż pjanċa stanjata	
--	--	--	--	--

### Emenda 316

#### Proposta għal regolament

#### Annex I – tabella 1 – ringiela 11a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

<i>(11a)</i>	<i>Plastik</i>	<i>PET - riġidu</i>	<i>Fliexken u flasks</i>	<i>Abjad opak</i>
--------------	----------------	---------------------	--------------------------	-------------------

### Emenda 317

#### Proposta għal regolament

#### Annex II – tabella 1 – ringiela 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

12	Plastik	PET - riġidu	Imballaġġ riġidu għajr fliexken u flasks (Inklużi vażetti, kontenituri u trejs)	Trasparenti
----	---------	--------------	---	-------------

#### *Emenda*

12	Plastik	PET - riġidu	Imballaġġ riġidu għajr fliexken u flasks (Inklużi vażetti, kontenituri u trejs), <i>laned tal-aerosol</i>	Trasparenti
----	---------	--------------	---	-------------

## Emenda 318

### Proposta għal regolament

#### Anness II – tabella 1 – ringiela 26a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

<i>(26a)</i>	<i>Plastik</i>	<i>Plastiks riġidi użati għall-imballaġġ industrijali</i>	<i>Kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar (IBCs), ċilindri</i>	
--------------	----------------	---	---	--

## Emenda 319

### Proposta għal regolament

#### Anness I – tabella 1 – ringiela 27a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

<i>(27a)</i>	<i>Plastik</i>	<i>Plastiks flessibbli użati għall-imballaġġ industrijali</i>	<i>Kontenituri intermedji flessibbli għal kwantitajiet kbar (FIBCs), baskitijiet</i>	
--------------	----------------	---	--	--

## Emenda 320

### Proposta għal regolament

#### Anness II – tabella 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

<b>Grad ta' Prestazzjoni tar-Riċiklabilità</b>	<b>Valutazzjoni tar-riċiklabilità għal kull unità, f'piż</b>
Grad A	ogħla jew ugwali għal 95 %
Grad B	ogħla jew ugwali għal 90 %
Grad C	ogħla jew ugwali għal 80 %
Grad D	ogħla jew ugwali għal 70 %
Grad E	inqas minn 70 %



Emenda

Grad ta' Prestazzjoni tar-Riċiklabilità	Valutazzjoni tar-riċiklabilità għal kull unità, f'piż
Grad A	<p><i>ogħla jew ugwali għal 95 % - kompatibbiltà għolja mad-disinn għar-riċiklaġġ</i></p> <p><i>L-imballaġġ għandu jkun jista' jiġi riċiklat diversi drabi u huwa kompletament kompatibbli mad-disinn għar-riċiklaġġ tal-kriterji. Il-materja prima sekondarja ġġenerata hija ta' kwalità komparabbli biex tikkontribwixxi għal skema ta' ċirku ta' materjal magħluq.</i></p>
Grad B	<p><i>ogħla jew ugwali għal 95 % - kompatibbiltà għolja sa medja mad-disinn għar-riċiklaġġ</i></p> <p><i>L-imballaġġ jista' jkollu xi kwistjonijiet minuri ta' riċiklabilità li jaffettwaw kemxejn il-kwalità tal-materja prima sekondarja ġġenerata. Madankollu, il-maġġoranza tal-materja prima sekondarja ġġenerata minn dan l-imballaġġ xorta tista' potenzjalment tikkontribwixxi għaċ-ċirku ta' materjal magħluq.</i></p>
Grad C	<p><i>ogħla jew ugwali għal 80 % - kompatibbiltà medja mad-disinn għar-riċiklaġġ</i></p> <p><i>L-imballaġġ jippreżenta kwistjonijiet minuri ta' riċiklabilità li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-materja prima sekondarja ġġenerata u jista' jwassal għal telf ta' materjal matul ir-riċiklaġġ.</i></p>
Grad D	<p><i>ogħla jew ugwali għal 70 % - kompatibbiltà medja sa baxxa mad-disinn għar-riċiklaġġ</i></p> <p><i>L-imballaġġ għandu kwistjonijiet ta' disinn sinifikanti li jaffettwaw ħafna r-riċiklabilità tiegħu jew jimplikaw telf kbir ta' materjal matul ir-riċiklaġġ.</i></p>
Grad E	<p><i>anqas minn 70 % - kompatibbiltà baxxa mad-disinn għar-riċiklaġġ</i></p> <p><i>L-imballaġġ mhuwiex riċiklabbli minħabba kwistjonijiet ta' disinn u ma għandux jiġi introdott fis-suq.</i></p>

Emenda 321

Proposta għal regolament  
Anness II – tabella 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Parametri indikattivi li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ skont l-Artikolu 6**

<b>1. Addittivi</b>
<b>2. Tikketti/sleeves</b>
<b>3. Sistemi tal-għeluq u partijiet żgħar</b>
<b>4. Adeżivi</b>
<b>5. Linka/Stampar</b>
<b>6. Kuluri</b>
<b>7. Kompożizzjoni tal-materjal</b>
<b>8. Barrieri / kisjiet</b>
<b>9. Residwi tal-prodott / faċilità ta' tbatil</b>
<b>10. Faċilità taż-żarmar (karatteristika tad-disinn tal-imballaġġ)</b>

**Emenda 322**

**Proposta għal regolament  
Anness III – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi awtorizzat l-użu ta' format ta' imballaġġ kompostabbli:

*Emenda*

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi awtorizzat **jew introdott** l-użu ta' format ta' imballaġġ kompostabbli:

**Emenda 323**

**Proposta għal regolament  
Anness III – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) huwa ta' natura bijodegradabbli li jippermetti lill-imballaġġ jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika, inkluża d-diġestjoni anaerobika, li tirriżulta fl-aħħar mill-aħħar fil-konverżjoni f' diossidu tal-karbonju **jew f' metan, fin-nuqqas ta' ossiġenu, ta'**

*Emenda*

(c) huwa ta' natura **tant** bijodegradabbli li jippermetti lill-imballaġġ jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika, inkluża d-diġestjoni anaerobika, li tirriżulta fl-aħħar mill-aħħar fil-konverżjoni f' diossidu tal-karbonju **u f' ilma, b'bijomassa mikrobjali ġdida, fi mluħa minerali, u, fin-nuqqas ta'**

*imluħa* minerali, *ta' bijomassa u ta' ilma,*

*ossiġenu, fil-metan,*

#### Emenda 324

##### Proposta għal regolament Anness III – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-użu tiegħu jnaqqas b'mod sinifikanti l-kontaminazzjoni tal-kompost b'imballaġġ mhux kompostabbli; u;

*Emenda*

(e) l-użu tiegħu jnaqqas b'mod sinifikanti l-kontaminazzjoni tal-kompost b'imballaġġ mhux kompostabbli u ***ma jikkawża l-ebda problema fl-ipproċessar tal-bijoskart;***

#### Emenda 325

##### Proposta għal regolament Anness IV – parti I – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Protezzjoni tal-prodott: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura l-protezzjoni tal-prodott mill-punt tal-imballaġġ jew mill-mili sal-użu finali, bil-għan li jiġu evitati danni sinifikanti lill-prodott, telf, deterjorament jew skart. Ir-rekwiżiti jistgħu jikkonsistu fi protezzjoni minn ħsara mekkanika jew kimika, vibrazzjoni, kompressjoni, umdità, dawl, ossiġenu, infezzjoni mikrobijoloġika, pesti, deterjorament tal-proprietajiet organolettiċi eċċ. u jinkludu referenzi għal leġiżlazzjoni speċifika li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-prodott.

*Emenda*

1. Protezzjoni tal-prodott: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura l-protezzjoni tal-prodott mill-punt tal-imballaġġ jew mill-mili sal-użu finali, bil-għan li jiġu evitati danni sinifikanti lill-prodott, telf, deterjorament jew skart. Ir-rekwiżiti jistgħu jikkonsistu fi protezzjoni minn ħsara mekkanika jew kimika, vibrazzjoni, kompressjoni, umdità, dawl, ossiġenu, infezzjoni mikrobijoloġika, pesti, deterjorament tal-proprietajiet organolettiċi eċċ. u jinkludu referenzi għal leġiżlazzjoni speċifika li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-prodott. ***Il-miżuri ta' protezzjoni jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet meħtieġa kontra t-tbagħbis, kontra s-serq u kontra l-falsifikazzjoni.***

#### Emenda 326

##### Proposta għal regolament Anness IV – parti I – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Rekwiżiti legali: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura li l-imballaġġ u l-prodott ippakkjat jistgħu jikkonformaw mal-leġislazzjoni applikabbli.

*Emenda*

6. Rekwiżiti legali: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura li l-imballaġġ u l-prodott ippakkjat jistgħu jikkonformaw mal-leġislazzjoni applikabbli ***inkluża l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni jew il-protezzjoni legali skont ir-Regolament (KE) Nru 6/2002.***

**Emenda 327**

**Proposta għal regolament  
Anness IV – parti II – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) għal kull kriterju ta' prestazzjoni kif elenkat fil-Parti I, lista ta' rekwiżiti tad-disinn li jipprevjenu tnaqqis ulterjuri fil-piż jew fil-volum tal-imballaġġ mingħajr ma jipperikolaw il-funzjonalità tal-imballaġġ, inkluż is-sikurezza u l-iġjene, għall-prodott ippakkjat, għall-imballaġġ u għall-utent. Għandu jiġi deskritt il-metodu użat għall-identifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tad-disinn u għandhom jiġu spjegati r-raġunijiet li jipprevjenu tnaqqis ulterjuri fil-piż jew fil-volum tal-imballaġġ. Għandhom jiġu investigati l-opportunitajiet kollha ta' tnaqqis b'materjal tal-imballaġġ partikolari. Ma ***għandux ikun biżżejjed*** li materjal tal-imballaġġ jiġi sostitwit b'ieħor;

*Emenda*

(a) għal kull kriterju ta' prestazzjoni kif elenkat fil-Parti I, lista ta' rekwiżiti tad-disinn li jipprevjenu tnaqqis ulterjuri fil-piż jew fil-volum tal-imballaġġ mingħajr ma jipperikolaw il-funzjonalità tal-imballaġġ, inkluż is-sikurezza u l-iġjene, għall-prodott ippakkjat, għall-imballaġġ u għall-utent. Għandu jiġi deskritt il-metodu użat għall-identifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tad-disinn u għandhom jiġu spjegati r-raġunijiet li jipprevjenu tnaqqis ulterjuri fil-piż jew fil-volum tal-imballaġġ. Għandhom jiġu investigati l-opportunitajiet kollha ta' tnaqqis b'materjal tal-imballaġġ partikolari, ***bħat-tnaqqis ta' kwalunkwe saff superfluwu li ma jwettaqx funzjoni tal-imballaġġ.*** Li materjal tal-imballaġġ jiġi sostitwit b'ieħor ***ma għandux jittqies suffiċjenti;***

**Emenda 328**

**Proposta għal regolament  
Anness V – ringiela 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.	Imballaġġ kollettiv tal-	L-imballaġġ tal-plastik użat <b><i>fil-livell</i></b> tal-bejgħ <b><i>bl-imnut</i></b> biex jiġbor il-prodotti	Riti ta' kollazzjoni,
----	--------------------------	--	-----------------------

	plastik li jintuża darba biss	mibjugħin f'laned, f'vażetti u f'pakketti ddisinjati bħala imballaġġ ta' konvenjenza biex jippermetti jew jinkoraġġixxi <b><i>lill-utenti finali</i></b> jixtru aktar minn prodott wieħed. Dan jeskludi l-imballaġġ kollettiv meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat l-immaniġġar fid-distribuzzjoni.	tgeżwir li jiekien fid-daqs
--	-------------------------------	---	-----------------------------

*Emenda*

1.	Imballaġġ kollettiv tal-plastik li jintuża darba biss	L-imballaġġ tal-plastik użat <b><i>fil-punt tal-bejgħ</i></b> biex jiġbor il-prodotti mibjugħin <b><i>fi fliexken</i></b> , f'laned, f'vażetti u f'pakketti ddisinjati bħala imballaġġ ta' konvenjenza biex jippermetti jew jinkoraġġixxi <b><i>lill-konsumaturi</i></b> jixtru aktar minn prodott wieħed. Dan jeskludi l-imballaġġ kollettiv meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat l-immaniġġar fid-distribuzzjoni <b><i>minn negozju għal negozju</i></b> .	Riti ta' kollazzjoni, tgeżwir li jiekien fid-daqs
----	---	--	---

**Emenda 329**

**Proposta għal regolament  
Anness V – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2.	Imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss <b><i>jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss</i></b> għall-frott u għall-ħxejjex friski	Imballaġġ li jintuża darba biss għal <b><i>inqas</i></b> minn <b><i>1,5 kg</i></b> ta' frott u ħxejjex friski, sakemm ma jkunx hemm bżonn dimostrarbli li <b><i>jiġi evitat</i></b> telf ta' ilma jew telf ta' turġidità, perikli mikrobijoloġiċi jew xokkijiet fiżiċi.	Xbieki, boroż, trejs, kontenituri
----	---	---	-----------------------------------

*Emenda*

2.	Imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba	Imballaġġ li jintuża darba biss għal <b><i>anqas</i></b> minn <b><i>1 kg</i></b> ta' frott u ħxejjex friski, sakemm ma jkunx hemm bżonn dimostrarbli li <b><i>jiġu evitati</i></b> telf ta' ilma, <b><i>ekoloġizzazzjoni</i></b> , jew telf ta' turġidità, perikli mikrobijoloġiċi jew xokkijiet fiżiċi, <b><i>jew dment li dawn il-</i></b>	Xbieki, boroż, trejs, kontenituri
----	---	--	-----------------------------------

	biss għall-frott u għall-ħxejjex friski	<p><b>prodotti ma jkunux soġġetti għal DOP (Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta) u IĠP (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.</b></p> <p><b>Il-lista tal-prodotti kkonċernati għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u wara li tirċievi l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għandha tqis ir-riskji ta' taħsir u ta' ħela tal-ikel, meta dawn il-prodotti jinbiegħu bl-ingrossa.</b></p>	
--	---	--	--

### Emenda 330

#### Proposta għal regolament Anness V – ringiela 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3.	Plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss	L-imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur HORECA, li jinkludi ż-żona kollha tal-ikel ġewwa u barra post tan-negozju, li fiha jkun hemm imwejjed u banketti, żoni fejn wieħed joqgħod bilwieqfa, u żoni tal-ikel offruti lill-utenti finali b' mod konġunt minn diversi operaturi ekonomiċi jew parti terza għall-finijiet li jiġi kkunsmat l-ikel u x-xorb	Trejs, platti u kikkri li jintremew wara l-użu, boroż, fojl, kaxxi
----	--	--	--

*Emenda*

3.	Plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss	L-imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur HORECA, li jinkludi ż-żona kollha tal-ikel ġewwa u barra post tan-negozju, li fiha jkun hemm imwejjed u banketti, żoni fejn wieħed joqgħod bilwieqfa, u żoni tal-ikel offruti lill-utenti finali b' mod konġunt minn diversi operaturi ekonomiċi jew parti terza għall-finijiet li jiġi kkunsmat l-ikel u x-xorb, <b>dment li ma jkunx hemm bżonn dimostrarbli li jintuża imballaġġ uniku minħabba l-inabbiltà ta' aċċess għall-infrastrutturi li huma meħtieġa għall-operat xieraq ta' sistema ta' użu mill-ġdid.</b>	Trejs, platti u kikkri li jintremew wara l-użu, boroż, fojl, kaxxi
----	--	--	--

## Emenda 331

### Proposta għal regolament Anness V – ringiela 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.	Imballaġġ li jintuża darba biss għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor, u għall-ħwawar fis-settur HORECA	Imballaġġ li jintuża darba biss fis-settur HORECA, li fih porzjonijiet jew daqsijiet individwali, li jintuża għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor u għall-ħwawar, għajr imballaġġ bħal dan ipprovdut flimkien ma' ikel ippreparat minn qabel biex jittieħed id-dar maħsub għal konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri	Pakketti, kontenituri żgħar, trejs, kaxxi
----	--	--	---

*Emenda*

4.	Imballaġġ li jintuża darba biss għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor, u għall-ħwawar fis-settur HORECA	Imballaġġ li jintuża darba biss fis-settur HORECA, li fih porzjonijiet jew daqsijiet individwali, li jintuża għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor u għall-ħwawar, <b>għajr fil-każijiet li ġejjin:</b> <b>(a)</b> imballaġġ bħal dan ipprovdut flimkien ma' ikel ippreparat minn qabel biex jittieħed id-dar maħsub għal konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri; <b>(b) f'ċentri fejn attenzjoni u servizz individwalizzati huma meħtieġa, bħal sptarijiet, kliniċi, u djar tal-kura;</b> <b>(c) fil-każ ta' rziezet u negozji agrikoli li jwettqu attivitajiet ta' bejgħ dirett fis-swieq tal-bdiewa regolati mil-liġi nazzjonali jew reġjonali.</b>	Pakketti, kontenituri żgħar, trejs, kaxxi
----	--	---	---

## Emenda 332

### Proposta għal regolament Anness V – ringiela 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5.	Imballaġġ żgħir tal-lukandi li jintuża darba biss	Għall-kożmetiċi, għall-prodotti tal-iġjene u tal-indafa personali ta' <b>inqas</b> minn 50 ml għall-prodotti likwidi jew <b>inqas</b> minn 100 g għall-prodotti mhux likwidi	Fliexken tax-xampù, fliexken tal-kremi tal-idejn u tal-ġisem, boroż żgħar madwar sapun żgħir
----	---	--	--

*Emenda*

5.	Imballaġġ tal-plastik żgħir tal-lukandi li jintuża darba biss	Għall-kożmetiċi <b>kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009</b> , għall-prodotti tal-iġjene u tal-indafa personali ta' <b>anqas</b> minn <b>100 ml</b> għall-prodotti likwidi jew <b>anqas</b> minn 100 g għall-prodotti mhux likwidi	Fliexken tax-xampù, fliexken tal-kremi tal-idejn u tal-ġisem, boroż żgħar madwar sapun żgħir
----	---	---	--

**Emenda 333**

**Proposta għal regolament  
Anness V – ringiela 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

<b>(5a)</b>	<b>Imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss fl-ajruporti</b>	<b>Għall-bagalji u l-basktijiet</b>	<b>Tgeżwir li jiċkien fid-daqs</b>
-------------	---	-------------------------------------	------------------------------------

**Emenda 334**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – ringiela 5b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

<b>(5b)</b>	<b>L-imballaġġ sekondarju mhux meħtieġ biex</b>	<b>Għall-prodotti kożmetiċi, minbarra l-fwejjaħ, il-prodotti tal-iġjene u tal-indafa personali</b>	<b>Kaxxi għat-toothpaste u għall-kremi</b>
-------------	---	--	--



	<i>jikkonforma mal-kriterji tal-prestazzjoni fl-Anness IV</i>		
--	---	--	--

### Emenda 335

#### Proposta għal regolament Anness VI – parti A – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Sistemi ta' ċirkwit miftuħ stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżiti skont il-Parti A, 1. (a), (b), (c), (d), (f) u (g).*

### Emenda 336

#### Proposta għal regolament Anness VI – parti B – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1 Il-proċess ta' rikondizzjonar ma għandux joħloq riskji għas-saħħa u għas-sikurezza ta' dawk responsabbli biex jagħmlu dan u għandu ***jagħmel mill-aħjar li jista' biex inaqqas*** l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Dan għandu jitħaddem f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar materjali sensitivi għall-kuntatt.

1 Il-proċess ta' rikondizzjonar ma għandux joħloq riskji għas-saħħa u għas-sikurezza ta' dawk responsabbli biex jagħmlu dan u għandu ***jimminimizza*** l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Dan għandu jitħaddem f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar materjali sensitivi għall-kuntatt, ***l-iskart u l-emissjonijiet industrijali.***

### Emenda 337

#### Proposta għal regolament Anness VI – parti C – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ikun fihom apparat ***għall-użin*** li jippermetti ***li jintiżen il-kontenitur tal-utent finali;***

(b) ikun fihom apparat ***tal-kejl*** li jippermetti ***lill-utent finali jkun jaf il-kwantità eżatta mixtrija***

## Emenda 338

### Proposta għal regolament Anness X – paragrafu 2 – punt j

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) *mill-inqas 1 % tal-fatturat* annwali tal-operatur tas-sistema (*esklużi d-depożiti*) *jintuża* għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni *pubblikadwar l-informazzjoni* dwar l-imballaġġ tal-iskart mill-imballaġġ;

*Emenda*

(j) *parti mill-fatturat* annwali tal-operatur tas-sistema *tintuża* għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni *pubblika* dwar l-imballaġġ tal-iskart mill-imballaġġ;

## Emenda 339

### Proposta għal regolament Anness V – paragrafu 2 – punt la (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(la) L-Istati Membri għandhom iqisu l-fatturi msemmija fil-punt (l) (ii), (iii), (iv) u (v) meta tiġi stabbilita sistema diġitali ta' rifiżjoni tad-depożitu u ma tkunx organizzata fil-livell tad-distributuri finali;*

*Emenda*

## Emenda 340

### Proposta għal regolament Anness X – paragrafu 2 – punt o

*Test propost mill-Kummissjoni*

(o) l-imballaġġ kollu abbinat ma' depożitu *jkun* ittikkettat b'mod ċar, sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jidentifikaw faċilment il-ħtieġa li imballaġġ bħal dan jiġi rritornat;

*Emenda*

(o) l-imballaġġ kollu abbinat ma' depożitu *li għandu jinġabar minn sistema DRS ikun* ittikkettat b'mod ċar, sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jidentifikaw faċilment il-ħtieġa li imballaġġ bħal dan jiġi rritornat.

## Emenda 341

### Proposta għal regolament Anness X – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minbarra r-rekwiżiti minimi, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali, kif xieraq, sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex tizzied il-purità tal-iskart mill-imballaġġ miġbur, jitnaqqas l-iskart jew jiġu promossi oġettivi oħrajn tal-ekonomija ċirkolari.

*Emenda*

Minbarra r-rekwiżiti minimi, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali, kif xieraq, sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex tizzied il-purità tal-iskart mill-imballaġġ miġbur, jitnaqqas l-iskart jew jiġu promossi oġettivi oħrajn tal-ekonomija ċirkolari ***bħall-iżgurar ta' aċċess sikur u ġust għal materja prima riċiklata għall-użu f'applikazzjonijiet li jippermettu aktar riċiklabilità u li jistgħu jintużaw mill-ġdid bl-istess mod jew għall-istess kategorija ta' prodotti jew għal dik simili.***